

# BIEX INT TGĦIX AĦJAR

DOKUMENT QABEL IL-BAĠIT

2006-2010

Stampat fl-Istamperija tal-Gvern

"Nixtiequ niddiskutu miegħek id-deċizjonijiet li jagħtu garanzija ta' l-aħjar futur għalik u għal uliedek"



# KELMTEJN TA' QABEL

Il-Gvern immexxi minni jemmen li pajjiżna għandu l-potenzjal li jaċċerta għaliħ innifsu l-aħjar. Nemmnu f'dan il-potenzjal; determinati li nilħquħ.

Li nkunu l-aħjar għandha tkun fil-qalba ta' kull ma nagħmlu f'kull qasam ta' ħajjitna. Għandna nimmiraw li nkunu l-aqwa f'dak kollu li nagħmlu, u nkunu kburin li nagħmlu hekk. Hija din l-attitudni lejn ix-xogħol u lejn il-ħajja li tista' tagħti garanzija li Malta tirnexxi quddiem l-isfidi li għandna quddiemna.

Fil-Baġit ta' din is-sena, il-Gvern immexxi minni stabilixxa l-Ekonomija, l-Ambjent u l-Edukazzjoni bħala l-pilastri ewlenin tal-attività tiegħu. Issa qegħdin nieħdu kont ta' l-ewwel nofs ta' din is-sena, bħala parti mill-proċess ta' preparazzjoni ghall-Baġit 2006. U nixtiequ li inti tipparteċipa f'dan il-proċess li bdejna fil-laqgħat ta' djalogu li kelli matul dawn l-aħħar tliet xhur. Irridu li dan il-proċess ikompli. Huwa propju għaliex nemmnu li l-kontribuzzjoni tiegħek tgħinna nippreparaw Baġit aħjar, li l-Gvern immexxi minni għażel li jippublika dan id-Dokument Qabel il-Baġit.

Il-process tal-Baġit ta' kull sena mhuwiex biss deċizjoni dwar kif jintefqu it-taxxi tiegħek, kemm jiġi vvutat ghas-Saħħa, Sigurtà Soċjali, Edukazzjoni, Ambjent, Sigurtà, Infrastruttura, Amministrazzjoni tal-Gvern, u setturi oħra importanti. Il-Baġit jgħin lill-pajjiz jieħu deċizjonijiet strategiċi importanti, li jħallu l-frott fis-snin li ġejjin. Nixtiequ niddiskutu miegħek id-deċizjonijiet li jagħtu garanzija ta' l-aħjar futur għalik u għal uliedek.

F'isem il-Gvern immexxi minni, nistiednek tgħinna nippreparaw il-Baġit 2006 billi tipparteċipa fil-proċess ta' konsultazzjoni ta' qabel il-Baġit. Permezz tal-kontribuzzjoni tiegħek nibnu movement aktar b'saħħtu biex neċċellaw.

Il-Gvern immexxi minni determinat li jagħti dak li jwiegħed. L-impenn tiegħek huwa deċisiv biex Malta teċċella.

30 ta' Lulju 2005



# Werrej

**Kapitlu 1 - Viżjoni li qed tissawwar** ... 7

01.1 L-aħjar ġejjieni għalik u għal uliedek ... 8
01.2 Għaliex dan id-dokument ... 8
01.3 Il-mira ta' dan id-dokument ... 9
01.4 Il-perjodu ta' l-ippjanar tal-Baġit ... 9
01.5 It-Triq 'il Quddiem ... 10

**Kapitlu 2 - L-isfida li Malta qed tħabbat wiċċha magħhom** ... 11

02.1 Ħarsa ġenerali fuq l-ekonomija Maltija ... 14
02.1.1 Il-Bilanċ tal-Pagamenti ... 15
02.1.2 Finanzi tal-Gvern ... 17
02.1.3 Prezzijiet lill-Konsumatur ... 23
02.1.4 Is-Suq tax-Xogħol ... 24
02.1.5 Manifattura ... 27
02.1.6 Turiżmu ... 28
02.1.7 Żieda tal-Pagi u Produttività ... 32
02.1.8 Teknoloġija ta' l-informazzjoni u Komunikazzjoni ... 33

**Kapitlu 3 - Il-Kompettività: il-bażi ta' l-istrateġija tagħna** ... 35

03.1 Niġbdu l-investiment ... 36
03.2 Titjib għal livell modern tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol ... 37
03.3 Tisħiħ ta' kultura intraprenditorjali ... 38
03.4 Niżguraw swieq flessibbli ... 39
03.5 Insaħħu l-innovazzjoni ... 39

**Kapitlu 4 - Direzzjonijiet fil-Baġit għall-2006 li Jifirdu l-Viżjoni ta' Eċċellenza** ... 41

04.1 L-Ekonomija ... 42
04.1.1 Miżuri Fiskali ... 42
04.1.2 Is-Servizz Pubbliku u s-Settur Pubbliku ... 44
04.1.3 Il-Funzjoni tal-Gvern fl-Ekonomija ... 47
04.1.4 Miżuri biex Jinkoraġġixxu t-Tkabbir ... 49
04.1.5 Għawdex ... 55
04.1.6 Sostenn lill-industrija tat-Turiżmu ... 56
04.1.7 Tisħiħ tas-Settur tas-Servizzi Finanzjarji ... 58
04.1.8 Impjiegi ... 59
04.1.9 Teknoloġija ta' l-informazzjoni u Komunikazzjoni (ICT) ... 60
04.1.10 Xjenza u Teknoloġija ... 61

04.2 L-Edukazzjoni ... 63
04.2.1 Edukazzjoni Obbligatorja ... 63
04.2.2 Edukazzjoni Għolja u Terzjarja ... 64
04.2.3 L-Impenn tal-Gvern li jsostni r-rati ta' parteċipazzjoni fl-edukazzjoni ogħla ... 66
04.2.4 Edukazzjoni u Taħriġ għall-Adulti ... 68
04.2.5 L-Ingliż mitkellem u miktub ... 68
04.2.6 L-Edukazzjoni hija l-muftieħ ... 68

04.3 Lejn Ambjent u Infrastruttura Mtejbin ... 68
04.3.1 *Parks* u spazji miftuħa ... 69
04.3.2 Riabilitazzjoni tal-widien u mogħdijiet ta' l-ilma wara l-maltemp ... 69
04.3.3 L-Enerġija ... 70
04.3.4 L-immaniġġjar ta' l-iskart ... 71
04.3.5 Ir-Rimi ta' l-Iskart ... 72
04.3.6 Il-Konservazzjoni tar-Riżorsi ... 73
04.3.7 Is-Servizz Pubbliku Bħala Green Leader ... 73
04.3.8 Żvilupp Rurali ... 73
04.3.9 Titjib tax-Xibka tat-Toroq ... 73
04.3.10 It-Titjib Infrastrutturali ... 74
04.3.11 Il-Ħarsien u t-Titjib tal-Wirt Kulturali ta' Malta ... 74
04.3.12 L-Arti ... 75
04.3.13 Proġetti ta' Tisbiħ fil-Bliet ... 76

04.4 Il-Ħarsien Soċjali ... 76
04.4.1 Is-Saħħa ... 77
04.4.2 Il-Pensjonijiet ... 78
04.4.3 Is-Sigurtà Soċjali ... 78
04.4.4 Akkomodazzjoni Soċjali ... 80

04.5 Djar u Propjetà ... 80

04.6 Is-Sigurtà u l-Istat tad-Dritt ... 81

**Kapitlu 5 - Gvern li jwettaq dak li jwiegħed. Nazzjon li jeċċella** ... 83

05.0 Gvern li jwettaq dak li jwiegħed ... 84

05.1 Nazzjon li jeċċella ... 86

**Noti** ... 88



# Viżjoni li qed tissawwar

KAPITLU 01

## 01.1 L-aħjar ġejjieni għalik u għal uliedek

Il-viżjoni tal-Gvern għal Malta hija dik ta' ekonomija dinamika u b'valur miżjud għoli msejsa fuq ħiliet u eċċellenza u li kapaċi ssostni livell ta' ħajja għoli għall-poplu kollu tagħha. Il-missjoni tagħna hija ċara: li niżguraw li kull wieħed u waħda minn, huma x'inhuma t-talenti tiegħu jew tagħha, ikun jista' jagħti sehmu għat-tkabbir ekonomiku li jiżgura ġejjieni aħjar għalik u għal uliedek.

Biex nilħqu din il-viżjoni u missjoni jeħtieġ pjan ta' azzjoni. Programm ta' dix-xorta jitlob għadd ta' għażliet u jrid iqis il-ħiliet u ċ-ċirkustanzi attwali tagħna u l-isfidi li niffaċċjaw bħala nazzjon. L-għażliet li jinvolvi jinkludu dawk bejn traqqigħ popolari ta' malajr u soluzzjonijiet għat-tul, bejn sigurtà u addattabilità, bejn it-tħaddin tal-ħtieġa li ninbidlu u l-ħarba minn dil-ħtieġa.

Fit-teħid ta' deċiżjonijiet bħal dawn jistgħu jqumu nuqqas ta' qbil u kontroversji; madankollu dan il-proċess ma nistgħux naħarbu minnu. Pajjiżna m'għandux għalfejn jibża' mill-bidla. L-għan tagħna bħala Gvern huwa li mmexxu din il-bidla billi nħejju l-art għall-imprenditorija kreattiva, opportunitajiet ta' investiment li jagħtu l-frott kif ukoll aktar impjiegi u impjiegi ta' kawlita' għolja għal nies imħarrġa sewwa.

Il-Gvern Nazzjonalista ta' qabel diġa' mexxa lil pajjiżna f'bidla mill-għeruq li fetħet opportunitajiet politiċi u ekonomiċi ġodda. Aħna ttrasformajna din in-nazzjon minn ekonomija mhux demokratika kkontrollata mill-Gvern b'opportunitajiet edukattivi limitati, infrastruttura fqira u servizzi inadegwati, f'soċjetà demokratika b'ekonomija miftuħa liberalizzata mmexxija mill-inizjattiva privata u li tiftaħar b'opportunitajiet edukattivi, servizzi tas-saħħa u strutturi ta' solidarjetà bil-wisq aħjar. Din il-bidla tqiegħed in-nazzjon tagħna f'livell ugwali ma' pajjiżi Ewropej oħra.

Għal darb'oħra Malta qiegħda f'salib it-toroq. Bidliet fundamentali għaddejjin fl-ambjent ekonomiku internazzjonali li jmorru lil hinn miċ-ċiklu ekonomiku normali.

Il-formoli antiki għal żvilupp ekonomiku f'Malta, validi kemm kienu validi fi żmienhom, illum qed jitilfu r-rilevanza tagħhom u għada jkunu qdiemu għal kollox. Bħala nazzjon aħna rridu naddattaw ruħna għal realtajiet ekonomiċi ġodda u rridu ntejbu l-produttività ekonomika tagħna biex inżommu sħiħ f'ekonomija dinjija li qed tinbidel. Din hija sfida kbira li rridu nagħrfu u nindirizzaw b'mod riżolut. Jekk ma nagħmlux dan, jidħol dubju dejjem jikber dwar il-ħila tagħna li nżommu l-livell ta' għajxien kurrenti tagħna, aħseb u ara dwar kemm jirnexxilna nsostnu t-titjib gradwali li drajna bih tul is-snin.

Hu importanti li niżviluppaw miżura ta' kunsens nazzjonali fir-rigward ta' l-isfidi li għandna quddiemna u l-mod kif nindirizzawhom. Jekk il-bidliet ikollhom l-appoġġ ta' determinazzjoni nazzjonali, iċ-ċans li jirnexxu jkun wisq akbar. Dan id-dokument konsultattiv hu maħsub bħala pass 'il quddiem fit-triq biex nilħqu dan l-għan. Hu jiddeskrivi l-isfidi li qed niffaċċjaw u jagħti l-għażliet miftuħin għall-Gvern biex itejjeb il-kompetittività nazzjonali u hekk jikkonsolida l-progress ta' Malta lejn tkabbir ekonomiku u prosperità mġeddin. Hu ttamat li d-dokument jinawgura djalogu nazzjonali li fih is-setturi kollha tas-soċjetà – partiti politiċi, korpi kostitwiti, organizzazzjonijiet oħra mhux governattivi u, l-aktar importanti, il-pubbliku ġenerali nnifsu – ikunu jistgħu jieħdu sehem.

Madanakollu, wara dan id-djalogu, ikun meħtieġ li jittieħdu d-deċiżjonijiet. Irridu niżguraw li d-deċiżjonijiet li jittieħdu ikunu l-aħjar deċiżjonijiet li jiżguraw tkabbir u tisħiħ ekonomiku u soċjail għal Maltin u l-Għawdxin kollha.

## 01.2 Għaliex dan id-dokument

Dan id-dokument konsultiv, maħsub bħala perkursur għall-Baġit ta' l-2006, jieħu bħala l-bażi tal-viżjoni tiegħu qafas ta' żmien li jkopri ħames snin (2006–10).

Saret prattika stabbilita sewwa li l-gvernijiet Maltin jippubblikaw *White Papers* bħala bażi għal konsultazzjoni fuq proposti maġġuri ta' politika u suġġetti importanti ta' leġiżlazzjoni. Fil-fatt hu ġust li jingħad li l-pubblikazzjoni ta' *White Paper* fuq inizjattiva ta' politika partikolari timmarka dik l-inizjattiva bħala waħda li l-Gvern jagħtiha importanza partikolari.

Il-Baġit annwali tal-Gvern jimmerita trattament simili. Il-Baġit annwali m'hux sempliċement dikjarazzjoni ta' kontabilità jew tbassir tal-ħruġ u dħul ta' flus skond kif jaffettwaw il-likwidità monetarja; għall-kuntrarju, hu stqarrija awtorevoli tal-prijoritajiet tal-Gvern kif rappreżentati bl-aktar manjiera tanġibbli possibbli mill-fondi allokati għat-twettiq tagħhom. Għalhekk huwa wieħed mid-dokumenti mill-aktar sinifikanti li gvern jista' jippubblika. Barra minn hekk, il-Baġit hu għodda importanti ta' politika ekonomika u soċjali, u strument kjavi li bis-saħħa tiegħu għandhom ikunu indirizzati l-isfida li Malta qed tiffaċċja.

Waqt li jkun kontro-produċenti li jitħabbru bil-quddiem ċerti miżuri fiskali, il-Baġit b'mod ġenerali m'hemmx għalfejn u m'għandux ikunu imkeffen f'segretezza. Minn issa 'l quddiem il-Gvern se jqiegħed il-fehmiet u l-għażliet tiegħu dwar il-prijoritajiet tal-Baġit għall-iskrutinju u konsultazzjoni pubbliċi qabel sew ma l-Baġit ikun ippreżentat formalment fil-Parlament. Dan hu l-iskop ta' dan id-dokument li huwa wieħed minn tliet dokumenti strateġiċi li jfissru l-aġenda tal-Gvern għas-snin li ġejjin; it-tnejn l-oħra huma:

- il-Programm Nazzjonali ta' Riforma li hu maħsub biex jindirizza l-kompetittività ta' Malta f'termini ta' l-Aġenda ta' Lisbona ta' l-UE;
- il-Programm Nazzjonali ta' Referenza Strateġika li jagħti l-prijoritajiet strateġiċi għall-fondi strutturali ta' Objettiv 1 mill-UE għall-perjodu 2007–13.

## 01.3 Il-mira ta' dan id-dokument

Diġà fl-imgħoddi l-Gvern daħal għal eżerċizzji ta' konsultazzjoni fuq il-Baġit. Dan id-dokument jibni fuq din l-esperjenza. U hu maħsub ukoll biex iwassa' l-proċess ta' konsultazzjoni b'żewġ modi.

L-ewwelnett, il-proċess ta' konsultazzjoni qed jitwassa' biex jiġbor fih l-Imsieħba Soċjali kollha, is-soċjetà ċivili u l-pubbliku ġenerali, flimkien mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD). Għall-ewwel darba, ċittadini ordinarji jistgħu jaraw huma stess dak li l-Gvern qed jipproponi bħala prijoritajiet u jistgħu jesprimu fehmiethom fuq jekk dawk il-prijoritajiet humiex dawk tajbin jew jekk hemmx materji aktar importanti li tħallew barra. Biex iħaffef il-konsiderazzjoni tal-proposti, il-proċess ta' konsultazzjoni qed jinbeda aktar kmieni tul is-sena milli kien isir qabel. Il-perjodu ta' konsultazzjoni jibqa' sejjer sat-30 ta' Settembru 2005. Kull fehma jew kumment jistgħu jintbagħtu lis-segretarjat tal-Prim Ministru billi jintużaw id-dettalji kif tagħmel kuntatt mogħtija hawn taħt.

It-tieninett, l-iskop innifsu tad-dokument ta' konsultazzjoni qed jitwassa'. M'hux limitat għal analiżi makroekonomika jew miżuri fiskali u ekonomiċi kif mifhuma tradizzjonalment. Hu jirrifletti l-wisa' tal-bidliet li huma meħtieġa fil-parti kbira ta' l-ispettru tal-politika pubblika biex jindirizzaw l-isfidi li Malta qed tiffaċċja u biex itejbu l-kompetittività tagħha. Hu jiffoka fuq prijoritajiet biex tittieħed azzjoni li twassal għal proposti speċifiċi għall-perjodu sa l-2010 (għalkemm dawn ma jistgħux jitfissru f'termini dettaljati ħafna f'dan l-istadju).

## 01.4 Il-perjodu ta' l-ippjanar tal-Baġit

L-ibbaġittjar ta' kull sena iġib miegħu r-riskju li jista' jrawwem mentalità li tħares biss lejn perjodu qasir, u hekk dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet ma jqisux l-implikazzjonijiet għat-tul tad-deċiżjonijiet tagħhom. Fil-fatt, il-Baġit ta' kull sena jista' jsir sempliċement kopja ta' dak tas-sena ta' qabel b'aġġustamenti żgħar.

Naturalment m'hux realistiku taħseb li dawk li jippreparaw il-Baġit jistgħu jibdew b'folja nadifa għalkollox. Il-biċċa l-kbira tal-infiq tal-Gvern imur biex jissodisfa obbligi legali, jiffinanzja programmi ta' politika li ġejjin minn snin twal qabel, jew biex jitlestew proġetti li jkunu nbdew fis-snin ta' qabel. F'kull sena meħuda għaliha, infiq tassew diskrezzjonali – jiġifieri fondi li jistgħu jkunu trasferiti għal prijoritajiet differenti skond kif il-Gvern jidhirlu meħieġ – fil-fatt jirrappreżentaw proporzjon x'aktarx żgħira tal-Baġit. Dan ma jiġrix kieku wieħed ikollu jieħu perjodu mifrux fuq diversi snin, basta l-Baġit ta' kull sena jitfassal b'viżjoni konsistenti. Minn hawn toħroġ l-importanza li l-Baġit ta' kull sena jitqiegħed sewwa fil-kuntest ta' programm ta' medda itwal. Bl-istess mod hu ttamat li sottomissjonijiet mill-pubbliku dwar il-prijoritajiet imsemmija hawn isiru b'viżjoni li wkoll tqis b'mod ċentrali din il-medda itwal ta' snin.

Il-perjodu ta' ħames snin meqjus minn dan id-dokument jirrappreżenta wkoll pass lejn tfassil ta' Baġit li jaħseb għal aktar minn sena waħda li jikkunsidra l-impatt tad-deċiżjonijiet fuq is-snin li ġejjin. Ekonomija stabbli u b'saħħitha titlob sostenibilità finanzjarja. Din is-sostenibilita`, min-naħa tagħha, titlob li kull ġenerazzjoni għandha tgħix skond kemm tiflaħ u m'għandhiex tgħaddi l-infiq tagħha bħala piż fuq ġenerazzjonijiet futuri. Madankollu, investimenti li jifirxu l-benefiċċji tagħhom fuq aktar minn ġenerazzjoni waħda jistgħu jitolbu li l-ispiża finanzjarja tinqasam ma' ġenerazzjonijiet futuri.

Fl-imgħoddi l-Gvern diġà fisser l-intenzjoni tiegħu li jasal għal sostenibilità finanzjarja tul il-perjodu kopert minn dan id-dokument. Dan l-għan jibqa' importanti mill-aspett ta' kompetittività ekonomika. Hawn ukoll hu ttamat li sottomissjonijiet li jsiru, jżommu quddiem għajnejhom sewwa dan l-aspett: ibbaġitjar realistiku jfisser li trid tagħżel, u suġġerimenti biex tonfoq aktar f'qasam partikolari wieħed jassumu piż akbar jekk ikunu akkumpanjati minn indikazzjonijiet dwar minn fejn jistgħu jsiru riduzzjonijiet li jagħmlu tajjeb għan-nefqa ġdida.

## 01.5 It-Triq 'il Quddiem

L-ippjanar għal medda ta' żmien minn medja sa għat-tul għandu jkun eżerċizzju għaddej il-ħin kollu. Il-prijoritajiet stabbiliti issa għandhom isiru fuq il-bażi ta' l-aħjar stima possibbli tax-xejriet sa l-2010, iżda m'hux realistiku li wieħed jistenna li dawn il-prijoritajiet jibqgħu validi tul il-perjodu kollu għaliex iċ-ċirkustanzi jafu jinbidlu b'mod li hu impossibbli li jitbassar illum. Għaldaqstant hemm l-intenzjoni li kull sena, tingħata ħarsa ġdida lill-prijoritajiet stabbiliti u jitħejja dokument bħal dan (anke jekk b'irfinituri fid-dawl ta' l-esperjenza) bħala bażi għal konsultazzjoni pubblika qabel il-Baġit ta' kull sena.

Sottomissjonijiet fuq dan id-dokument għandhom jintbagħtu sat-30 ta' Settembru 2005 lil:

On. Tonio Fenech
Chair
Il-Grupp dwar l-Ippjanar tal-Baġit
Segretarjat tal-Prim Ministru
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Berġa ta' Kastilja
Valletta CMR 02

Email: budget2006@gov.mt



# L-isfidi li Malta qed tħabbat wiċċha magħhom

KAPITLU 02

## ĦARSA ĠENERALI FUQ IL-QAGĦDA EKONOMIKA INTERNAZZJONALI

Mhuwiex il-ħsieb ta' dan id-dokument li jagħti ħarsa fil-fond lejn il-qagħda ekonomimka internazzjonali Madankollu, meta nqisu l-ftuħ ta' l-ekonomija Maltija, ikollna nagħtu ħarsa ġenerali lejn il-qagħda ekonomika internazzjonali sabiex inpoġġu l-iżviluppi lokali f'kuntest internazzjonali xieraq.

It-tkabbir ekonomiku globali mmodera ruhu wara li laħaq is-6.0 fil-mija lejn l-aħħar tal-2003 u l-bidu tal-2004. Din il-qagħda kienet imsieħba minn tnaqqsis sostanzjali fil-produzzjoni industrijali u l-kummerċ dinji u tirrifletti pass aktar sostenibbli ta' tkabbir u l-impatt negattiv tal-prezzijiet għolja taż-żejt. It-tkabbir mondjali tal-Prodott Gross Domestiku mistenni jkun madwar 4.3 fil-mija matul l-2005, li huwa 0.8 fil-mija anqas mill-2004; huwa mistenni li din tkun il-qagħda matul l-2006. Il-kummerċ dinji mistenni li jinżel għal 7.4 fil-mija wara li kiber b'9.4 fil-mija matul l-2004.

It-tkabbir ekonomiku fl-Istati Uniti, li mistenni li jkun 3.6 fil-mija, jiġifieri ogħla minn dak mistenni, huwa mmexxi prinċiparjament mid-domanda domestika. Il-tkabbir fl-Asja, partikolarment fiċ-Cina, huwa mistenni li jibqa' f'saħħtu. L-Asja tal-Lvant, imbuttat b'mod qawwi il-kummerċ dinji matul l-aħħar snin.

Fl-Ewropa, wara tkabbir inkoraġġanti fl-ewwel sitt xhur tal-2004, id-domanda naqset fl-aħħar sitt xhur, spalla ma' spalla mal-kunfidenza tal-konsumaturi u tan-negozju. Għalkemm jista' jidher li t-tkabbir reġa' qabad l-art fil-bidu ta' din is-sena, dan it-tkabbir rega' waqa' u ma jidhirx li l-istampa ser tinbidel qabdel aktar tard din is-sena. Fl-area tal-Euro, huwa mistenni li t-tkabbir ikun 1.2 fil-mija, imqabbel mal-1.8 fil-mija tas-sena l-oħra. Kaxxa 1 tagħti stampa tal-projezzjonijiet ta' bħalissa għall-ekonomija mondjali fl-2005 u 2006.

Ir-riskji għall-ekonomija internazzjonali huma ċari ħafna. L-aspetativi ta' investiment, globalment, qed imorru lura. Barra minn hekk, il-prezzijiet għoljin tal-enerġija - li huma ġejjin mill-prezzijiet taż-żejt dejjem jogħlew, li riċentement qabeż il-$61 – qed jagħfsu ħafna fuq il-qagħda internazzjonali li hija diġa vulnerabbli. Il-prezzijiet taż-żejt huma mistennija li jibqgħu għoljin, tal-anqas għall-futur qrib, u allura jkomplu jipperikolaw it-tkabbir ekonomiku u l-inflazzjoni.

**Kaxxa 1. Indikaturi Ekonomici Ewlenin**

| **Tkabbir PGD Reali** | **2004** | **2005** | **2006** |
|---|---|---|---|
| Stati Uniti | 4.4 | 3.6 | 3.3 |
| Ġappun | 2.6 | 1.5 | 1.7 |
| Żona Euro | 1.8 | 1.2 | 2.0 |
| OECD | 3.4 | 2.6 | 2.8 |
| **Inflazzjoni** | **2004** | **2005** | **2006** |
| Stati Uniti | 2.1 | 2.4 | 2.2 |
| Ġappun | -1.2 | -0.9 | 0.0 |
| Żona Euro | 1.9 | 1.5 | 1.7 |
| OECD | 2.0 | 1.9 | 1.9 |
| **Rata tal-Qgħad** | **2004** | **2005** | **2006** |
| Stati Uniti | 5.5 | 5.1 | 4.8 |
| Ġappun | 4.7 | 4.4 | 4.1 |
| Żona Euro | 8.9 | 9.0 | 8.7 |
| OECD | 6.7 | 6.7 | 6.4 |
| **Tkabbir fil-Kummerċ Dinji** | 9.4 | 7.4 | 9.4 |

*OECD (May 2005) Economic Outlook*

**Ċart 1. Ċaqlieq fil-prezz taż-żejt Brent mhux raffinat (Perjodu ta' 12-il xahar sal-21 ta' Lulju 2005)**



## L-IMPATT TAL-PREZZIJIET TAŻ-ŻEJT FUQ L-EKONOMIJA

Skond għad ta' analisti, it-tkattir fil-prezzijiet se jwassal għal tnaqqis fit-tkabbir ekonomiku globali fl-2005 u fis-snin ta' wara, imma mhux bil-fors se jikkawża tnaqqis sostanzjali fl-attivita` ekonomika, jew reċessjoni.

Hemm diversi raġunijiet għaliex il-prezzijiet taż-żejt huma tant instabbli. Billi ż-żejt huwa indispensabbli għal ħafna attivitajiet ekonomiċi, l-elastiċita` fit-talba globali għaż-żejt hija baxxa. Ma' dan irridu nżidu li l-elastiċità fid-dħul finanzjarju minħabba t-talba għaż-żejt hija għolja minħabba r-relazzjoni qawwija li hemm bejn il-livell ta' attivita` ekonomika u t-talba għall-enerġija. Barra dan, bħala riżultat tal-kondizzjonijiet ġenerali tas-suq u ta' l-investiment fis-suq taż-żejt, l-elastiċita` fil-provvista taż-żejt hija baxxa.

It-talba globali għaż-żejt tiġi determinata l-ewwel u qabel kollox mis-saħħa ta' l-attivita` ekonomika globali, u bilkemm hija influwenzata b'ċaqlieq fil-prezzijiet taż-żejt, speċjalment għax-xhur u s-snin li ġejjin. Għalhekk, bidliet żgħar fil-bilanċ bejn it-talba globali għaż-żejt u l-provvista aktarx li jwasslu għal ċaqlieq qawwi fil-prezzijiet taż-żejt.

F'livell internazzjonali, il-prezzijiet ogħla taż-żejt iwasslu biex id-dħul finanzjarju jgħaddi mill-pajjiżi li jimpurtaw iż-żejt għal dawk li jesportawh. F'livell nazzjonali, it-tkattir fil-prezzijiet taż-żejt iwassal biex id-dħul finanzjarju għaddi mill-konsumaturi għal min jipprovdi l-enerġija. Ċaqlieq bħal dan iwassal biex titnaqqas it-talba għaż-żejt għal prodotti u servizzi oħra kemm f'livell ta' ekonomija internazzjonali kif ukoll dik lokali, li fix-xhur li ġejjin aktarx li jwassal għal tnaqqis fit-talba globali u nazzjonali.

Minħabba t-tkattir fil-prezzijiet taż-żejt, jogħlew ukoll l-ispejjeż tal-produzzjoni tista' tgħid fl-industriji kollha, imma b'mod speċjali fis-setturi li jiddependu ħafna fuq l-enerġija, bħat-trasport. Sakemm hu possibbli, in-negozji s-soltu jipprovaw jgħaddu dan it-tkattir fl-ispejjeż lill-konsumaturi tagħhom. Għalhekk, it-tkattir fil-prezzijiet taż-żejt aktarx li jwassal għal żieda fl-inflazzjoni. Dan jista' jwassal għal talbiet għal żidied fil-pagi biex ipattu għat-telfien tas-saħħa tax-xiri. Fejn in-negozji ma jistgħux jgħaddu l-impatt tat-tkattir fil-prezzijiet taż-żejt lill-konsumaturi, ikun hemm tnaqqis fil-profitti u fid-dħul fuq il-kapital. Minbarra l-konsegwenzi li dan għandu fuq l-investiment, eventwalment jista' jkun hemm ukoll tnaqqis fit-talba għax-xogħol.

Saru eżerċizzji ta' simulazzjoni minn għadd ta' istituzzjonijiet multilaterali dwar l-impatt tal-prezzijiet taż-żejt fuq l-inflazzjoni u l-produzzjoni. Rapport reċenti ta' l-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija (IEA) msejjaħ 'Analiżi ta' l-impatt ta' Prezzijiet Ogħla taż-Żejt fuq l-Ekonomija Globali' jsostni li tkattir sostnut ta' $10 kull barmil fil-prezzijiet taż-żejt iwassal għal tnaqqis ta' 0.5 u 0.4 fil-mija rispettivament fil-PGD dinji u ta' l-OECD fl-ewwel sentejn tat-tkattir fil-prezzijiet. Fl-OECD, ikun hemm tkattir fl-inflazzjoni ta' 0.5 fil-mija. Jiżdied ukoll il-qgħad. Il-pajjiżi fiż-żona ewro jaraw il-PGD tagħhom jonqos b'0.5 fil-mija fil-waqt li l-inflazzjoni tiżdied b'0.5 fil-mija fl-ewwel sena. Madankollu, l-iktar li jintlaqtu ħażin ikunu l-pajjiżi li jimpurtaw iż-żejt. L-IEA tistma li t-tnaqqis fil-PGD jkun ta' 0.8 fil-mija fl-Asja, 1.6 fil-mija f'pajjiżi foqra bi djun kbar, u 3 fil-mija fl-Afrika ta' taħt is-Sahara.

L-ekonomija Maltija tiddipendi esklussivament fuq iż-żejt għall-bżonnijiet ta' enerġija tagħha. Għalhekk, it-tkattir fil-prezzijiet taż-żejt ħalla impatt negattiv fuq il-produzzjoni u l-inflazzjoni lokali. Huwa stmat li l-impatt ta' dan it-tkattir fil-prezzijiet fuq is-setturi differenti ekonomiċi fl-ekonomija Maltija naqqas il-PGD bi 2.0 fil-mija f'termini nominali u 1.9 f'termini reali fl-ewwel kwart ta' din is-sena.

## 02.1 Ħarsa ġenerali fuq l-ekonomija Maltija

L-operat ekonomiku tul il-ftit snin li għaddew kien influwenzat ħafna mill-kondizzjonijiet ekonomiċi u politiċi domestiċi u internazzjonali. L-inċertezzi maħluqin fil-kamp domestiku mid-dibattitu intens fuq is-sħubija tagħna fl-UE, u wkoll il-kondizzjonijiet imqallba ekonomiċi u politiċi internazzjonali li rriżultaw f'perjodi ta' telqa ekonomika relattiva għal ħafna ekonomiji nazzjonali, influenzaw il-qagħda ekonomika ta' pajjiżna. Madanakollu nistgħu ngħidu li l-ekonimja Maltija żammet postha, anke fi sfond interazzjonali daqshekk imqalleb.

Fl-aħħar ftit snin li għaddew, it-tkabbir ekonomiku reali lokali kien tiela' u nieżel bejn il-1.0 u t-2.0 fil-mija. Wara li rreġistra żieda ta' 1.0 fil-mija f'termini reali fl-2002, il-Prodott Gross Domestiku tagħna niżel b'1.9 fil-mija fl-2003 u reġa' tela' b'1.0 fil-mija fl-2004. Dawn ir-rati jikkomparaw tajjeb ma' dawk f'pajjiżi Ewropej oħra.

Fl-aħħar ħames snin l-infiq privat fuq konsum reali fid-djar irreġistra rati ta' tkabbir pożittivi, bl-eċċezzjoni ta' l-2002. Matul is-sena l-oħra, infiq privat fuq konsum reali fid-djar kiber b'0.8 fil-mija fuq is-sena ta' qabel.

Infiq finali governattiv fuq konsum reali rreġistra rati ta' tkabbir pożittivi u kiber b'0.6 fil-mija għal Lm348.8 miljun fl-2004. Tkabbir reali fl-infiq tal-Gvern fuq konsum irriżulta l-aktar minn ħruġ akbar għas-saħħa u l-edukazzjoni, fost suġġetti oħrajn.

**Tabella 1. Komponenti ta' l-infiq tal-PGD ta' Malta**

| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Lm f'eluf | | |
| **Prezzijiet Kostanti fl-2000** | | | | | |
| **Konsum fid-djar finali** | 1,047,544 | 1,050,220 | 1,039,122 | 1,059,604 | 1,067,905 |
| **Konsum finali NPISH** | 25,816 | 25,314 | 26,589 | 27,434 | 27,023 |
| **Konsum finali tal-gvern ċentrali** | 323,830 | 324,283 | 336,899 | 346,547 | 348,763 |
| **Formazzjoni ta' kapital gross** | 435,885 | 298,920 | 231,073 | 340,708 | 371,847 |
| **Esportazzjoni ta' oġġetti u servizzi** | 1,572,823 | 1,550,472 | 1,595,218 | 1,531,991 | 1,581,723 |
| **Importazzjoni ta' oġġetti u servizzi** | 1,740,099 | 1,590,363 | 1,553,005 | 1,662,012 | 1,736,261 |
| **PRODOTT GROSS DOMESTIKU (ESA 95)** | 1,665,799 | 1,658,846 | 1,675,896 | 1,644,272 | 1,661,000 |
| **Rata ta' tkabbir** | | **-0.4%** | **1.0%** | **-1.9%** | **1.0%** |
| | | | | | |
| **Skond prezzijiet tas-Suq** | | | | | |
| **PRODOTT GROSS DOMESTIKU (ESA 95)** | 1,665,799 | 1,688,960 | 1,740,052 | 1,793,278 | 1,847,190 |
| **Rata ta' tkabbir (perċentwal)** | | **1.39** | **3.03** | **3.06** | **3.01** |

NPISH tfisser "Non-Profit Institutions Serving Households"

ESA 95 tfisser "European System of Accounts" li hija qafas internazzjonali armonizżat għar-rappurtaġġ ekonomiku

Wara li rreġistrat l-ogħla ċifra ta' Lm435.9 miljun fl-2000, il-Formazzjoni ta' Kapital Gross reali niżlet fis-sentejn ta' wara imma mbagħad irkuprat fl-2003 u fl-2004. F'din l-aħħar sena, din kibret b'9.1 fil-mija għal Lm371.8 miljun li juri livell ta' kunfidenza fil-potenzjal tal-ekonomija tagħna li qed jiżdied.

F'termini ta' operat l-esportazzjoni ta' prodotti u servizzi rkuprat wara li kienet niżlet fl-2001 u fl-2003. Matul is-sena l-oħra l-esportazzjoni ta' prodotti u servizzi għoliet bi 3.2 fil-mija f'termini reali fuq dik tas-sena ta' qabel u laħqet l-Lm1,581.7 miljun. Għalkemm fl-aħħar ftit snin li għaddew is-settur ta' l-esportazzjoni tagħna ntlaqat ħażin mill-effetti tal-globalizzazzjoni u dan irriżulta fi nżul tal-prezzijiet għal xi wħud mill-oġġetti esportati ewlenin tagħna, Malta xorta waħda rnexxiela tesporta iżjed f'termini ta' volum.

Wara perjodu ta' tkabbir negattiv fl-2001 u fl-2002, importazzjoni reali ta' oġġetti u servizzi għaddiet għal rati ta' tkabbir pożittiv fl-2003 u fl-2004. Din iż-żieda fl-importazzjoni serviet biex tpatti għall-impatt pożittiv taż-żieda fl-esportazzjoni fuq it-tkabbir tal-PGD tul l-istess perjodu. Il-waqgħa fil-prezzijiet ta' l-importazzjoni tul l-2004 serviet biex tkompli tistimula t-tkabbir fl-importazzjoni ta' oġġetti u servizzi f'termini reali.

**IT-TKABBIR EKONOMIKU: L-EWWEL TLIET XHUR TAL-2005**

Fl-ewwel tliet xhur tas-sena t-tkabbir ekonomiku reali ċkien marġinalment meta mqabbel mat-tliet xhur korrispondenti tas-sena l-oħra. Iżda ħafna setturi ta'l-ekonomija Maltija għaddew minn titjib fl-operat ġenerali tagħhom meta mqabblin ma'l-2004. Kien reġistrat titjib fl-industriji li ġejjin: Proprjetà, Kiri u Attivitajiet ta' Negozju; Kostruzzjoni, Trasport, Ħżin u Komunikazzjoni, u fil-Kummerċ bl-Ingrossa u bl-Imnut. Fl-istess ħin kien reġistrat tnaqqis fil-valur gross miżjud tal-Fornitura ta' Elettriku, Gass u Ilma, u wkoll fis-settur tal-Manifattura.

It-tnaqqis fis-settur ta' l-enerġija u l-ilma rriżulta mill-ispejjeż sostanzjali imposti mill-prezz dejjem jogħla taż-żejt. Fl-istess ħin, sotto-setturi fil-Manifattura ntlaqtu minn prezzijiet neżlin għall-oġġetti esportati tagħhom u tnaqqis temporanju fil-livelli ta' esportazzjoni tagħhom. Filwaqt li t-tlugħ kontinwu tal-prezz internazzjonali taż-żejt għadu jikkaġuna tħassib serju u hu mistenni li jolqot it-tkabbir ekonomiku negattivament fix-xhur li ġejjin, indikazzjonijiet li l-ordnijiet għall-esportazzjoni qed jirpiljaw qed jagħti lok għal ottimiżmu fir-rigward tal-ġejjieni tas-settur tal-manifattura tagħna li jserraħ fuq l-esportazzjoni.

L-infiq għall-konsum fid-djar tela' nominalment b'Lm7.0 miljuni, jew 2.7 fil-mija, meta mqabbel ma' Lm258.8 miljun fl-ewwel tliet xhur ta' l-2004. F'termini reali, dan ifisser 1.0 fil-mija inqas. Infiq finali ġenerali governattiv fuq konsum niżel b'Lm6.2 miljuni b'riżultat ta' l-isforzi kontinwi tal-Gvern li jikkontrolla d-defiċit fiskali. F'termini reali, dan hu ekwivalenti għal tnaqqis ta' 5.6 fil-mija. Infiq inqas fuq materjali u provvisti lill-Gvern in ġenerali kkontribwixxa għal dan it-tnaqqis. Waqt li dan it-tnaqqis fl-infiq qed iħalli r-riżultati mixtieqa safejn għandu x'jaqsam il-kontroll tad-defiiċit fiskali, min-naħa l-oħra qed iħalli impatt negattiv fuq il-Prodott Gross Domestiku tagħna.

Għalkemm fuq medda qasira ta' żmien dawn ir-riżultati jista' jweġġgħu, fil-fatt huma konsistenti mat-twemmin li l-preżenza relattivament kbira tal-Gvern fil-ekonomija għandha titnaqqas. Dawn juru wkoll it-twemmin li tkabbir ekonomiku għandu jkun xprunat l-aktar mill-attivitajiet meħudin mis-settur privat, l-aktar intrapriżi orjentati għall-esportazzjoni.

Fl-ewwel tliet xhur ta' l-2005, ħruġ għal formazzjoni ta' kapital fiss gross tela' minn Lm86.7 miljun għal Lm96.2 miljun, jew 10.9 fil-mija. F'termini reali, infiq fuq investiment kiber bi 8.9 fil-mija. Din iż-żieda sostanzjali fl-akkumulazzjoni ta' kapital hija essenzjalment sinjal ta' fiduċja fil-prospetti ta' l-ekonomija Maltija.

Fl-ewwel tliet xhur tas-sena wkoll, l-esportazzjoni reali ta' oġġetti u servizzi niżlet b'14.1 fil-mija, l-aktat ħtija ta' prezzijiet aktar baxxi ta' oġġetti esportati, filwaqt li l-importazzjoni ta' oġġetti u servizzi niżlet ukoll b'4.1 fil-mija għal Lm371.4 miljun.

## 02.1.1 Il-Bilanċ tal-Pagamenti

L-ekonomija Maltija rreġistrat defiċit persistenti fil-kont kurrenti li jvarja mill-ogħla ċifra ta' Lm209.2 miljuni tul l-2000 għaċ-ċifra l-aktar baxxa ta' Lm73.6 miljun tul l-2001.

Il-bilanċ kummerċjali negattiv konsistenti fil-kont ta'l-oġġetti tad-Dikjarazzjoni influwenza x-xejra negattiva reġistrata fil-bilanċ tal-kont kurrenti. Fil-fatt, kif indikat f' Ċart 1 hawn taħt, l-iżbilanċ kummerċjali viżibbli fil-kont ta' l-oġġetti kien jestendi minn Lm331.0 miljun tul l-2000 sa Lm154.2 miljun tul l-2002. Fil-fatt, il-bilanċ negattiv nett fil-kont ta' l-oġġetti ntlaqat essenzjalment minn kont dejjem jikber ta' oġġetti impurtati li kien b'mod konsistenti ogħla mid-dħul dejjem nieżel ta' oġġetti esportati. Aktar reċentement, tul l-ewwel tliet xhur ta' l-2005, il-bilanċ nett fil-kont ta' l-oġġetti mar għall-agħar b'Lm51.4 miljun, minn defiċit nett ta' Lm34.7 miljun tul l-ewwel tliet xhur ta' l-2004 għal wieħed ta' Lm86.1 miljun tul il-perjodu korrispondenti fl-2005.

B'kuntrast, bilanċ nett pożittiv fil-kont tas-servizzi fid-Dikjarazzjoni għamel tajjeb regolarment għal dan l-effett negattiv fuq il-bilanċ tal-kont kurrenti. Minkejja dan kollu, is-surplus nett reġistrat tul l-aħħar tliet snin fil-kont tas-servizzi niżel minn Lm173.2 miljun tul l-2002 għal Lm154.7 miljun tul l-2004. Fil-fatt, din ix-xejra 'l isfel jidher li primarjament ġejja mill-kont tat-trasport fid-Dikjarazzjoni, fejn l-ekonomija qed tirreġistra bilanċ negattiv nett li qed ikun sostnut minn pagamenti għal servizzi ta' trasport ipprovduti minn kumpanniji barranin li huma ogħla mid-dħul għall-provvista ta' servizzi simili lil entitajiet lokali minn dawk. Ukoll, il-bilanċ pożittiv nett fil-kont ta' l-ivvjaġġar jidher li stabbilixxa ruħu għal madwar iċ-ċifra ta' Lm180 miljun; konsegwenza

ta' dan, dan mhux qed jikkontribwixxi biex iwaqqaf ix-xejra dejjem nieżla li qed tkun reġistrata fil-kont tas-servizzi. Barra minn hekk, tul l-ewwel tliet xhur ta' din is-sena l-bilanċ nett fil-kont tas-servizzi tjieb b'Lm6.2 miljuni, minn surplus nett ta' Lm18.8-il miljun tul l-ewwel tliet xhur ta' l-2004 għal wieħed ta' Lm25.0 miljun tul il-perjodu korrispondenti fl-2005.

**Ċart 2. Bilanċ tal-Kont Kurrenti 2000 - 2004**




Fil-parti kapitali u finanzjarja tad-Dikjarazzjoni, investiment dirett f'Malta għadda minn tlugħ għal Lm272.6 miljun tul l-2000 għal inżul għal Lm184.9 miljun tul l-2002, u żieda sussegwenti ta' Lm145.0 miljun tul l-2004. Min-naħa l-oħra, investiment dirett barra minn Malta kellu żieda ta' Lm11.4-il miljun tul l-2000, tnaqqis ta' Lm4.1 miljuni tul l-2002, u żieda ta' Lm3.0 miljuni tul l-2004. Barra minn hekk, tul l-ewwel tliet xhur ta' din is-sena investiment dirett f'Malta kien karatterizzat minn żieda ta' Lm20.0 miljun b'kuntrast ma' żieda ta' Lm11.9-il miljun tul it-tliet xhur korrispondenti fl-2004. Investiment dirett barra minn Malta kien karatterizzat fi tnaqqis ta' Lm12.3-il miljun b'kuntrast ma' nżul ta' Lm8.5 miljun tul l-istess tliet xhur tas-sena l-oħra. Ċart 2 tagħti rappreżentazzjoni grafika taċ-ċaqliq ta' investimenti diretti fl-aħħar ftit snin li għaddew.

**Ċart 3. Ċaqliq fl-Investiment Dirett 2000 - 2004**




**L-investiment barrani tjieb għal Lm145 miljun matul is-sena l-oħra. Fl-ewwel tliet xhur ta' din is-sena reġa' kien hemm titjib**

Investiment dirett barrani (FDI) hu għajn ta' trasferiment ta' teknoloġija u għarfien bejn il-pajjiżi, u hekk jikkontribwixxi direttament għal kompetittività mtejba. L-operat ta' Malta f'dan ir-rigward mar tajjeb u jindika li għadu meqjus għoli biex jattira FDI — fatt li kien rikonoxxut ukoll mill-World Development Report 2004 tan-NU li jqiegħed lil Malta fost il-pajjiżi minn ta' quddiemnett li għandhom potenzjal għal FDI u operat għoljin. Dan l-għarfien hu partikolarment importanti meta tqis ambjent li fih ekonomiji emerġenti qed jirriżultaw aktar attraenti għad-dħul ta' FDI u fejn, b'riżultat ta' dan, il-kuntest qed dejjem ikun wieħed ta' kompetizzjoni sfrenata.

Bħallikieku kienu riflessjoni f'mera taċ-ċaqliq imsemmi hawn fuq, l-assi ta' riservi tal-pajjiż kienu karatterizzati minn inżul ta' Lm97.6 miljun tul l-2000, żieda ta' Lm115.3-il miljun tul l-2001, żieda oħra ta' Lm121.8 miljun tul l-2002, żieda sussegwenti (għalkemm inqas minn dik ta' qabel) ta' Lm54.7 miljun, u mbagħad waqgħa ta' Lm69.5 miljun tul l-2004. Dan qed jintwera f'Ċart 3. Din ix-xejra 'l isfel fl-assi tar-riservi kienet ripetuta tul l-ewwel tliet xhur ta' l-2005, billi dawn niżlu b'Lm36.4 miljun b'kuntrast ma' waqgħa ta' Lm2.3 miljuni fl-ewwel tliet xhur ta' l-2004.

**POLITIKA MONETARJA**

Filwaqt li rati ta' mgħax f'Malta f'dawn l-aħħar ftit snin kienu qed jikkonverġu għal- livelli fl-UE, żieda ta' 0.25 punti bażiċi fir-rata ta' intervent ċentrali tħabbret mill-Bank Ċentrali ta' Malta f'April 2005.

F'Mejju 2005 Malta ngħaqdet mal-proċess ta' ERM II (armonizzazzjoni tar-rati tal-kambju li eventwalment twassal għall-adozzjoni ta' l-ewro) b'rata ta' parità ċentrali ta' 0.4293 liri Maltin kontra l-ewro. L-impenn ta' l-awtoritajiet monetarji li jżommu r-rata tal-kambju lira/ewro f'rata ta' parità ċentrali kienet fattur stabilizzanti u wassal għal titjib sostenut fis-sentiment tas-suq finanzjarju. Dan saħħaħ il-qagħda tar-riservi barranin fil-Bank Ċentrali u ppermetta li r-rati ta' mgħax jinżammu fl-istess livell.

Fl-istess ħin id-differenzjal ogħla tar-rata ta' mgħax favur il-lira Maltija li rriżulta mit-tneħħija tal-lira sterlina u d-dollaru Amerikan — li kellhom rati ta' mgħax relattivamernt għolja — mill-basket ta' muniti mad-dħul f'ERM II enfasizza l-attrazzjoni ta' assi investiti fil-lira Maltija, kif jidher mid-domanda qawwija għal ħarġiet sussegwenti ta' bonds tal-Gvern.

## 02.1.2 Finanzi tal-Gvern

L-operazzjonijiet fiskali tal-Gvern għall-2004 irriżultaw f'titjib fil-finanzi pubbliċi fuq is-sena l-oħra. Dan it-titjib jidher ċar kemm fir-rigward tad-defiċit strutturali (jiġifieri d-defiċit tal-fond konsolidat tal-gvern ċentrali skond il-baġit) u kemm fir-rigward tad-defiċit skond Maastricht tal-Gvern Ġenerali[1]. Fil-fatt, kif jidher f'Tabella 2, filwaqt li d-defiċit strutturali tjieb minn Lm105.4 miljuni fl-2003 għal Lm94.0 miljun fl-2004, id-defiċit skond Maastricht tjieb b'Lm189.8 miljun għal Lm96.7 miljun[2].

**Tabella 2. Transition between Consolidated Fund deficit and General Government deficit**

| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | * |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Lm thousands | | | |
| **Structural deficit of Consolidated Fund transactions** | **-94,727** | **-85,292** | **-87,675** | **-105,445** | **-94,034** | |
| Adjustments to the Consolidated Fund: | | | | | | |
| Loans granted (+) | 11,807 | 10,984 | "9,539 | 4,095 | 0 | 1 |
| Loans repayments (-) | -1,658 | -2,873 | 0 | -153 | -100 | 2 |
| Equities, acquisitions (+) | 250 | 286 | 35 | 12 | 12 | 3 |
| Equities, sales (-) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | |
| Other financial transactions | -1,689 | -769 | -397 | 0 | -1,458 | 4 |
| Difference interest paid (+) and interest accrued (-) | -3,941 | 1,447 | 361 | -2,279 | -1,545 | 5 |
| Other accounts receivable (+) and payable (-) | 1,526 | 1,727 | 3,760 | -13,100 | 5,085 | 6 |
| Net Borrowing (-) / Net Lending (+) of public entities forming part of Central Government | -17,139 | -14,517 | -17,798 | -22,699 | -5,947 | 7 |
| Other adjustments (+/-) | | | | | | |
| Treasury Clearance Fund flows in deposits accounts | -2,045 | -4,766 | -127 | 748 | -809 | |
| Treasury Clearance Fund flows in advance accounts | -11,424 | -11,255 | 364 | 651 | 726 | |
| Treasury Clearance Fund flows in unallocated stores | 9,549 | 0 | 2 | 106 | 17 | |
| Sinking Fund interests' received | -21 | 0 | 0 | 1,756 | 1,905 | |
| Loan Cancellation in Kalaxlokk Co. Ltd | 0 | -6,686 | 0 | 0 | 0 | |
| Malta International Airport special dividend | 0 | 0 | -11,287 | 0 | 0 | |
| Malta Shipyards adjustment | 0 | 0 | 0 | -52,933 | 0 | |
| Net Borrowing (-) / Net Lending (+) of Central Government (S.1311) | -109,512 | -111,714 | -103,223 | -189,240 | -96,148 | |
| Net Borrowing (-) / Net Lending (+) of Local Government (S.1313) | 993 | 890 | 465 | -525 | -553 | 8 |
| **Net Borrowing (-) / Net Lending (+) of General Government (S.13)** | **-108,519** | **-110,824** | **-102,758** | **-189,765** | **-96,700** | |

1. Consolidated Fund loans to Malta Drydocks, Malta Shipbuilding and Gozo Ferries Co. Ltd. (all 100% Government owned).
2. Repayments of loans made by Malta Government Investments Ltd / Malta Development Corporation, Malpro Ltd and Water Services Corporation.
3. Acquisition of shares in Multilateral Investment Guarantee Agency (subscription shares), European Bank for Reconstruction and Development (subscriptions shares), and Malta Government Privatisation plc. (increase in shareholding).
4. Non-trading profits among Central Bank of Malta transfers to Government
5. Difference between the interest paid and accrued of the Treasury Bills, Malta Government Stocks and Foreign Loans
6. Accruals adjustment for the main revenue earning and spending departments.
7. The net borrowing (-) / net lending (+) of the extra budgetary units forming part of the cental government sector (based on a delimitation exercise)
8. The net borrowing (-) / net lending (+) of the 68 local councils

* Provisional

**Ċart 3. Deficit Ġenerali tal-Gvern**




**Id-Deficit Ġenerali tal-Gvern waqa' għal Lm96.7 miljun fl-2004 mill-Lm189.8 miljun tas-sena ta' qabel. It-titjib kompla fl-2005.**

Biex jistgħu jsiru analiżi u tqabbil, anke fuq bażi internazzjonali, id-data użata u ppreżentata hawnhekk għandha l-format ESA95[3].

Id-data finanzjarja ta' l-Unitajiet li m'humiex koperti mill-Baġit u tal-Kunsilli Lokali, li għandha titqies bħala provviżorja, hija bbażata fuq akkumulazzjonijiet, filwaqt li d-data finanzjarja tal-Gvern ċentrali skond il-baġit hija bbażata fuq flus likwidi. Għall-konformità mar-rekwiżiti ta' l-ESA, sar aġġustament għall-akkumulazzjonijiet. Għalissa dan l-aġġustament hu bbażat fuq stħarriġ ta' kull sena fost id-dipartimenti u ministeri ewlenin li jiġġeneraw dħul u ħruġ.

## INFIQ TAL-GVERN

Konsum intermedju, jiġifieri valur ta' oġġetti u servizzi użati mis-settur tul il-perjodu li għalih qed issir referenza, żdiedu bi Lm12.7-il miljun fl-2004. Dan jidher f'Tabella 3. Din iż-żieda ġiet l-aktar minn żieda ta' aktar minn Lm10.0 miljuni fil-kategorija Infiq Operazzjonali u ta' Manutenzjoni tal-Gvern ċentrali skond il-baġit. Din iż-żieda ġiet l-aktar minħabba ammonti ogħla mħallsin fir-rigward ta' mediċini u provvisti mediċi tul l-2004.

Min-naħa l-oħra, il-kumpens lil impjegati (definit bħala r-rimunerazzjoni totali, fi flus jew f'oġġetti, pagabbli lil impjegati għax-xogħol magħmul tul il-perjodu ta' kontabilità), żdied bi Lm3.3 miljuni jew 1.2 fil-mija. Din iż-żieda taqbel ma' żidiet li jirriżultaw miż-żidiet annwali u l-aħħar Ftehim Kollettiv għas-Servizz Ċivili. Minn Jannar 2004 d-Direttorat tad-Drenaġġ, li fl-2003 kien responsabbli għan-nefqa ta' Lm3.75 miljuni f'kumpens lil impjegati, kien trasferit mis-settur tal-Gvern Ġenerali għall-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma.

Tul l-2004, in-nefqa tal-Gvern Ġenerali fuq sussidji telgħet għal Lm35.5 miljun, li jirrappreżentaw tnaqqis ta' Lm4.2 miljuni. Mqabblin ma' l-2003, sussidji lit-tarznari niżlu b'Lm6.4 miljuni filwaqt li sussidju lill-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma niżlu b' Lm1.2 miljun. Min-naħa l-oħra, intefqu Lm2.2 miljuni aktar għal sussidji fuq l-ikel.

Fir-rigward ta' nfiq fuq il-ħlas ta' mgħaxijiet fuq djun (komponent ewlieni ta' dħul minn proprjetà), ħlasijiet ogħla ta' mgħaxijiet fuq stokks lokali (+ Lm5.1 miljuni), u fuq self minn barra (+ Lm1.3 miljun), kabbru l-ħruġ f'din il-kategorija b'Lm6.9 miljuni għal total ta' Lm75.8 miljun għas-settur kollu.

Infiq kapitali tul l-2004 naqas komparattivament b'Lm20.7 miljun. Aġġustamenti għal akkumulazzjonijiet fis-sentejn jirrigwardaw Lm5.0 miljuni minn dan it-tnaqqis, filwaqt li tul l-2004 nbiegħu artijiet b'kemm jiswew Lm6.0 miljuni.

It-tieni l-aktar kategorija importanti ta' nfiq (kumpens lil impjegati hu l-akbar kategorija) hija l-ħruġ għal benefiċċji tas-sigurtà soċjali (inklużi wkoll trasferiment f'forma ta' oġġetti bħall-provvista ta' mediċini b'xejn, ħrieqi b'xejn, eċċ). Fil-kors ta' l-2004 dan tela' b'Lm9.5 miljuni, jew 3.9 fil-mija, u ammonta għal Lm254.9 miljun. Benefiċċji kontributorji jammontaw għal Lm4.4 miljuni minn din iż-żieda.

Trasferimenti kurrenti u kapitali ammontaw b'mod kumulattiv għal Lm70.7 miljun fl-2004, minn Lm90.7 fl-2003. In-nuqqas ġie minn inqas trasferimenti kapitali lit-tarznari, għalkemm dan tpatta parzjalment mill-ħruġ ta' Lm14.1-il miljun fuq l-EU Own Resources.

Fl-ewwel tliet xhur ta' l-2005 l-infiq totali għas-settur tal-Gvern Ġenerali ammonta għal Lm225.9 miljun, żieda ta' Lm10.1 miljuni jew 4.7 fil-mija. Konsum intermedju tela' b'Lm4.4 miljuni. Filwaqt li Lm2.6 miljuni addizzjonali ntefqu fl-O&MEs, Unitajiet li m'humiex fil-Baġit żiedu Lm1.9 miljun oħra ma' din il-kategorija. Infiq fuq Formazzjoni ta' Kapital Fiss Gross tela' bi Lm3.2 miljuni. Il-V Protokoll Taljan żied Lm3.2 miljuni u titjib ulterjuri lill-faċilitajiet marittimi żied Lm1.1 miljun oħra, filwaqt li l-ħruġ għall-isptar il-ġdid niżel b'Lm2.5 miljuni.

**DĦUL TAL-GVERN**

Dħul totali tal-Gvern Ġenerali tul l-2004 ammonta għal Lm795.5 miljun, żieda ta' Lm80.4 miljun fuq id-dħul irrappurtat għall-2003. Dan jidher f'Tabella 4.

**Tabella 3. Komponenti ta' l-ispiża tas-Settur Ġenerali tal-Gvern**

| | **2000** | **2001** | **2002** | **2003** | **2004** | **2004Q1** | **2005Q1** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | **Lm thousands** | | | |
| Intermediate consumption | 76,425 | 69,410 | 76,888 | 84,478 | 97,141 | 23,808 | 19,437 |
| Compensation of employees | 221,219 | 257,704 | 265,227 | 277,515 | 280,788 | 70,695 | 70,351 |
| Subsidies payable | 22,951 | 27,323 | 37,329 | 39,668 | 35,517 | 6,671 | 9,918 |
| Property Income | 64,015 | 63,525 | 69,314 | 69,246 | 75,969 | 18,935 | 16,943 |
| *:of which Interest* | *63,641* | *62,883* | *68,970* | *68,922* | *75,818* | *18,893* | *16,801* |
| Gross capital formation, acquisitions less disposals of non-financial non-produced assets | 75,890 | 66,944 | 81,797 | 97,808 | 77,132 | 17,376 | 20,559 |
| Social benefits other than social transfer in kind and social transfers in kind related to expenditure on products supplied to households via market procedure | 208,047 | 222,901 | 232,497 | 245,420 | 254,923 | 64,315 | 67,656 |
| Other current transfers payable | 22,780 | 29,661 | 26,630 | 28,781 | 53,852 | 11,655 | 15,529 |
| Capital transfers payable | 6,445 | 12,146 | 5,607 | 61,948 | 16,850 | 2,394 | 5,535 |
| Other | 0 | 0 | 0 | 6 | 13 | 0 | 0 |
| **Total general government expenditure** | **697,771** | **749,614** | **795,289** | **904,868** | **892,185** | **215,849** | **225,927** |

Bażata fuq metodoloġija ESA 95
Data Konsolidata
Data tal-2005 Q1 hija proviżorja ħafna

L-għajn ewlenija tad-dħul tal-Gvern huma t-taxxi fuq produzzjoni u fuq oġġetti impurtati. Fl-2004 dawn ammontaw għal Lm42.3 miljun, jew 17.4 fil-mija. Taxxa fuq il-Valur Miżjud kellha sehem ta' Lm22.8 miljun minn din iż-żieda. Dħul mit-Taxxa fuq id-Dħul kien Lm1.0 miljun aktar milli fl-2003, filwaqt li kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali[4] telgħu b'Lm5.0 miljuni. Trasferimenti kurrenti u rikorrenti li għandhom jidħlu telgħu f'Lm26.4 miljun għal Lm37.7 miljun, minn Lm11.3-il miljun fis-sena ta' qabel. Din iż-żieda ta' l-aħħar saret minħabba Lm27.8 miljun addizzjonali f'għotjiet mill-UE.

Fl-ewwel tliet xhur ta' l-2005, id-dħul tal-Gvern Ġenerali żdied b'Lm16.2-il miljun, jew 10.8 fil-mija, u ammonta għal Lm166.9 miljun. Din iż-żieda kienet dovuta l-aktar għal Għotjiet mill-UE li żiedu Lm16.8 miljun.

## DEFIĊIT TAL-GVERN

Id-defiċit tal-Gvern Ġenerali għall-2004 ammonta għal Lm96.7 miljun. Dan kien bażikament finanzjat b'żieda ta' Lm97.2 miljun lid-dejn totali konsolidat tas-settur. Id-defiċit għall-ewwel tliet xhur ta' l-2005 juri titjib ta' Lm6.1 miljuni, u huwa Lm59.1 miljun, kif jidher f'Tabelli 5 u 6. Id-dejn konsolidat totali fi tmiem Marzu 2005 kien stmat proviżorjament li hu Lm1,294.0 miljun, żieda fid-dejn ta' Lm29.5 miljun għall-ewwel tliet xhur. Il-Gvern bażikament qed jistrieħ fuq il-ħruġ ta' MGS biex jiffinanzja l-ħtiġiet tiegħu.

**Tabella 4. Komponenti tad-Dħul tas-Settur Ġenerali tal-Gvern**

| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2004Q1 | 2005Q1 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Lm thousands | | | |
| Market output, output for own final use and payments for other non-market output | 28,338 | 31,385 | 32,790 | 36,305 | 41,198 | 8,313 | 10,139 |
| Taxes on Production and Imports | 214,432 | 229,800 | 249,881 | 242,885 | 285,185 | 67,427 | 66,815 |
| *:of which Value Added Type Taxes* | *102,796* | *111,126* | *127,930* | *116,994* | *139,826* | *32,097* | *38,161* |
| Property income receivable | 43,541 | 46,764 | 43,830 | 49,389 | 49,780 | 16,611 | 14,279 |
| Current Taxes on Income, Wealth, etc. | 155,349 | 174,481 | 206,786 | 221,506 | 222,483 | 25,921 | 22,849 |
| Social contributions receivable | 128,367 | 146,067 | 146,799 | 150,094 | 155,101 | 29,839 | 32,295 |
| *:of which Actual social contributions* | *108,792* | *120,383* | *119,969* | *122,271* | *126,415* | *22,762* | *24,320* |
| *:of which Imputed social contributions* | *19,575* | *25,684* | *26,829* | *27,824* | *28,685* | *7,077* | *7,975* |
| Other current transfers receivable | 3,096 | 3,795 | 4,004 | 3,588 | 4,016 | 1,094 | 834 |
| Capital transfers receivable | 19,468 | 6,500 | 8,441 | 11,336 | 37,741 | 1,460 | 19,655 |
| *:of which Capital taxes* | *1,901* | *1,982* | *2,289* | *2,681* | *4,019* | *745* | *1,192* |
| *:of which Other capital transfers and investment grants* | *17,567* | *4,518* | *6,152* | *8,655* | *33,722* | *715* | *18,462* |
| **Total general government revenue** | **592,591** | **638,790** | **692,532** | **715,103** | **795,504** | **150,664** | **166,866** |

Bażata fuq metodoloġija ESA 95
Data Konsolidata

## 02.1.3 Prezzijiet lill-Konsumatur

Wara li niżlet fil-parti aħħarija ta' l-2002 u fil-kors ta' l-2003, l-inflazzjoni tal-Prezzijiet bl-Imnut telgħet tul l-2004 u r-rata medja għaddejja l-ħin kollu tul tnax-il xahar laħqet 2.92 fil-mija f'Mejju ta' din is-sena.

Għalkemm l-inflazzjoni ma laħqitx il-livelli reġistrati fl-2002 u fis-snin ta' qabel, xorta għadha tħasseb għaliex tista' ma tkunx konsistenti mar-rata kurrenti ta' tkabbir ekonomiku. Barra minn hekk, tikkuntrasta max-xejra 'l isfel ta' inflazzjoni li hemm fil-

**Tabella 5. Is-settur tal-Gvern Generali self (+) / self (-)**

| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2004Q1 | 2005Q1 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Lm eluf | | | |
| Dħul totali | 592,591 | 638,790 | 692,532 | 715,103 | 795,504 | 150,664 | 166,866 |
| Nefqa totali | 697,771 | 749,614 | 795,289 | 904,868 | 892,185 | 215,849 | 225,927 |
| **Self (+) / Self (-)** | **-105,179** | **-110,824** | **-102,758** | **-189,765** | **-96,681** | **-65,185** | **-59,061** |

Bażata fuq metodoloġija ESA 95
2004 gie aġġornat wara Excessive Deficit Notification
Data Konsolidata

**Table 6: Self Nett (+) / Self Nett (-) skond is-subsetturi tal-Gvern Ġenerali**

| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2004Q1 | 2005Q1 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Lm eluf | | | |
| *Budgetary Central Government (S1311)* | | | | | | | |
| Total Revenue | 577,906 | 627,166 | 677,971 | 699,300 | 771,452 | 145,896 | 159,446 |
| Total Expenditure | 670,279 | 724,363 | 763,395 | 865,841 | 861,633 | 207,754 | 223,542 |
| Net lending (+) / Net borrowing (-) | -92,373 | -97,197 | -85,425 | -166,541 | -90,182 | -61,859 | -64,096 |
| *Extra Budgetary Units (S.1311)* | | | | | | | |
| Total Revenue | 48,845 | 52,190 | 61,105 | 71,917 | 81,377 | 18,695 | 23,815 |
| Total Expenditure | 62,644 | 66,707 | 78,904 | 94,616 | 87,324 | 21,310 | 18,241 |
| Net lending (+) / Net borrowing (-) | -13,799 | -14,517 | -17,798 | -22,699 | -5,947 | -2,615 | 5,574 |
| *Local Government (S.1313)* | | | | | | | |
| Total Revenue | 13,126 | 13,515 | 13,321 | 12,304 | 12,942 | 2,669 | 2,845 |
| Total Expenditure | 12,134 | 12,625 | 12,856 | 12,830 | 13,495 | 3,380 | 3,384 |
| Net lending (+) / Net borrowing (-) | 993 | 890 | 465 | -525 | -553 | -711 | -539 |
| **General Government Sector (S.13)** | | | | | | | |
| **Net Lending (+) / Net Borrowing (-)** | **-105,179** | **-110,824** | **-102,758** | **-189,765** | **-96,681** | **-65,185** | **-59,061** |

Data mhux konsolidata

pajjiżi ewlenin li magħhom Malta tinnegozja. Inflazzjoni tielgħa, f'dawn iċ-ċirkustanzi, tista' tindika l-eżistenza ta' riġiditajiet strutturali fis-suq domestiku li jeħtieġ ikunu indirizzati, mhux l-inqas minħabba r-riskju li jistgħu jaġixxu ta' piż addizzjonali fuq l-operat ta' Malta fil-qasam ta' l-esportazzjoni.

Fuq bażi annwali, l-inflazzjoni laħqet it-3.45 fil-mija f'Mejju 2005. F'Mejju 2005, l-inflazzjoni annwali fir-rigward ta' Ilma, Elettriku, Gass u Żjut laħqet it-18.40 fil-mija. Iż-żieda fil-prezz taż-żejt taħti prinċipalment għal din iż-żieda. Is-sotto-indiċijiet l-oħra, li wrew ċaqliq 'il fuq sostanzjali fil-prezzijiet, kienu l-Ikel, Djar, Trasport u Komunikazzjoni, Kura Personali u Saħħa, u Oġġetti Oħra u Servizzi, li kellhom rati annwali ta' 3.47 fil-mija, 6.32 fil-mija, 4.17 fil-mija, 3.87 fil-mija u 3.21 fil-mija rispettivament. It- -0.22 fil-mija tas-sotto-indiċi tal-Lbies u Żraben jissuġġerixxi li s-suq għal din il-kategorija ta' oġġetti tal-konsumatur hu qrib il-punt ta' saturazzjoni.

**Ċart 5. L-inflazzjoni skond l-IPM**




**Għalkemm issegwi ix-xejriet ta' qabel, l-inflazzjoni qed tiġi segwita b'reqqa kbira**

Ir-rata ta' inflazzjoni kkalkulata fuq il-bażi ta' l-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet tal-Konsumatur (HICP) x'aktarx li segwiet xejriet simili.

F'Mejju 2005, il-medja għaddejja l-ħin kollu tul tnax-il xahar u r-rata annwali kienu 2.5 fil-mija u 2.4 fil-mija rispettivament. Ċart 5B hawn taħt tqiegħed fuq xulxin ir-rata medja għaddejja l-ħin kollu tul tnax-il xahar ta' Malta fuq dik ta' l-UE25 u turi ċar li r-rata ta' inflazzjoni uffiċjali ta' l-UE25 – 2.2 fil-mija – hija aktar baxxa. Fil-fatt, ir-rata ta' inflazzjoni domestika kienet kostantement ogħla minn dik ta' l-UE25 minbarra fil-perjodu minn April 2001 sa Novembru 2001 u f'Novembru 2003.

L-ogħla rata annwali kienet reġistrata fis-sotto-indiċi tal-Komunikazzjonijiet, 19.9 fil-mija, u warajha ġew is-sotto-indiċi tad-Djar, Ilma, Elettriku, Gass u Żjut Oħra li rreġistra 9.3 fil-mija. Iż-żieda fl-ewwel sotto-indiċi msemmi tista' tkun attribwita l-aktar liż-żieda fil-prezzijiet tat-tariffa tat-telefon li ddaħħlet f'Ġunju 2004, apparti miż-żieda fit-taxxi imposti fuq is-servizzi mogħtija mis-settur tat-telefonija mobbli. Min-naħa l-oħra, l-aħħar sotto-indiċi wera l-istess xejra osservata fl-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut għall-istess raġuni msemmija qabel. Żieda oħra fir-rata annwali kienet reġistrata fit-sotto-indiċi tas-Saħħa, li kien 6.2 fil-mija f'Mejju 2005. Għall-kuntrarju, is-sotto-indiċijiet tal-Lbies u Żraben u tar-Ristoranti u Lukandi wrew rata annwali negattivi ta' -0.2 fil-mija u -1.9 fil-mija rispettivament.

**Chart 6a. L-inflazzjoni skond l-HICP**




**Chart 6b. L-inflazzjoni skond l-HCIP**




## 02.1.4 Is-Suq tax-Xogħol

Fil-kors ta' l-2004, il-qagħad ta' l-impjiegi, kif imkejla mill-Istħarriġ tal-Forza tax-Xogħol, tjiebet meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Filwaqt li l-provvista ta' nies tax-xogħol, 159,138 persuna, kienet fl-istess livell tas-sena ta' qabel, in-numru ta' persuni jaħdmu bi qligħ tela' b'aktar minn 1,000, jew 0.7 fil-mija, għal 148,102. B'riżultat ta' dan, bejn Diċembru 2003 u s-sena ta' wara, il-qgħad niżel b'punt perċentwali wieħed għal 6.9 fil-mija. Fl-istess żmien, ir-rata ta' qgħad fit-tul niżlet għal 2.9 minn 3.9 fis-sena ta' qabel. Ir-rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ niżlet ukoll għal 8.2 fil-mija minn 9.4 fil-mija fl-2003.

Il-qagħda fis-suq tax-xogħol kompliet titijieb fl-ewwel xhur ta' l-2005. Fl-ewwel tliet xhur ta' din is-sena, il-popolazzjoni li taħdem bi qligħ telgħet b'0.7 fil-mija fuq it-tliet xhur korrispondenti ta' l-2004 għal 149,736 u b'1.1 fil-mija fuq l-aħħar tliet xhur tal-istess sena. Fl-istess żmien, il-qgħad kompla jinżel għal 6.7 fil-mija tal-forza tax-xogħol minn 7.2 fil-mija fl-ewwel tliet xhur tas-sena l-oħra. Fil-ftit snin li għaddew, il-qgħad f'Malta kien inqas, b'mod konsistenti, minn dak fil-parti l-kbira ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. It-Tabella li ġejja u ċ-Ċart jagħtu l-qagħad tas-suq tax-xogħol fl-aħħar ftit snin:

**Tabella 7. Il-Qagħda tal-Forza tax-Xogħol**

| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2004 | 2005 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Diċembru | | | Qtr 1 | Qtr 1 |
| Impjegati | 145,203 | 145,587 | 148,403 | 147,042 | 148,102 | 148,655 | 149,736 |
| Qiegħda | 10,151 | 10,164 | 10,875 | 12,596 | 11,036 | 11,528 | 10,838 |
| Forza tax-Xogħol | 155,354 | 155,751 | 159,278 | 159,638 | 159,138 | 160,183 | 160,574 |
| Rata tal-Qgħad | 6.5 | 6.5 | 6.8 | 7.9 | 6.9 | 7.2 | 6.7 |
| | | | | | | | |
| Inattivi | 158,995 | 160,044 | 159,744 | 160,976 | 161,863 | 160,440 | 161,699 |

It-tnaqqis ripetut fin-numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol qed jikkonferma x-xejriet li kienu reġistrati mill-Istħarriġ tal-Forza tax-Xogħol. Fi tmiem Ġunju 2005, in- numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol f'Parti 1 tar-reġistru tal-qgħad kien 6,218. Dan hu wieħed min-numri l-aktar baxxi ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol fl-aħħar erba' snin, kif turi Tabella 8:

**Tabella 8. Numru ta' Qiegħda Reġistrati**

| Xahar | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Part 1 | | | |
| Jannar | 7,987 | 6,681 | 7,193 | 7,087 | 8,061 | 7,409 |
| Frar | 7,996 | 6,704 | 7,200 | 6,968 | 8,124 | 7,346 |
| Marzu | 7,766 | 6,591 | 7,027 | 6,931 | 7,746 | 7,307 |
| April | 7,452 | 6,341 | 6,943 | 6,794 | 7,704 | 7,022 |
| Mejju | 7,091 | 6,172 | 6,794 | 6,726 | 7,454 | 6,571 |
| Gunju | 6,609 | 5,934 | 6,518 | 6,578 | 7,255 | 6,218 |
| Lulju | 6,803 | 6,114 | 6,557 | 7,186 | 7,466 | |
| Awissu | 6,676 | 6,285 | 6,748 | 7,406 | 7,186 | |
| Settembru | 6,594 | 6,215 | 6,771 | 7,233 | 7,382 | |
| Ottubru | 6,438 | 6,375 | 6,906 | 7,590 | 7,367 | |
| Novembru | 6,472 | 6,657 | 7,106 | 7,583 | 7,353 | |
| Dicembru | 6,583 | 6,753 | 6,774 | 7,494 | 7,390 | |

**Chart 7. Annual registered unemployment - Part 1: June**




**F'Gunju 2005, in-numru ta' nies jirreġistraw kien l-inqas fl-aħħar erba' snin; 6,218**

L-iżviluppi pożittivi fis-suq tax-xogħol qed ikunu reġistrati f'qagħda ta' inċertezza ekonomika kbira kkaġunata mill-proċess ta' ristrutturazzjoni sostanzjali li għaddej fl-ekonomija tagħna u l-isfidi tal-globalizzazzjoni. F'dan il-kuntest il-ħafna inizjattivi meħudin mill-Gvern biex itejjeb il-bażi ta'ħiliet u l-prospetti ta'impjiegi tal-forza tax-xogħol lokali qed iħallu r-riżultati mixtieqa. Fl-aħħar ftit snin sar progress sostanzjali ħafna fil-kampanja tal-Gvern biex itejjeb il-bażi ta' ħiliet tal-forza tax-xogħol tagħna. Il-proporzjon ġenerali ta' persuni fil-grupp ta' età 20-24 li għandhom mill-inqas livell ta' edukazzjoni sekondarja għolja tela' għal 49.1 fil-mija fl-2004 minn 40.6 fil-mija fl-2001. Filwaqt li l-proporzjon ta' rġiel b'dan il-livell ta' edukazzjoni tela' b'madwar 8.0 fil-mija fl-istess perjodu, dik fir-rigward tan-nisa telgħet b'9.0 fil-mija. It-Tabelli 9-11 juru dan iżjed:

**Tabella 9. Total ta' studenti jattendu korsijiet matul il-jum u fil-għaxija**

| Sena | 1994 | 1996 | 1998 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Post Sekondarju (Generali) | 3723 | 3250 | 5185 | 5191 | 5122 | 4970 | 5169 | 5339 |
| Post Sekondarju (Vokazzjonali) | 1748 | 1423 | 1841 | 2615 | 2801 | 3638 | 3858 | 4473 |
| Terzjarju (matul il-jum u fil-għaxija) | 5177 | 6263 | 7146 | 6362 | 7493 | 7332 | 9006 | 9245 |
| Total | 10648 | 10936 | 14172 | 14168 | 15416 | 15940 | 18033 | 19057 |

**Tabella 10. Rata ta' studenti ta' 17-il sena jirċievu edukazzjoni (%)**

| Sena | 1999 | 2002 | 2003 | 2004 |
|---|---|---|---|---|
| Total ta' parteċipazzjoni - età17 | 43% | 45% | 56% | 66% |

**Tabella 11. Rata ta' studenti ta' 19-il sena li jirċievu edukazzjoni għolja (%)**

| Sena | 1999 | 2002 | 2003 | 2004 |
|---|---|---|---|---|
| Ġenerali (post-sekondarju) | 5 | 1 | 3 | 4 |
| Vokazzjonali (post-sekondarju) | 7 | 11 | 10 | 17 |
| Terzjarju | 19 | 21 | 24 | 23 |
| Parteċipazzjoni totali | 31 | 33 | 37 | 44 |
| Ma jipparteċipawx | 69 | 67 | 63 | 56 |

## 02.1.5 Manifattura

Fil-kors ta' l-2004 il-bejgħ totali minn intrapriżi ta' manifattura kbar laħaq il-Lm1,015.6 miljun. Il-bejgħ tal-manifattura għall-esportazzjoni, Lm798.7 miljun, kien marġinalment ogħla mil-livell tas-sena ta' qabel. Bejgħ tal-manifattura lokalment laħaq il-Lm217.0 miljun, kważi Lm13.0-il miljun inqas mis-sena ta' qabel. It-tabella li ġejja tagħti dehra ġenerali ta' kif mar is-settur tal-manifattura fil-ħames snin li għaddew u fl-ewwel tliet xhur ta' din is-sena.

**Tabella 10. Manufacturing** (large manufacturing enterprises)

| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2004 Q1 | 2005 Q1 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Turnover (Lm millions) | 1,162.2 | 990.6 | 991.7 | 1,028.4 | 1,015.6 | 254.8 | 219.2 |
| Investment (Lm millions) | 76.2 | 39.6 | 44.1 | 49.0 | 50.5 | 18.5 | 10.6 |
| Wages/salaries (Lm millions) | 118.7 | 115.3 | 118.7 | 123.3 | 120.9 | 30.7 | 30.1 |
| Employment | 22,159.0 | 22,516.0 | 21,509.0 | 20,149.0 | 19,722.0 | 19,730.0 | 19,588.0 |
| Averages sales per employee (Lm) | 52,448.2 | 43,995.4 | 46,106.3 | 51,039.8 | 51,495.8 | 12,914.3 | 11,190.5 |
| Average earnings per employee (Lm) | 5,356.7 | 5,120.8 | 5,518.6 | 6,119.4 | 6,130.2 | 1,556.0 | 1,536.7 |

Fil-kors tas-sena li għaddiet il-bejgħ medju ta' oġġetti manifatturati għal kull impjegat tela' 0.9 fil-mija fuq is-sena l-oħra, għal Lm51,495.8, żjieda li kieku kienet tkun akbar li kieku ma kienx għall-waqgħa fil-prezzijiet tal-oġġetti esportati. Infatti, it-taqsima tal-manifattura li tesporta, żjiedet sostanzjalment l-esportazzjoni tagħha fuq is-sena l-oħra. Minkejja dan, intrapriżi tal-manifattura batew ħtija ta' prezzijiet internazzjonali aktar baxxi għall-oġġetti esportati tagħhom anke jekk, f'termini ta' volum, huma esportaw aktar. It-tnaqqis fil-prezzijiet ta' oġġetti esportati ġie mill-kompetizzjoni internazzjonali intensa fis-swieq ta' l-esportazzjoni għal oġġetti manifatturati. Iċ-Ċart li ġejja tagħti indikazzjoni taċ-ċaqliq tal-prezzijiet ta' oġġetti esportati manifatturati fl-aħħar ħames snin.

**Ċart 8. Export unit value (2000 = 100)**




**Il-prezzijiet neżlin ta' l-esportazzjoni juru l-bżonn li nibqgħu kompetittivi**

Matul is-sena li għaddiet, l-investiment fil-manifattura żdied bi 3.1 fil-mija fuq is-sena ta' qabel, li huwa l-ogħla rata ta' tkabbir mill-2001. Għalkemm l-investiment fil-manifattura kien fl-ewwel tliet xhur ta' din is-sena kien anqas minn dak fl-istess perjodu is-sena l-oħra, hemm indikazzjonijiet ċari li dan l-investiment ser jirranka matul is-sena.

Fl-2004 l-impjiegi fl-intrapriżi tal-manifattura kbar niżlu għal 19,722 minn 20,149 fis-sena ta' qabel. Fl-istess ħin, id-dħul medju ta' dawk impjegati f'dan is-settur tela' għal Lm6130.2.

**Ċart 9. Dħul medju tal-ħaddiema fil-manifattura (Lm)**




**Fil-ħames snin bejn l-2000 u l-2004, id-dħul medju ta' l-impjegati fil-manifattura żdied b'14.4 fil-mija**

Uħud mill-esportaturi l-aktar importanti tagħna ta' oġġetti manifatturati għadhom qed ibatu mit-tnaqqis fid-domanda internazzjonali għall-prodotti tagħhom u minn tnaqqis ulterjuri fil-prezzijiet ta' l-esportazzjoni tagħhom. Minħabba t-tnaqqis fil-bejgħ ta' oġġetti esportati fl-ewwel tliet xhur ta' din is-sena, il-produzzjoni reġistrata mill-intrapriżi tal-manifattura kbar niżlet għal Lm219.2-il miljun minn Lm254.8 miljun fit-tliet xhur korrispondenti tas-sena l-oħra.

Għalkemm indikazzjonijiet preliminari ta' żieda f'ordnijiet ġodda għas-settur tal-manifattura jagħtu lok għal ottimiżmu mġedded dwar il-prospetti ta' tkabbir ta' dan is-settur, dan ma jfissirx li d-diffikultajiet li qed jiffaċċjaw dan is-settur ingħelbu. Anzi dan jipprovdi pjattaforma ġdida għal azzjoni aktar rigoruża biex nikkonsolidaw dak li diġà għamilna s'issa u nkomplu nattiraw intrapriżi ta' manifattura ġodda għal Malta.

## 02.1.6 Turiżmu

Wara li niżel fl-2002 u fl-2003, is-settur tat-turiżmu reġa' beda tielgħa fl-2004. Matul din is-sena qed ikun reġistrat titjib ulterjuri fl-operat tas-settur turistiku. Fil-fatt, wara li tela' bi 3.5 fil-mija fil-kors tas-sena l-oħra, in-numru ta' turisti f'Malta diġà tela' bi 2.1 fil-mija fl-ewwel ħames xhur ta' din is-sena meta mqabbel ma' l-istess perjodu fl-2004. Tabella 10 u Ċart 7 jagħtu dehra ġenerali ta' l-operat ġenerali tas-settur tat-turiżmu fil-perjodu mill-2001 s'issa.

**Tabella 13. Tluq tat-turisti fix-xahar**

| | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 |
|---|---|---|---|---|---|
| Jannar | 55,790 | 47,305 | 49,478 | 48,821 | 52,270 |
| Frar | 54,847 | 47,320 | 49,020 | 50,900 | 44,309 |
| Marzu | 81,029 | 78,751 | 71,678 | 65,019 | 70,562 |
| April | 102,308 | 91,352 | 93,287 | 90,875 | 87,433 |
| Mejju | 105,923 | 95,160 | 102,580 | 103,272 | 112,001 |
| Ġunju | 107,161 | 101,626 | 104,094 | 112,514 | |
| Lulju | 127,519 | 120,828 | 126,043 | 130,202 | |
| Awissu | 154,782 | 149,941 | 157,670 | 162,910 | |
| Settembru | 130,152 | 122,798 | 118,472 | 126,402 | |
| Ottubru | 115,393 | 124,460 | 109,805 | 128,070 | |
| Novembru | 67,432 | 70,283 | 65,781 | 67,434 | |
| Diċembru | 42,830 | 47,003 | 41,179 | 40,990 | |
| **Total** | **1,145,166** | **1,096,827** | **1,089,087** | **1,127,409** | |
| | | | | | |
| **Massimu (Awissu)** | **154,782** | **149,941** | **157,670** | **162,910** | |
| **Minimu (Diċembru)** | **42,830** | **47,003** | **41,179** | **40,990** | |
| **Jannar - Mejju** | **399,897** | **359,888** | **366,043** | **358,887** | **366,575** |

**Ċart 10. Tluq tat-turisti fix-xahar**




Is-suq tal-passiġġieri li jmorru kruċiera qed jikber sewwa fl-importanza bħala komponent ta' l-industrija turistika tagħna. L-investiment sostanzjali li sar fit-Terminal tal-Passiġġieri li jmorru kruċiera għandu jiswa ħafna biex jistabbilixxi fuq sisien sodi dan is-sotto-settur li qed jiżviluppa. It-tnaqqis previst fl-għadd ta' passiġġieri li waslu fl-2004 nqaleb għalkollox din is-sena. Fil-fatt, ir-riżultati reġistrati f'dan il-qasam fl-ewwel ħames xhur ta' din is-sena huma inkoraġġanti ħafna. Tul dan il-perjodu n-numru ta' passiġġieri li ġew waqt kruċiera tela' b'41.5 fil-mija fuq l-istess perjodu tas-sena l-oħra li laħaq l-74,425. Fil-perjodu medju u għat-tul hu antiċipat li dan is-settur imur 'il quddiem aktar l-aktar b'riżultat ta' l-investimenti kbar ħafna li saru u l-introduzzjoni ta' kunċetti ġodda ta' promozzjoni ta' bejgħ.

**Ċart 11.Passiġġieri fuq kruċiera li jżuru Malta (eluf)**




**Sa Mejju li għadda, in-numru ta' passiġġieri fuq kruċiera li waslu Malta tela' b'41 fil-mija**

Is-settur ta' akkomodazzjoni tat-turiżmu għadda u għadu għaddej minn ristrutturazzjoni sostanzjali. Filwaqt li n-numru ġenerali ta' sodod okkupati nieżel, in-numru ta' sodod 5-stilel qed jiżdied. Din il-kategorija issa għandha 12.7 fil-mija tas-sodod kollha. Min-naħa l-oħra, 65.9 fil-mija tal-postijiet ta' sodod totali huma fil-kategoriji ta' lukandi ta' tliet jew erba' stilel.

L-għadd ta' sodod hu wkoll rilevanti meta jitqiesu x-xejriet ta' okkupazzjoni. Kif jidher fit-tabella li ġejja, fl-ewwel tliet xhur ta' din is-sena l-livelli ta' okkupanza fil-lukandi telgħu f'kull wieħed mill-ewwel tliet xhur. F'dan ir-rigward hu importanti li jkun innutat li r-rati ta' okkupanza reġistrati jqisu d-domanda ġenerali kemm minn residenti u kemm minn persuni li m'humiex residenti.

**Tabella 14. Rata ta' okkupazzjoni fix-xahar**

| | Jan | Feb | Mar | Apr | May | Jun | Jul | Aug | Sep | Oct | Nov | Dec |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2003 | 35.2 | 43.3 | 53.1 | 54.7 | 56.2 | 58.9 | 83.9 | 81.2 | 62.9 | 60.1 | 43.8 | 38.2 |
| 2004 | 32.9 | 40.0 | 41.6 | 49.5 | 52.3 | 59.6 | 74.9 | 84.4 | 67.8 | 61.8 | 45.7 | 37.5 |
| 2005 | 35.7 | 42.9 | 51.5 | | | | | | | | | |

Ir-rappreżentazzjoni grafika li ġejja tal-mudelli staġjonali tat-turiżmu turi li l-operat medju tas-settur tat-turiżmu matul is-sena kollha jitlob titjib. F'kelma waħda, jeħtieġ li jinġibdu aktar klijenti lejn Malta fil-perjodi baxxi u marġinali. Rati ta' okkupazzjoni staġjonali u li jitilgħu u jinżlu jeħtieġ ikunu indirizzati għaliex jostakolaw titjib tal-kwalità u jistgħu jaffettwaw is-sostenibilità għat-tul ta' l-industrija.

**Table 15. Akkomodazzjoni; sodod skond il-livell tal-lukanda**

| Category | 2003 | | | | 2004 | | | | 2005 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Quarter 1 | Quarter 2 | Quarter 3 | Quarter 4 | Quarter 1 | Quarter 2 | Quarter 3 | Quarter 4 | Quarter 1 |
| 5-star | 10.2 | 11.2 | 11.1 | 11.0 | 11.2 | 11.6 | 11.8 | 11.9 | 12.7 |
| 4-star | 39.8 | 38.5 | 37.9 | 39.4 | 38.6 | 37.5 | 38.3 | 37.9 | 38.5 |
| 3-star | 27.9 | 26.9 | 28.3 | 27.5 | 27.5 | 27.3 | 26.8 | 26.4 | 27.4 |
| 2-star | 2.8 | 2.8 | 2.9 | 3.0 | 2.8 | 2.7 | 2.7 | 2.8 | 2.3 |
| n.e.c.* | 19.4 | 20.6 | 19.8 | 19.1 | 19.9 | 21.0 | 20.5 | 21.0 | 19.1 |
| **Total** | **100.0** | **100.0** | **100.0** | **100.0** | **100.0** | **100.0** | **100.0** | **100.0** | **100.0** |

* din il-kategorija tinkludi aparthotels, guesthouses, hostels u villaġġi turistiċi

**Ċart 12. Sodod okkupati fuq bażi ta' tliet xhur (Index 2002 Q1 = 100.0)**



| | 2003_Q1 | 2003_Q2 | 2003_Q3 | 2003_Q4 | 2004_Q1 | 2004_Q2 | 2004_Q3 | 2004_Q4 | 2005_Q1 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 5-star | 100.0 | 110.5 | 112.0 | 108.9 | 115.2 | 118.0 | 117.1 | 114.7 | 117.9 |
| 4-star | 100.0 | 97.0 | 98.2 | 100.1 | 101.1 | 97.3 | 97.3 | 93.6 | 91.8 |
| 3-star | 100.0 | 96.5 | 104.7 | 99.8 | 102.9 | 101.0 | 97.1 | 93.0 | 93.0 |
| 2-star | 100.0 | 100.5 | 107.2 | 110.7 | 106.1 | 100.3 | 99.8 | 97.9 | 78.8 |
| n.e.c.* | 100.0 | 107.0 | 105.7 | 99.6 | 107.1 | 112.0 | 107.1 | 106.5 | 93.8 |
| Total | 100.0 | 100.3 | 103.1 | 101.1 | 104.3 | 103.4 | 101.2 | 98.2 | 94.8 |

* din il-kategorija tinkludi aparthotels, guesthouses, hostels u villaġġi turistiċi

## In-numru ta' sodod okkupati fil-5 star hotels tielgħa

**Ċart 13. Sodod okkupati skond ix-xahar ut-tip**




din il-kategorija tinkludi aparthotels, guesthouses, hostels u tourist villages

In-numru ta' ljieli li jgħaddu t-turisti meta jkunu fil-pajjiż hu indikatur importanti. It-tul tal-qagħda tat-turisti żdied kull sena sa l-2003, iżda rreġistra tnaqqis marġinali fis-sena ta' wara. It-tabella li ġejja tagħti ħarsa ġenerali lejn it-tul medju tal-qagħda tat-turisti skond il-kategorija ta' lukandi.

**Tabella 16. Medja tat-tul ta' l-alloġġ skond l-iljieli**

| | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2004 Jan - May | 2005 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 5-star | 6.5 | 7.0 | 6.8 | 6.4 | 5.5 | 6.1 |
| 4-star | 8.7 | 8.7 | 8.9 | 8.7 | 8.8 | 8.7 |
| 3-star | 9.0 | 9.7 | 9.8 | 9.4 | 10.1 | 8.8 |
| 2-star | 8.3 | 8.2 | 8.9 | 8.2 | 7.5 | 7.7 |
| Unclassified | 8.3 | 8.7 | 9.2 | 6.1 | 6.4 | 12.0 |
| **Hotels** | **8.4** | **8.7** | **8.7** | **8.4** | **8.3** | **8.1** |
| Other* | 10.9 | 11.7 | 13.5 | 13.8 | 14.0 | 14.2 |
| **Total** | **9.2** | **9.6** | **10.2** | **9.7** | **9.5** | **9.4** |

*tinkludi aparthotels, guesthouses, hostels, tourist villages, furnished premises u akkomodazzjoni n.e.c.

Fl-ewwel ħames xhur ta' din is-sena t-turisti għaddew medja ta' 9.4 ljieli fil-pajjiż. Il-qagħda medja ta' turisti li użaw il-kategorija ta' lukandi ta' 5 stilel telgħet għal 6.1 iljieli minn 5.5 iljieli fl-istess perjodu tas-sena l-oħra. Il-qagħda medja ta' turisti li użaw akkomodazzjoni f'lukandi ta' 4 stilel baqgħet fl-istess livell tas-sena l-oħra. It-tul tal-qagħda f'lukandi tal-kategorija 3-stilel niżel għal 8.8 iljieli minn 10.1 iljieli s-sena l-oħra. Iżda t-tul medju tal-qagħda f'akkomodazzjoni mhux f'lukandi telgħet għal 14.2-il lejl minn 14.0-il lejl is-sena l-oħra.

Il-Gvern jagħraf l-importanza ta' l-industrija tat-turiżmu għall-ekonomija Maltija. Għaldaqstant il-Gvern hu kommess li jipprovdi l-appoġġ meħtieġ biex din l-industrija tista' tiffjorixxi. Il-miżuri li qed jittieħdu jindirizzaw problemi ambjentali importanti u l-investimenti sostanzjali li qed isiru għall-manutenzjoni u t-titjib ulterjuri ta' l-infrastruttura pubblika, u s-siti tal-wirt tagħna, jixhdu għal dan l-impenn.

## 02.1.7 Żieda tal-Pagi u Produttività

Fl-2004, il-kumpens medju ras għal ras tela' marġinalment b'0.1 fil-mija. F'termini reali, il-kumpens ras għal ras niżel bi 3.2 fil-mija. Sadattant, il-produttività tax-xogħol telgħet b'0.6 fil-mija b'mod ġenerali. Spejjeż reali ta' unità tax-xogħol niżlu bi 3.8 fil-mija. Il-produttività kull persuna impjegata f'Malta hi ogħla minn dik f'ħafna Stati Membri ġodda oħra ta' l-UE, iżda għadha aktar baxxa mill-medja ta' l-UE25. Hija wkoll ħafna aktar baxxa minn dik f'xi Stati Membri antiki.

**Ċart 14. Produttività kull persuna impjegata (EU25 = 100)**




**Il-produttività f'Malta hija ogħla minn dik f'numru ta' pajjiżi li ssieħbu issa fl-UE**

## 02.1.8 Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u Komunikazzjoni

Illum hu magħruf li t-teknoloġija ta' l-informazzjoni u komunikazzjoni (ICT) tikkostitwixxi wieħed mill-elementi determinanti ewlenin tal-kompetittività u hija assoċjata ma' rikonsiderazzjoni u riorganizzazzjoni mill-qiegħ ta' strutturi u proċessi tan-negozju. F'dan id-dawl hu importanti li titqies id-data fuq l-użu ta' l-ICT. It-tixrid ta' l-ICT hu kontributur importanti għal ekonomija dinamika bbażata fuq l-għarfien. Hu wkoll mod effettiv kif tingħata tweġiba lill-effetti tal-globalizzazzjoni fuq l-ekonomija Maltija.

Fi tmiem l-ewwel tliet xhur ta' l-2005 n-numru ta' abbonati fl-internet laħaq is-87,050, żieda ta' 8.2 fil-mija fuq it-tnax-il xahar ta' qabel. Abbonamenti magħmulin f'dan il-perjodu kienu 40 fil-mija *broadband* u 60 fil-mija *narrowband*. F'dawn l-ewwel tliet xhur ukoll, in-numru ta' abbonati għal telefons ċellulari laħaq it-315,393, żieda ta' 18.7 fil-mija. In-numru ta' abbonati għat-televiżjoni bil-kejbil tela' għal 102,372, żieda ta' 2.7 fil-mija.

Skond stħarriġ magħmul mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, 97 fil-mija ta' l-intrapriżi kollha li jimpjegaw aktar minn 10 persuni jużaw l-ICT fl-operazzjonijiet tan-negozju tagħhom. Madwar 94 fil-mija jużaw l-internet biex jixtru jew ibigħu diversi servizzi. Il-proporzjon ta' intrapriżi li għandhom websajt jew faċilitajiet ta' paġna tagħhom fuq l-internet kienet stmata li tilħaq it-73 fil-mija. Intrapriżi għamlu kważi 18 fil-mija tax-xiri kollu tagħhom minn fuq l-internet filwaqt li l-bejgħ magħmul bl-internet kien jikkostitwixxi 13.4 fil-mija tal-produzzjoni tagħhom.

Malta kienet fit-28 post fost grupp ta' 104 pajjiżi fl-indiċi għall-2004 ta' impriżi lesti li jinnegozjaw bl-internet (NRI) li kien ikkompilat mill-World Economic Forum. L-NRI hu definit bħala l-grad safejn pajjiż hu lest li jipparteċipa fi żviluppi fl-ICT u kemm hu lest jibbenefika minnhom.

**Ċart 15. Networked Readiness Index: 2004**




**Malta qed tgawdi posizzjoni tajba f'ICT readiness**

Barra minn hekk, in-Nazzjonijiet Uniti qiegħdet lil Malta fil-21 post fost 178 pajjiż fir-rigward tal-ħila u r-rieda li jużaw gvern-e għal żvilupp ibbażat fuq ICT.

**Chart 16. E-Government Readiness Index: 2004**




## KONKLUŻJONI

L-ekonomija Maltija qed tkun affetwata minn żewġ proċessi ta' ristrutturar distinti imma kumplimentari. Fuq livell internazzjonali hemm hemm ċaqlieqa fl-assi tas-saħħa ekonomika favor pajjiżi li qed jiżvillupaw. Aktar ma jgħaddi ż-żmien, dawn il-pajjiżi, aktar qed jisfruttaw il-vantaġġ li għandhom fil-produzzjoni u fl-għoti ta' servizzi u allura qed isaħħu l-preżenza tagħhom fis-swieq dinjija. Fuq livell lokali, ħafna setturi ekonomiċi għaddejjin minn perjodu ta' aġġustament sostanzjali sabiex itejbu kemm l-effiċjenzi tagħhom kif ukoll il-produttivita` u allura jtejbu l-kompetittivita` tagħhom lokalment u internazzjonalment.

Madanakollu, l-ekonomija Maltija hija milquta mill-inċertezzi ekonomiċ li qed jolqtu l-ekonomija dinjija; l-instabilta` maħluqa mis-swieq instabli tal-enerġija u t-theddid tat-terroriżmu internazzjonali qed jolqtuna wkoll. Minkejja kollox, l-ekonomija Maltija, għalkemm ghadha mhix fl-aqwa tagħha, xorta qed taħdem fl-livell rispettabbli. Il-kapaċita` murija mill-industrija tal-manifattura, it-titjib fit-turiżmu, il-momentum jiżdied fl-industrija tal-bini u l-agrikoltura kif ukoll l-livelli ogħla ta' attivita` fl-oqsma tas-servizzi finanzjarji u servizzi oħra qed jirriżultaw f'opportunitajiet akbar ta' xogħol u tnaqqis fin-numru tan-nies qiegħda.

Dan il-qawmien iġiegħlna nkunu ottimisti fir-rigward tal-futur ta' pajjiżna. Pajjiżna qed jaħdem u qed joħloq il-ġid. Minn-naħa tagħna irridu nagħmluh jaħdem iżjed sabiex il-poplu tagħna jkollu livell ogħla ta' għixien.



# Il-Kompetittività: il-bażi ta' l-istrateġija tagħna

KAPITLU 03

Dan id-dokument jibda billi jiddikjara l-viżjoni tagħna għal pajjiżna: ġejjieni mill-aħjar għalik u għal uliedek. Hija viżjoni li tistedinna lkoll biex inkomplu nsaħħu l-isforzi tagħna ħalli niksbu standards ta' għajxien u kwalità ta' ħajja ogħla għal kull persuna fil-komunità tagħna. Din il-viżjoni tista' biss issir realtà jekk aħna nkunu fost l-aktar pajjiżi kompetittivi fid-dinja f'dawk is-setturi kollha li nidentifikaw bħala l-oqsma li fihom għandna esperjenza.

Aktar ma Malta tkun kompetittiva, aktar ikun faċli u inqas iwaġġa' li taddatta ruħha għal kondizzjonijiet ekonomiċi internazzjonali li jinbidlu. Jekk inkunu kompetittivi aħna nistgħu nżommu s-sehem tagħna mis-suq fis-swieq kurrenti tagħna u nkunu f'qagħda aħjar biex infittxu swieq ġodda. Jekk ma nkunux kompetittivi se nsibuha dejjem aktar diffiċli li nagħmlu dawn iż-żewġ ħwejjeġ.

Hu importanti li tkun enfasizzata d-dimensjoni soċjali ta' din ir-realtà ekonomika. It-titjib tal-kompetittività hu vitali biex l-ekonomija tagħna tibqa' tespandi u tikber. U huwa biss bis-saħħa ta' l-espansjoni u t-tkabbir ta' l-ekonomija li nistgħu niggarantixxu l-livelli għolja eżistenti tax-xikba soċjali tagħna għas-snin li ġejjin. Il-Gvern jemmen li Malta għandha tibqa' soċjetà ta' wens u sedqa li fiha kulħadd għandu jgawdi livell ta' għajxien adegwat. Dawk li jsibu lilhom infushom inkapaċi li jipprovdu dak il-livell għalihom infushom għandhom ikunu jistgħu jitolbu l-appoġġ u s-solidarjetà taċ-ċittadini sħabhom sakemm ikunu kapaċi jilħqu livell ugwali fil-linja dominanti soċjali u ekonomika. Ir-responsabbiltà li jingħata appoġġ lil dawk fil-bżonn taqa' primarjament fuq il-Gvern bħala l-espressjoni tar-rieda kollettiva taċ-ċittadini, u l-Gvern biħsiebu jkompli jaqdi din ir-responsabbiltà kif suppost – naturalment suġġett għal salvagwardji biex jiżgura li individwi bla skruplu ma jabbużawx mill-ġenerożità kollettiva tal-pubbliku Malti.

Madankollu hu important li wieħed iżomm f'moħħu li qabel ma l-ġid jista' jitqassam mill-ġdid, irid jinħoloq – ġid li jinħoloq bit-tkabbir ekonomiku. Dan it-tqassim mill-ġdid tal-ġid skond kif meħtieġ biex jiżgura ġustizzja soċjali m'għandux isir b'mod li jirriduċi jew jiskoraġġixxi l-ġenerazzjoni tal-ġid nazzjonali. Fl-aħħar mill-aħħar, l-aktar mezz importanti biex ikun żgurat livell ta' għajxien adegwat għal kulħadd hu li l-produttività tal-pajjiż tikber kemm jista' jkun u b'hekk jikber il-potenzjal tagħha li tagħmel il-qligħ.

It-tkabbir kemm jista' fil-kompettitivita' u l-produttività m'għandux jissarraf f'eżerċizzju magħluq fih innifsu ta' qtugħ ta' pagi u salarji fi sforz biex jitnaqqsu l-ispejjeż tax-xogħol. Anzi, għandu jkun eżerċizzju miftuħ bil-għan li jkabbar il-produzzjonu u jgħaddi għal setturi li jagħtu valur miżjud ogħla. Il-komponent ta' nfiq tal-produttività ma jistax ikun skuntat, iżda l-kompetittività tmur aktar lilhinn minn daqshekk.

Fl-aħħar mill-aħħar il-kompetittività ma tintlaħaqx jekk l-isforzi kollha tagħna ma jkunux saturati minn kultura ta' ħila li tfittex li tilħaq l-eċċellenza kuljum u f'dak kollu li tagħmel. Aħna rridu nistinkaw biex niżviluppaw u nżommu vantaġġ kompetittiv f'dawk l-oqsma fejn għandna vantaġġ meta mqabblin ma' ħaddieħor. F'kull ma nagħmlu, irridu nagħtu l-aqwa tagħna.

L-elementi fundamentali ta' kompetittività huma diskussi hawn taħt.

## 03.1 Niġbdu l-investiment

L-investiment għandu funzjoni kruċjali fit-titjib tal-kompetittività. Dan japplika għal investiment kemm mis-settur privat u kemm minn dak pubbliku, kull wieħed fl-isfera ta' responsabbiltajiet rispettivi tiegħu. Investiment minn intrapriżi privati hu neċessarju biex jimmodernizza l-kapital, itejjeb il-kwalità tal-prodott u l-produttività, u jespandi f'linji ta' prodotti ġodda jew oqsma ta' attività ġodda. Il-Gvern ma jistax u m'għandux jieħu post intrapriżi privati f'din il-funzjoni jew jidħol għaliha f'isimhom. Madanakollu l-Gvern għandu żewġ funzjonijiet kritiċi x'jaqdi.

L-ewwelnett, il-Gvern għandu jipprovdi klima makroekonomika stabbli li tnaqqas l-inċertezza politika u hekk tagħti ċans lill-intrapriżi privati jippjanaw għal investiment fit-tul, filwaqt li jassigura li l-intrapriżi ż-żgħar isibu l-istimulu li għandhom bżonn biex ikattru l-ġid bil-mod matul is-snin. Din il-klima tfisser li, safejn hu possibbli, m'għandux ikun hemm bidliet ta' politika ta' malajr. Hu rilevanti li jingħad li wieħed mill-ingredjenti fundamentali li jirfdu s-suċċess tas-settur tas-servizzi finanzjarji kien il-politika ta' kontinwità.

Il-finanzi tal-Gvern iridu wkoll ikunu mmaniġġjati b'mod sod u jitwasslu għal bilanċ raġonevoli. Diġà sar ħafna progress f'dan il-qasam. Id-defiċit pubbliku qed jitnaqqas gradwalment u l-Gvern jibqa' kommess għall-objettiv tiegħu li sa l-2007 jniżżlu taħt is-3 fil-mija tal-Prodott Gross Domestiku.

**Tabella 15. Perċentwali ta' defiċit pubbliku mqabbel mal-Prodott Gross Domestiku**

| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 |
|---|---|---|---|---|
| Perċentwali ta' defiċit mqabbla mal-PGD | 5.2 | 3.7 | 2.3 | 1.4 |
| Perċentwali ta' tkabbir tal-PGD | 1.1 | 1.7 | 2.1 | 2.1 |
| Stima tad-defiċit (Lm miljuni) | 95 | 76 | 50 | 33 |

Kif kien enfasizzat fl-istrateġija tal-Gvern li jadotta l-euro, Malta hija wkoll kommessa li żżomm rata ta' kambju soda kontra l-euro bis-saħħa tas-sħubija fil-mekkaniżmu ta' l-ERM II. Dan qed ikollu effett benefiku ta' stabbilizzazzjoni fuq is-sentiment tas-suq barrani fil-konfront tal-lira Maltija u fuq ir-rati ta' mgħax lokali.

It-tieninett, il-Gvern għandu jidderieġi investiment pubbliku fl-infrastruttura li tirfed l-attività tas-settur privat, u primarjament in-netwerks tat-trasport u komunikazzjoni, servizzi pubbliċi, l-ambjent u l-wirt nazzjonali. Hu ovvju li s-settur privat ma jistax jiffunzjona b'mod effiċjenti mingħajr infrastruttura tal-kwalità neċessarja. Ir-rabta bejn l-attività tas-settur privat u l-wirt nazzjonali tagħna tista' ma tidhirx mill-ewwel għal ħafna min-nies, iżda fil-fatt għandha sinifikat partikolari għas-settur turistiku. B'restawr u manutenzjoni xierqa, assi tal-wirt bħal, fost l-oħrajn, il-fortifikazzjonjiet, jistgħu jintużaw aħjar biex iwessgħu u jtejbu l-appell ta' Malta għat-turisti u biex jiġbdu turiżmu speċjalizzat li jiddependi inqas fuq l-istaġuni.

F'dawn l-aħħar snin l-infrastruttura tal-komunikazzjoni ta' Malta kienet ittrasformata b'mod li m'għadux jingħaraf kif kienet fl-imgħoddi. Illum il-pajjiż jiftaħar li għandu l-aktar faċilitajiet moderni f'oqsma bħalma huma l-kummerċ elettroniku, il-komunikazzjonijiet mobbli, it-televiżjoni bil-kejbil u aktar riċenti bil-komunikazzjoni diġitalic terrestri. Il-ħtieġa kurrenti ewlenija li tonqos hija t-titjib għal livell modern tax-xibka ta' toroq. F'dan il-qasam issa qed isir xogħol iffinanzjat mill-protokoll Taljan, u fondi estensivi ta' l-UE huma wkoll assenjati għal dan. Ir-riżultati diġà qed jidhru u x-xogħol se jibqa' sejjer tul l-2006-10.

L-istess jingħad fil-każ tal-wirt nazzjonali, bit-twaqqif ta' Heritage Malta u r-restawr ta' siti importanti bħall-Ipoġew u d-Domus Romana. Barra minn hekk, il-kapital privat qed ikun mobilizzat għar-restawr tal-fortifikazzjonijiet tagħna, speċjalment il-Forti Manoel u z-zona tax-Xatt tal-Belt. Qed ikun propost li l-iskop ta' dawn l-isforzi jkun estiż u jitwassa' tul l-2006-10.

## 03.2 Titjib għal livell modern tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol

Fl-ambjent ekonomiku tal-lum, it-tkabbir ta' Malta jitlob edukazzjoni ta' kwalita' għal kulħadd. Il-livell u l-kwalita' ta' edukazzjoni tal-poplu tagħna għandu impatt dirett fuq ir-rata ta' tkabbir ta' kull attivita' ekonomika, fi kwalunkwe settur, żgħir kemm hu żgħir. Dan isir aktar kruċjali fir-rigward tal-ħila ta' Malta sabiex tikkompeti f'suq ta' valur miżjud u ta' għarfien intensiv li hu ċ-ċavetta għal ġejjieni mimli prosperita' u li jeħtieġ forza tax-xogħol mħarġa u li taf taddatta ruħha. Forza tax-xogħol imħarġa hija prodott ta' edukazzjoni tul il-ħajja, li tibda mit-tfulija l-aktar bikrija, tgħaddi għal edukazzjoni primarja u sekondarja, imbagħad timxi għal dik vokazzjonali jew terzjarja skond kif ikun meħtieġ,u tkompli b'taħriġ professjonali.

Hemm proċess għaddej sabiex titjieb il-kwalita' ta' l-esperjenza edukattiva ta' kull tifel u tifla. It-tfal Maltin ta' tliet snin kollha għandhom aċċess għal servizzi ta' kindergarten. Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali ġdid jispira strateġija u viżjoni ġdida fit-tagħlim primarju u sekondarju. Fl-istess waqt il-Gvern nieda proġett li jiswa' miljuni kbar mifrux fuq medda ta' għaxar snin sabiex jibni l-iskejjel ġodda ta' l-istat li teħtieġ Malta u biex jimmodernizza u jirranġa l-bqija ta' l-iskejjel ta' l-istat sabiex jinbidlu fl-'Iskejjel ta' Għada'. Twaqqaf Kulleġġ Vokazzjonali, il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST), filwaqt li kienet reġistrata żieda konsiderevoli fin-numru ta' studenti Universitarji.

Matul is-sentejn li għaddew, il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ u x-Xogħol nieda analiżi kritika tas-sistema edukattiva. Gruppi tax-Xogħol differenti, magħmula minn esperti u operaturi fis-settur, irriċerkaw u kkonsultaw bis-sħiħ u issa qed jirrapurtaw u jagħtu pariri lill-Gvern dwar setturi differenti tas-sistema kif huwa spjegat aktar 'il quddiem f'dan id-dokument. Biex is-servizzi edukattivi ta' Malta jinbidlu u jiġġeddu bis-sħiħ, aktar bidliet qed ikunu proposti bil-għan li:

- Ikunu żgurati mekkaniżmi ffukati fl-issetjar ta' standards u assikurazzjoni ta' kwalita' esterni għall-livelli u s-setturi kollha fl-edukazzjoni ta' matul il-ħajja
- Tkun stabbilita netwerk ġdid edukattiv permezz ta' riorganiżżazzjoni ta' l-iskejjel kollha ta' l-Istat f' Kulleġġi awtonomi sabiex jilħqu żvilupp edukatttiv sħiħ u kontinwu għall-istudenti kollha mill-aktar stadji bikrin sat-tmiem ta' l-edukazzjoni obbligatorja;
- tkun ristrutturata d-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni biex tkun tista' taqdi aħjar il-funzjoni tagħha bħala regolatur tal-kwalità tat-tagħlim fl-iskejjel kollha, pubbliċi u privati;
- titwessa' l-edukazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija fejn jitrawwem spirtu ta' innovazzjoni u imprenditorija;
- l-edukazzjoni terzjarja titqiegħed fuq bażi aktar sostenibbli waqt li tibqa' tkabbar l-aċċess ta' l-istudenti u tgħolli l-livell ta' l-Universita` tagħna, li tattira iktar studenti;
- l-edukazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija tespandi;
- jkun stabbilit qafas ta' kwalifiki vokazzjonali nazzjonali biex l-edukazzjoni vokazzjonali titqiegħed fuq bażi aktar soda u strutturata aħjar għall-benefiċċju kemm ta' l-istudenti u kemm ta' dawk li jħaddmu;
- jisseddaq l-għarfien tal-lingwi ħalli niżguraw li kull Malti ikun kapaċi jitkellem sewwa bil-Malti, bl-Ingliż u b'lingwa oħra.

Sadanittant, il-Gvern se jkompli jenfasizza l-importanza tal-miżuri li ġejjin:
- It-tisħiħ tal-litteriżmu, in-numeriżmu u programmi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika għal kulħadd;
- It-twaqqif ta' sistema ġdida fis-servizzi għall-gwida tal-karrieri li se tibda mill-eta' ta' l-edukazzjoni obligatorja sal-maturita` filwaqt li tiżgura ko-ordinament bejn l-awtoritajiet edukattivi, l-ETC, u l-Istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla.
- Jinbeda kontroll kwalitattiv effettiv u infurzar tal-livelli fuq l-istituzzjonijiet kollha pubbliċi u privati;
- Il-promozzjoni ta' taħriġ vokazzjonali speċifiku, aktar mgħaġġel u kumpatt b'rabta ma' setturi differenti fl-ekonomija;
- L-għoti ta' inċentivi neċessarji biex jiżdiedu l-istudenti tax-Xjenza u jiddaħħlu fis-suq lokali permezz ta' rabtiet mal-Malta Enterprise u mas-settur privat..

Matul perjodu itwal, il-Gvern se jkompli
- Jesplora l-introduzzjoni ta' Public Private Partnerships sabiex iżid l-effiċjenza u l-investiment fis-settur edukattiv Malti;
- Jiżviluppa t-taħriġ ta' l-adulti u s-setturi ta' taħriġ, inkluż is-settur privat, billi jintroduċi sistemi ta' akkreditazzjoni sabiex ikunu żgurati livelli tajbin;
- Jippromwovi forom ġodda ta' organiżżazzjonijiet tax-xogħol li jkunu sensittivi għall-bżonnijiet tat-tagħlim għal matul il-ħajja permezz ta' taħriġ għal-adulti.

## 03.3 Tisħiħ ta' kultura intraprenditorjali

Il-gvernijiet ma joħolqux il-ġid. Kif issemma qabel, il-gvernijiet jistgħu, l-aktar l-aktar, jiffaċilitaw il-ħolqien tal-ġid billi jiżguraw li l-ambjenti politiċi, ekonomiċi, soċjali u fiżiċi jwasslu biex dan isir. Il-gvernijiet jistgħu wkoll jgħinu intraprendituri jidentifikaw opportunitajiet esteri u jieħdu vantaġġ minnhom. Ultimament, iżda, sta għall-imprendituri li jieħdu dawn l-opportunitjiet u jaġixxu fuqhom.

It-twaqqif tal-*Venture Capital Fund*, li għandu jibda fil-ġimgħat li ġejjin, huwa eżempju konkret ta' dan. Il-Gvern jista' jsawwar l-inċentivi fiskali adatti sabiex jiġbed investiment fil-Fond u jista' anke jipprovdi capital żgħir fil-bidu. Madanakollu, is-suċċess jew le tal-Fond, jiddependi l-ewwelnett fuq jekk ikunx attirat capital privat u t-tieni fuq kemm il-Fond jinvesti fi proġetti li jenħtieġu *venture capital*.

Fil-pajjiżi kollha, mhux l-imprendituri kollha jirnexxu; filwaqt li xi impriżi ġodda jfallu, oħrajn jaslu biex isiru prinċipali ewelnin li jaqilgħu flus barranin sinifikanti, u wkoll żviluppaturi ta' prodotti u servizzi innovattivi li joħolqu fl-ekonomija usa' effetti ulterjuri benefiċi. Soċjetà intraprenditorjali toħloq ekonomija aktar dinamika u flessibbli li jkollha ħila akbar li taddatta ruħha għall-bidla.

Il-Gvern għandu l-potenzjal li jkollu funzjoni sinifikanti fl-inkoraġġiment ta' l-intraprenditorija, u dan jidher permezz tal-miżuri li ġejjin:

- it-tneħħija ta' ostakli u spejjeż bla bżonn lill-imprendituri u l-iżgurar li ma jitfaċċawx ostakli oħra ta' din ix-xorta;
- l-għoti ta' servizzi lil negozji bl-aktar mod effiċjenti u organizzat possibbli;
- il-provvista ta' riżorsi għall-ingranar ta' investiment aċċessibbli għall-imprendituri, partikolarment f'oqsma magħżula li joffru tkabbir qawwi fejn is-suq ma jfornix finanzi biżżejjed minnu nnifsu. Naturalment, dawn iridu jkunu suġġetti għal kondizzjonijiet u salvagwardji xierqa;
- l-għoti ta' għajnuna lil imprendituri li qed jagħmlu l-almu tagħhom biex jagħmlu l-qabża mis-suq lokali għas-swieq internazzjonali;
- it-tisħiħ tal-ħila impreditorjali permezz ta' edukazzjoni għall-impreditorija fl-iskejjel fil-livelli kollha tas-sistema edukattiva;
- it-tisħiħ ta' l-infrastruttura għas-servizzi li jinkludu attivita` kummerċjali u industrijali;
- tiġi assigurata s-sostenibilita` tan-negozju b'attenzjoni għall-kompetizzjoni ġusta.

## 03.4 Niżguraw swieq flessibbli

Swieq flessibbli jagħtu lill-ekonomija l-ħila li taddatta ruħha aħjar għal xejriet u żviluppi li jkunu għaddejjin. Il-flessibilità tagħti l-kapaċità li r-riżorsi jkunu trasferiti minn setturi li sejrin lura għal dawk li qed jespandu bl-inqas tħarbit possibbli għall-produzzjoni u l-impjiegi, u hekk tgħin lill-ekonomija ssostni rati għolja ta' tkabbir ta' produttività u impjiegi. Dan imbagħad jagħmilha possibbli għall-ekonomija li tinvesti f'oqsma ta' tkabbir għoli permezz tal-forzi tas-suq mingħajr ix-xkiel ta' intervent eċċessiv mill-Gvern.

Hemm aktar minn mod wieħed kif ħaddiema u ditti jaddattaw irwieħhom għall-bidla. Fil-każ tad-ditti, aġġustament jista' jfisser bdil ta' prezzijiet jew bdil tal-linja ta' produzzjoni. Fil-każ tal-ħaddiema, aġġustament jista' jfisser it-tagħlim ta' ħiliet ġodda, il-prattika ta' aktar minn sengħa waħda, jew mobilità fl-impjieg.

Fuq medda qasira ta' żmien, il-flessibilità minn naħa u s-sigurtà ta' l-impjieg mill-oħra jridu jċedu xi ħaġa lil xulxin, u l-politika tal-Gvern trid issib bilanċ ekwu bejn it-tnejn. Ir-realtajiet ekonomiċita' żmienna juru biċ-ċar li l-politika tal-Gvern għandha timmira sabiex tiżgura li l-ħaddiema jkunu kapaċi jaħdmu quddiem l-isfidi kollha għaliex huwa ċar li l-politika tradizzjonali ta' protezzjoni ta' l-impjiegi falliet fil-pajjiżi kollha.

Il-protezzjoniżmu tal-impjiegi huwa soluzzjoni falza; b'mod irresponsabbli hija tagħti sens falz ta' sigurta`. Tixbah lil polza ta' assikurazzjoni qarrieqa, fis-sens li potenzjalment għandha konsegwenzi ta' dannu gravi għal dawk li suppost l-aktar li tħares.

## 03.5 Insaħħu l-innovazzjoni

L-innovazzjoni hija waħda mill-ġebel tax-xewka tal-kompetittività fil-qasam ta' prodotti ta' teknoloġija intensiva u li għandhom valur miżjud għoli. Fl-imgħoddi l-attitudni lejn l-iżvilupp ekonomiku adottata minn Malta kienet timplika li ditti b'sidien barranin li joperaw lokalment kienu jutilizzaw innovazzjonijiet żviluppati mill-kumpaniji ewlenin tagħhom barra minn Malta. Dan m'għadux biżżejjed. Malta jeħtieġ tidentifika l-forzi ekonomiċi tal-pajjiż u tagħmel investiment strateġiku fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni marbutin magħhom.

Proposti fuq dawn il-linji huma diskussi f'aktar dettall fil-kapitlu li ġej.



# Direzzjonijiet fil-Baġit għall-2006 li jirfdu l-Viżjoni ta' Eċċellenza

KAPITLU 04

Il-Gvern hu determinat li jneħħi t-tfixkil kollu għat-tkabbir ekonomiku u jiffoka l-attività tas-settur pubbliku u s-servizz privat biex isostni u jiffaċilita l-fiduċja, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fin-negozju. Biex nilħqu l-missjoni tagħna li niżguraw ambjent makroekonomiku stabbli kapaċi li jrawwem tkabbir ekonomiku sostenibbli, opportunitajiet akbar u aħjar ta' impjiegi, u s-sostenibilità tar-responsabbiltajiet soċjali tagħna, jeħtieġ li għadd ta' elementi fundamentali ekonomiċi u soċjali jkunu indirizzati:

1. Li naslu għal qagħda bilanċjata fil-finanzi pubbliċi f'medda ta' żmien medja biex nerġgħu nakkwistaw flessibilità fiskali li taġixxi ta' xprun ekonomiku għal tkabbir ekonomiku għat-tul u livelli ta' għajxien ogħla.
2. Li nirripożizzjonaw ir-riżorsi kapitali u umani tagħna fis-settur pubbliku biex jikkontribwixxu b'mod effiċjenti u effettiv għal għoti ta' servizz aħjar u tkabbir ekonomiku.
3. Li niffukaw il-funzjoni tal-Gvern fl-ekonomija fuq l-aspett regolatorju, billi niffaċilitaw aktar milli nipparteċipaw bħala operatur f'attivitajiet ekonomiċi.
4. Li naċċeleraw ir-riformi strutturali neċessarji fil-lat ta' provvista ta' l-ekonomija billi ntejbu l-flessibilità fis-swieq tax-xogħol, prodotti, servizzi u kapital, u b'hekk inkabbru l-produttività.
5. Li niggarantixxu opportunitajiet edukattivi u ta' taħriġ ta' kwalità tul il-ħajja kollha għal kulħadd, li jwasslu għall-isħeħ twettiq possibbli tal-potenzjal ta' kull persuna u t-trawwim ta' kultura msejsa fuq għarfien li ttejjeb il-vantaġġ kompetittiv ta' pajjiżna biex jiġu sodisfatti l-bżonniiet tal-pajjiż għat-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli.
6. Li ntejbu l-ambjent u l-infrastruttura tan-Nazzjon tagħna biex niżguraw kwalità ta' ħajja itjeb bis-saħħa ta' żvilupp sostenibbli u r-riġenerazzjoni tal-wirt tagħna.
7. Li nipprovdu xibka ta' sigurtà ekwa li twarrab ir-riskju tal-faqar u tirrealizza l-għan ta' inklużività soċjali bil-ħlas ta' benefiċċji u appoġġ xieraq lil dawk li huma tassew fil-bżonn.

Il-miżuri proposti hawn taħt huma mfasslin biex jilħqu dawn il-prinċipji ekonomiċi fundamentali.

## 04.1 L-Ekonomija

### 04.1.1 Miżuri Fiskali

Li naslu għal qagħda bilanċjata fil-finanzi pubbliċi f'medda ta' żmien medja biex nerġgħu nakkwistaw flessibilità fiskali li taġixxi ta' xprun ekonomiku għal tkabbir ekonomiku għat-tul u livelli ta' għajxien ogħla.

L-isfida li għandha hi l-implimentazzjoni ta' proċess kredibbli u li jirnexxi ta' konsolidament fiskali li hu effettiv biex ikattar il-tkabbir ekonomiku. Dan il-konsolidament jitlob att li jibbilanċja l-introduzzjoni ta' objettivi politiċi maħsubin biex jistimulaw l-attività ekonomika u jtejbu l-produttività mat-tnaqqis tad-defiċit fiskali.

**Tabella 16. Dħul rikorrenti u nfiq rikorrenti**

| | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Dħul rikorrenti | 513,726 | 562,334 | 617,652 | 668,621 | 719,803 | 739,221 | 813,027 |
| Infiq rikorrenti | 516,393 | 520,042 | 549,837 | 614,626 | 645,995 | 677,655 | 732,846 |
| Ħlas ta' mgħaxijiet | 40,538 | 50,093 | 54,441 | 58,660 | 63,811 | 63,042 | 69,580 |
| Defiċit/Surplus | -43,205 | -7,801 | 13,374 | -4,665 | 9,997 | -1,476 | 10,601 |

**Chart 14. recurrent revenue vs rexurrent expenditure (including interest)**




**Is-sena l-oħra d-dħul rikorrenti qabeż l-infiq rikorrenti b'10.6 miljuni**

Iċ-ċavetta għal din l-isfida hi d-direzzjoni tal-politika li l-ibbilanċjar tal-kontijiet m'għandux jitfittex permezz ta' żieda fil-piż tat-taxxa iżda primarjament b'zieda fit-tkabbir ekonomiku.

Il-Gvern jaqbel li l-enfasi tal-politiki fiskali tiegħu f'dan ir-rigward għandha tkun diretta biex jirrevedi dawk il-miżuri li jiskoraġġixxu x-xogħol u jimminaw il-produttività. Filwaqt li l-Gvern jemmen li tul dan il-perjodu ta' konsolidament fiskali m'huwiex iż-żmien it-tajjeb biex jinbidel il-qafas tat-tassazzjoni, għandu jinbeda l-proċess biex il-qafas tat-tassazzjoni jibda jkun studjat mill-ġdid u mbagħad isiru rakkomandazzjonijiet f'dan ir-rigward. Materji li jeħtieġ ikunu indirizzati jinkludu:

i L-użu ta' politika ta' tassazzjoni biex ikun stimulat it-tkabbir ekonomiku. Oqsma li jkunu jeħtieġu ħarsa ġdida jinkludu, ngħidu aħna, jekk it-tassazzjoni fuq intrapriżi żgħar u medji għandhiex tkun fuq bażi ta' somma waħda fir-rigward ta' l-attività tan-negozju; jekk negozju għandux ikollu estensjoni fil-faxxa tat-taxxa li tkun marbuta man-numru ta' persuni impjegati; u jekk din għandhiex tkun forma ta' radd lura jew xi forma oħra li tkabbar il-potenzjal ta' tkabbir tan-negozju. Bl-istess mod għandha tingħata ħarsa lejn il-faxex preżenti tat-taxxa għall-individwi, ir-rati tat-taxxa tal-kumpaniji kif ukoll is-sistema ta' taxxa fuq il-qligħ kapitali, biex jinħolqu bidliet pożittivi li jistimulaw it-tkabbir filwaqt li jservu ta' deterrent għall-evażjoni tat-taxxi.

ii Ċaqliq minn tassazzjoni diretta għal tassazzjoni relatata ma' l-ambjent. Din ma tkunx miżura maħsuba biex iżżid id-dħul iżda forma ġdida ta' dħul minn tassazzjoni diretta li ddaħħal kunċetti bbażati fuq il-prinċipju li min iniġġes iħallas.

iii L-introduzzjoni ta' inċentivi fiskali biex jistimulaw is-suq tal-kera billi possibilment idaħħlu l-għażla ta' rata ta' taxxa fissa fuq dħul minn kera għal skopijiet residenzjali.

iv Is-simplifikazzjoni ulterjuri tar-rekwiżiti tar-rappurtar tat-taxxa biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi kemm minn fuq il-Gvern u kemm minn fuq is-settur tan-negozju, b'mod speċjali n-negozji ż-żgħar u l-mikro-negozji.

Għal dan il-għan il-Gvern qed jipproponi li jwaqqaf grupp ta' ħidma bl-iskop speċifiku li jirrevedi dan t'hawn fuq u jippreżenta rakkomandazzjonijiet lill-Gvern mhux aktar tard minn Ġunju 2006. Il-grupp se jingħata termini ta' referenza dettaljati mhux aktar tard minn Diċembru 2005. Jingħad li dan se jkun inkarigat li jagħmel konsultazzjoni wiesgħa, li jżomm quddiem għajnejh ir-relazzjoni bejn d-dħul mit-taxxi u l-finanzi tal-Gvern, u jikkonkludi r-rapport fiż-żmien mogħti lilu.

In vista ta' żviluppi reċenti bnadi oħra, fejn sar tnaqqis fuq rati ta' taxxa korporattivi, minn żmien għal żmien isiru sejħiet għal konsiderazzjoni tat-tnaqqis tat-taxxa korporattiva. Dan jagħmel l-industrija lokali tagħna aktar kompetittiva u jiġbed investiment dirett barrani. Iżda hu rilevanti li jkun enfasizzat li dwar din il-kwistjoni hemm kunċett żbajlat sewwa. Ir-reġim tagħna hu msejjes fuq sistema ta' taxxa waħda li tintaxxa l-profitti darba waħda biss, meta jkunu jew f'idejn il-kumpanija

jew f'idejn l-azzjonist u li meħudin flimkien ma jaqbżux il-35%. Dan iwassal għal sistema aktar kompetittiva mis-sistemi ta' taxxa doppja komuni f'ġuriżdizzjonijiet oħrajn. F'dawn l-aħħar sistemi l-profitti huma l-ewwel intaxxati f'livell ta' kumpanija u mbagħad huma intaxxati għal darb'oħra bħala dħul f'idejn l-azzjonist.

L-isforzi tat-Tax Compliance Unit biex irażżan l-evażjoni tat-taxxa se jibqgħu sejrin. Sforzi biex tkun kontrollata l-evażjoni tat-taxxa spiss iwasslu għal akkużi li l-Gvern qed jimponi morsa fuq l-ekonomija. Iżda l-moralità fiskali hija prinċipju fundamentali tas-soċjetajiet demokratiċi kollha. M'hux aċċettabbli li persuni jagħmlu qligħ fuq medda qasira ta' żmien, billi ma jissodisfawx l-obbligi fiskali personali tagħhom, a spejjeż tal-prosperità tagħhom infushom u, fuq medda ta' żmien għat-tul, ta' dik tal-komunità. F'dan ir-rigward il-Gvern m'hux se jabbanduna r-responsabbiltajiet tiegħu. Madankollu l-Gvern jaf li reġimi fiskali mhux realistiċi jew miżuri ta' konformità onerużi iwasslu inevitabilment għal evażjonijiet mit-taxxa u għalhekk irid jinsab il-bilanċ ġust bejn regolamentazzjoni u konformità, b'ta' l-ewwel titqies bħala komponent essenzjali tat-tieni.

### 04.1.2 Is-Servizz Pubbliku u s-Settur Pubbliku:

## Li nirripożizzjonaw ir-riżorsi kapitali u umani tagħna tas-settur pubbliku biex jikkontribwixxu b'mod effiċjenti u effettiv għal għoti ta' servizz aħjar u tkabbir ekonomiku.

Mill-1990'l hawn ingħatat ħafna attenzjoni lill-amministrazzjoni pubblika u sar ħafna investiment fiha biex issir aktar produttiva u trodd lura l-valur tal-flus li jintefqu fuqha. Sar ħafna. Iżda għad baqa' ħafna xi jsir.

Is-sena kurrenti kienet karatterizzata minn miżuri definittivi biex tissaħħaħ id-dixxiplina finanzjarja fl-istituzzjonijiet statali. Il-Gvern adotta wkoll proċess ta' deċentralizzazzjoni aktar ikkontrollata fid-dipartimenti tas-Servizz Pubbliku, u wkoll f'entitajiet Statali oħrajn, bis-saħħa tat-twaqqif tal-Financial Management Monitoring Unit. Hu maħsub li fl-2006 dan ix-xogħol ikun segwit bil-miżuri li ġejjin:

0.1 L-introduzzjoni ta' Att dwar il-Finanzi Pubbliċi biex jieħu post l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika kurrenti. F'dan l-Att se jkollha post ċentrali l-introduzzjoni ta' mmaniġġjar ta' l-operat li jkun imsejjes fuq il-prinċipji tas-sistema ta' produzzjoni/riżultat. Din l-introduzzjoni jkollha l-potenzjal li tagħti forma konkreta lir-relazzjoni ta' kontabilità bejn il-Gvern u t-tmexxija eżekuttiva li hu jaħtar.

L-idea ta' mmaniġġjar tal-prestazzjoni organizzattiva u eżekuttiva għandha tkun imsejsa fuq ftehim ta' operat li jsir bejn il-Ministru responsabbli u t-tmexxija eżekuttiva – u dan isir il-mekkaniżmu kjavi għall-kontabilità u l-operat. Sistema ta' ftehim dwar operat diġà teżisti fil-każ ta' uffiċjali anzjani fis-Servizz Pubbliku.

Il-prestazzjoni organizzattiva tissaħħaħ u tiffoka iktar permezz ta' l-Att ġdid propost dwar il-Finanzi Pubbliċi u jiġi estiż ukoll għall-ogħla uffiċjali ta' entitajiet pubbliċi barra mis-Servizz Pubbliku.

0.2 Il-miżuri li ġejjin se jittieħdu biex jiddaħħal immaniġġjar aktar effettiv.

- Jitpoġġew rekwiżiti fuq dipartimenti tal-gvern u entitajiet puibbliċi oħrajn biex inaqqsu n-nefqa operattiva mingħajr ma jirrikorru għal miżuri bħalma huma injezzjonijiet finanzjarji supplementari; ridirezzjoni tal-programm ta' nfiq; jew iż-żieda ta' ħlasijiet regolatorji biex tagħmel tajjeb għal infiq li jkollhom jitnaqqsu;

- Jitkomplew ir-restrizzjonijiet tar-reklutaġġ għas-settur pubbliku. L-ewwel għażla għandha tkun tqassim mill-ġdid tax-xogħol, taħriġ f'ħiliet ġodda u taħriġ mill-ġdid għal impjegati pubbliċi żejda jew mhux produttivi;

- Jinżammu f'posthom parametri maħsubin biex jiżguraw livell ta' parità fil-kondizzjonijiet ta' impjieg negozjati għal entitajiet pubbliċi differenti;

- Issir reviżjoni komprensiva ta' allowances ipprovduti minn entitajiet u dipartimenti tas-settur pubbliku u jitneħħew dawk li jitqiesu eċċessivi jew li għamlu żmienhom.

03. Fl-2006 l-Gvern se joħroġ sejħa għall-offerti għax-xiri ta' sistema ta' mmaniġġjar finanzjarju bbażata fuq akkumulazzjoni li tieħu post is-sistema ta' kontabilità kurrenti. Dan l-eżerċizzju se jfittex ukoll li jdaħħal immaniġġjar finanzjarju konsolidat li jħaddan id-dipartimenti tal-gvern u entitajiet fis-settur pubbliku. Dan jiżgura wkoll li t-teħid ta' deċiżjonijiet mill-Gvern ikun ibbażat fuq informazzjoni ta' mmaniġġjar finanzjarju ta' kwalità għolja.

Il-Gvern jagħraf li, minkejja miżuri li rnexxew meħudin fis-snin li għaddew, is-settur pubbliku għadu mgħobbi b'wisq nies f'ċerti oqsma. Il-Gvern hu responsabbli għal aktar minn 33 fil-mija ta' impjiegi produttivi, u dan iġib miegħu nies żejda u għalhekk nies żejda u produttività baxxa f'xi oqsma huma tnejn mir-raġunijiet għaliex l-ekonomija tagħna qed topera b'ritmu aktar baxx milli suppost. Il-verità hi li l-isforzi ta' Malta biex tilħaq ekonomija vibranti m'humiex se jilħqu suċċess ottimali jekk din il-materja ma tkunx ittrattat b'mod deċiżiv.

| **Impjiegi fis-Settur Pubbliku** | **1983** | **1986** | **1987** | **1995** | **1998** | **2001** | **2004** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nies jaħdmu bil-qliegħ (full time) | 106178 | 111101 | 117051 | 131950 | 133276 | 137452 | 137149 |
| Settur Pubbliku | 38397 | 40424 | 45948 | 50122 | 49730 | 48482 | 45752 |
| li minnu Dipartimenti tal-Gvern. | 21912 | 23149 | 24296 | 30235 | 30529 | 30778 | 29944 |
| | | | | | | | |
| Settur Pubbliku bħala % ta' nies li jaħdmu bi qliegħ | 36.2 | 36.4 | 39.3 | 38.0 | 37.3 | 35.3 | 33.4 |
| Dipartimenti tal-Gvern bħala % ta' nies li jaħdmu bi qliegħ | 20.6 | 20.8 | 20.8 | 22.9 | 22.9 | 22.4 | 21.8 |

Operat effettiv u effiċjenti fl-entitajiet tal-gvern ma jintlaħaqx jekk ir-ristrutturar ta' dawn l-entitajiet ikun ibbażat fuq il-premessa li jibqgħu jimpjegaw nies żejda. L-entitajiet tal-gvern għandhom jitqiegħdu fuq bażi rqajqa u effiċjenti, u n-nies żejda għandhom jissejħu hekk u jitqiegħdu fi grupp apposta. F'dan ir-rigward, fl-2005 l-Gvern waqqaf fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru Grupp ta' Konsulenza dwar Reklutaġġ u Tqassim mill-ġdid ta' Nies biex b'mod speċifiku jimmaniġġja sitwazzjonijiet bħal dawn ta' nies tax-xogħol żejda kull fejn jeżistu.

Din il-politika diġà kienet applikata b'suċċess f'entitajiet tal-gvern eżistenti li għaddew minn eżerċizzi ta' ristrutturazzjoni kbar ħafna. Fil-każi kollha ntlaħqu riżultati pożittivi, u waqt li l-produttività kibret is-sussidji tal-gvern naqsu sostanzjalment. Għalhekk s'issa l-esperjenza hija pożittiva, imma tista' tibqa' tittejjeb. Impjegati żejda jeħtieġ jifhmu li tqassim mill-ġdid tax-xogħol, inkluż li jintbagħtu jaħdmu fis-settur privat, hu pass neċessarju u inevitabbli. Hu fl-interess tagħhom stess u fl-interess tal-kollegi tagħhom. Il-Gvern bi ħsiebu jibqa' sejjer b'din il-politika b'ħeġġa, u se jinsisti li impjieg alternattiv addattat offrut lil impjegati żejda ma jkunx rifjutat jekk ma jkunx hemm raġunijiet validi,

Mill-2006 l-Gvern se jidħol għal studju ulterjuri tal-forza tax-xogħol tiegħu billi jidentifika l-kompetenzi bażiċi u l-ħtiġiet ta' nies fid-dipartimenti u entitajiet tiegħu. Dan għandu jikkumplementa l-programm ta' razzjonalizzazzjoni kurrenti ta' entitajiet tal-gvern li qed jirriżulta fl-ilħuq ta' effiċjenzi konsiderevoli milħuqin, fost l-oħrajn, fil-Malta Shipyards, il-PBS, l-Air Malta Co. Ltd u l-Gozo Channel Co. Ltd.

Qed ikun propost ukoll li impjegati żejda jiddaħħlu f'Surplus Employment Pool. Persuni li jintbagħtu f'dan il-grupp jitfasslilhom profil ta' ħiliet u dawn jitħarrġu mill-ġdid biex jimlew postijiet ta' ħiliet vojta kemm mas-settur tal-Gvern u kemm mas-setturi privati. Hu rilevanti li jkun enfasizzat li din il-miżuri diġà ddaħħlet fuq skala parzjali. Iżda l-passi li jmiss li jittieħdu f'din id-direzzjoni jridu jindirizzaw in-nuqqas ta' inċentivi li persuni jkollhom biex ma jgħaddux għal impjieg produttiv anke meta dan ikunilhom aċċessibbli.

Se jkun hemm tiftix għal titjib u effiċjenza fl-amministrazzjoni pubblika permezz ta' konsolidament ta' entitajiet, u hekk ikun żgurat li infurzar u kapaċità amministrattiva ma jkunux frammentati u rduppjati mad-diversi entitajiet b'konsegwenza fuq l-ispejjeż. Meta hu funzjonalmenr rilevanti, għandu jsir ukoll studju mill-ġdid ta' entitajiet. Hi l-intenzjoni tal-Gvern li jaħtar Grupp ta' Ħidma, mmexxi mis-Segretarju Permanenti Ewlieni, biex jipproduċi studji mill-ġdid regolarment kull sitt xhur wara xulxin; l-ewwel rapport ta' studju mill-ġdid hu skedat għal Marzu 2006.

Barra minn hekk, ir-riformi fis-Servizz Pubbliku proprju, li bdew sa mill-1990, għandhom jibqgħu sejrin. Mezz kjavi biex ir-riformi jkunu istituzzjonalizzati u wkoll jingħataw imbuttatura ulterjuri hu d-dħul fis-seħħ ta' l-Att dwar is-Servizz Pubbliku. Fl-2003 l-Gvern ħareġ abbozz ta' l-Att għal diskussjoni pubblika. Diskussjonijiet ma' l-Unjons kellhom ikunu sospiżi minħabba negozjati fuq il-patt soċjali fl-2004 u, sussegwentement, fuq il-ftehim kollettiv ġdid għas-Servizz Pubbliku. Meta dan ta' l-aħħar ikun finalizzat, jerġgħu jibdew diskussjonijiet fuq l-Att dwar is-Servizz Pubbliku propost bil-għan li jkun ippreżentat Abbozz lill-Parlament biex ikun leġiżlat fl-2006.

Investimenti kbar ħafna fit-teknoloġija ta' l-informazzjoni rrivoluzzjonaw il-Gvern u l-mod kif jirrelata mas-settur tan-negozju. Mingħajr dubju, dan hu qasam wieħed li fih il-Gvern eċċella - xi drabi sa mexa lilhinn mis-settur privat. L-iffokar tal-Gvern f'dan ir-rigward se jibqa' sejjer. U se jkompli wkoll bil-programm kostanti li jinvesti f'teknoloġiji xierqa u jippubbliċizza l-gvern-e biex jgħaddi s-servizzi tal-gvern lin-negozji u liċ-ċittadini fl-uffiċċji u d-djar tagħhom stess. Madankollu l-Gvern qed jipproponi li fl-2006 jagħti bidu għal erba' inizjattivi kritiċi.

L-ewwel waħda hi proċess ta' konsolidament ta' l-infrastuttura ta' l-ICT fil-Gvern stess. Konformi ma' l-aħjar pratki tal-perjodu, kienu introdotti b'mod deċentralizzat ċentri ta' data mal-medda kollha ta' l-operazzjonijiet tal-gvern. In-nefqa fuq it-teknoloġija naqset bil-maqlub tan-nefqa fuq xogħol u liċenzji li saru jiswew aktar. Għalhekk issa hu meħtieġ li nidħlu għal konsolidament taċ-ċentri ta' data mal-medda tal-Gvern kollu billi noħolqu żewġ ċentri tad-data biss – dawn jiżguraw kontinwità tan-negozju billi ċentru jirrifletti lill-ieħor.

It-tieni hija r-riorganizzazzjoni tas-sistemi differenti kollha tas-settur pubbliku f'organiżmu koerenti ġdid li jwieġeb aħjar għall-ħtiġiet ta' llum u jiffoka biss fuq il-ħtiġiet bażiċi tal-Gvern. Din il-politika twassal biex aktar xogħol jingħadda lis-settur privat – minn immaniġġjar permezz ta' sistema komputerizzata sa l-iżvilupp ta' sistemi high end – u hekk jistimulaw it-tkabbir u l-impjiegi fis-settur ta' l-ICT indiġenu, basta investituri lokali jkunu lesti jidħlu għar-riskju assoċjat.

It-tieni inizjattiva se tfittex li tikkonsolida s-sistemi tal-Gvern b'mod li soluzzjoni waħda tkun tista' tintuża minn entitajiet differenti (bħal Portal għan-Negozju Malti li jgħaqqad elettronikament ir-reġimi addattati ta' liċenzji u regolamentazzjoni f'interface wieħed) u hekk jitnaqqsu l-ispejjeż ta' l-iżvilupp, in-nefqa għall-akkwist tal-proprjetà u l-ħin li fih in-nies tan-negozju jirċievu risposta. Konformi ma' dan, il-Gvern se jiċċentralizza t-teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward ta' żvilupp tas-sistema ewlenija biex jiżgura li jkunu żviluppati l-ewwel dawk is-sistemi li huma l-aktar importanti.

Fl-aħħarnett, se jinbeda x-xogħol fuq l-introduzzjoni ta' xiri elettroniku għall-Gvern. Fl-2004 iddaħħal bħala esperiment ix-xiri elettroniku ta' ħardwer ta' l-awtomatizzazzjoni ta' l-uffiċċji ta' l-ICT. Ir-riżultati kienu impressjonanti – il-prezzijiet niżlu, trasparenza sħiħa, l-istess kondizzjonijiet bħal ħaddieħor, eċċ. Dawn ir-riżultati jistgħu jkunu ripetuti mal-medda governattiva kollha u jwasslu għal iffrankar sostanzjali għal dawk li jħallsu t-taxxi. F'dan ir-rigward hu rilevanti li jingħad li fl-2005 r-regolamenti tax-xiri kienu emendati biex jippermettu xiri elettroniku.

Madankollu, m'għandniex ninsew il-verita` sempliċi li l-ispiża ta' l-investiment fit-teknoloġija tista' tiġi ġustifikata biss jekk iġġib magħha ffrankar. L-isforz biex is-sistemi tat-teknoloġija jiġu żviluppati u mtejba jrid jimxi id f'id ma' sforz biex jingħalqu uffiċini żejda fejn kienu jinqdew il-klijenti, issir riforma ta' operazzjoniiet amministrattivi ta' l-uffiċċju, u l-impjegati jitħarrġu mill-ġdid u jiġu riallokati. Dan l-isforz irid ikun ir-responsabbilita` tas-Segretarji Permanenti differenti, li għandhom ikunu wkoll minn ta' quddiem bis-suġġerimenti tagħhom ta' x`tip ta' sistemi jridu jiġu żviluppati. Hi l-intenzjoni tal-Gvern li jara li dawn ir-responsabbilitajiet isiru parti mill-assessjar tagħhom annwali.

Fl-aħħarnett, li tiggverna ma tfissirx biss li tisħaq fuq l-effiċjenza, l-effettivita` u r-regolamentazzjoni. L-iggvernar irid ikun marbut ma' fiduċja, l-interess pubbliku, responsabbilita` pubblika, li twieġeb b'mod adegwat għall-bżonnijiet, u li tassigura

l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-livelli kollha ta' deċiżjoni. Matul dawn l-aħħar 18-il sena, il-Gvern preżenti ħadem kemm felaħ biex idaħħal istituzzjonijiet ta' ggvernar biex jilħaq dawn l-għanijiet. Waqqaf l-Uffiċju ta' l-Ombudsman u l-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi, ta l-indipendenza lill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, u wettaq il-prinċipju ta' sussidjarjeta` fit-teħid tad-deċiżjonijiet billi waqqaf il-gvern lokali.

Il-Gvern jemmen li l-istampa tal-miżuri biex jiġu assigurati responsabbilita` u trasparenza sħiħa jonqosha l-aħħar biċċa. Iċ-ċittadini għandhom ikollhom aċċess għad-dokument tal-gvern skond kif inhu xieraq. Fl-2006, il-Gvern beħsiebu joħroġ White Paper dwar il-liberta' ta' l-informazzjoni.

### 04.1.3 Il-Funzjoni tal-Gvern fl-Ekonomija

**Li niffukaw il-funzjoni tal-Gvern fl-ekonomija fuq l-aspett regolatorju billi niffaċilitaw aktar milli nipparteċipaw bħala operatur f'attivitajiet ekonomiċi.**

Il-Gvern għadu jemmen bis-sħiħ li l-funzjoni tiegħu rigward l-attività ekonomika għandha tkun li jiffaċilita t-tkabbir li jiġġenera s-settur privat, u li jirregolamenta, u mhux dik li jkun operatur ekonomiku attiv fl-ekonomija. Il-Gvern m'għandux jikkompeti mas-settur privat, jew jassumi funzjonijiet li dan hu aktar maqtugħ biex jagħmilhom. Għalhekk, se jibqgħu sejrin l-isforzi biex id-daqs tal-Gvern f'dan is-settur jiċkien.

Fid-diskors tal-Baġit tas-sena l-oħra l-Gvern qal ċar li tul din is-sena se jfittex li ssir il-privatizzazzjoni sħiħa jew parzjali tal-Bank of Valletta plc, il-Maltacom plc, l-MIA plc, il-Middlesea Insurance plc, is-Sea Malta Co. Ltd u l-MDP Co. Ltd. Intqal ukoll li l-Gvern se jeżamina l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward ta' Tug Malta Ltd u l-Medigrain Co. Ltd, u li l-Enemalta se taqbad it-triq biex tipprivatizza l-investimenti tagħha fiż-żjut filwaqt li l-Air Malta se tbigħ in-negozju mhux bażiku tagħha. Dawn l-inizjattivi kollha qed issir ħidma sewwa fuqhom.

Aħna issa nemmnu li jeħtieġ immorru lilhinn minn dan.

Aħna nemmnu fi Gvern li hu regolatur u f'settur privat li jmexxi n-negozju. Ikun hemm, naturalment, oqsma li jkun jeħtieġ li jkunu garantiti jew sussidjati. Ta' l-ewwel tista' ssir permezz ta' regolamentazzjoni effettiva; tat-tieni tista' ssir permezz ta' pagamenti lill-operaturi. M'hemmx għalfejn nerġgħu nivvintaw ir-rota; jeħtieġ biss li nħarsu lejn l-istorja tagħna u lejn dik tal-pajjiżi ta' madwarna:

- L-importazzjoni u d-distribuzzjoni tal-żejt u LPG (ċilindri tal-gass) kienu f'idejn is-settur privat sakemm kienu nazzjonalizzati kmieni fis-sebgħinijiet. Is-sistema li kellna qabel kienet taħdem tajjeb kif taħdem tajjeb illum fil-parti l-kbira tal-pajjiżi mad-dinja kollha;
- Għal numru sewwa ta' snin il-produzzjoni ta' l-ilma permezz tar-reverse osmosis kienet proprjetà ta' kumpanija Amerikana li kienet timmaniġġjaha u tmexxiha;
- Il-maġġoranza l-kbira ta' dak li nesportaw u nimportaw, il-fjuwil li għandna bżonn, il-qmugħ, l-azzar u l-prodotti ekonomiċi prinċipali kollha jiġu ttrasportati minn operaturi fis-settur privat;
- Fil-parti l-kbira tal-pajjiżi mad-dinja kollha l-elettriku hu pprovdut minn kumpaniji li huma proprjetà tal-privat; Gvernijiet jiggarantixxu li komunitajiet żgħar, iżolati, ikollhom provvista għaliex il-Gvern iħallas lill-kumpanija biex tagħmel dan;
- Aħna rajna x'tista' tagħmel ir-regolamentazzjoni kif għandu jkun meta ssir il-liberalizzazzjoni u l-privatizzazzjoni mill-eżempji ta' l-oqsma tax-xandir, it-telekomunikazzjonijiet u l-internet.

Meta tkellem fuq il-"privatizzazzjoni" l-Gvern diġà ddikjara li dan it-terminu jinkludi diversi metodoloġiji: bejgħ totali, bejgħ totali marbut ma' kuntratt ta' Obbligu ta' Servizz Pubbliku (PSO), sħubija pubblika/privata; kera ta' assi, bejgħ totali jew parzjali

ta' ishma fil-Borża, u wkoll forom oħra li essenzjalment jaslu għal għan wieħed, dak tat-trasferiment tar-riskju kummerċjali u l-qligħ minnu għas-settur privat filwaqt li jkun żgurat li ħtiġiet soċjali jinqdew bis-saħħa ta' relazzjoni PSO li tissussidja operazzjonijiet li normalment ikunu ineffiċjenti.

Fl-2006 se jittieħdu passi biex jitneħħew għal kollox ir-responsabbiltajiet tal-MITTS Ltd. f'dawk l-oqsma ta' attività li m'humiex strateġiċi għall-Gvern - partikolarment il-provvista ta' appoġġ tekniku għal madwar 8,000 PC u ħardwer li jmur magħhom, u wkoll applikazzjonijiet li m'humiex meqjusin li huma ta' natura strateġika għall-Gvern. Fl-istess ħin, il-MITTS jibda jillimita s-sehem tiegħu f'aspetti ta' żvilupp għal sistemi strateġiċi u sensittivi u għalhekk jibda jagħti lil ħaddieħor xogħol marbut ma' l-iżvilupp ta' sistemi kemm kbar kif ukoll żgħar. L-ewwel pass diġa` ttieħed bit-tender ta' l-IT ta' l-Isptar Mater Dei.

Il-Gvern jemmen li hemm bżonn isiru sforzi simili fil-qasam ta' l-enerġija. Hu propost li fl-2006 jinbeda proċess li l-funzjoni kollha tal-Korporazzjoni Enemalta fil-qasam tal-gass titteħdilha filwaqt li l-proċess biex ma tibqax f'idejha l-katina ta' provvista li mill-importazzjoni taż-żejt għas-suq ġenerali twassal għad-distribuzzjoni tiegħu lill-pompi tal-petrol jitwassal fi tmiemu.

Se jitqiesu mill-Gvern il-vantaġġi u żvantaġġi tal-privatizzazzjoni tal-ġenerazzjoni ta'l-enerġija u l-funzjonijiet tad-distribuzzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta fil-kuntest tas-suq kurrenti diġà liberalizzat. Argumenti favur il-privatizzazzjoni jinkludu l-potenzjal li l-impjant tal-ġenerazzjoni jitgħaqqad ma' impjant barra minn Malta biex tinkiseb kapaċità akbar li sservi għal meta jkun hemm domandi l-aktar għolja jew f'każ ta' ħsarat, u l-esplojtazzjoni tan-netwerk ta' distribuzzjoni għall-finijiet ta' l-ICT. Argumenti kontra l-privatizzazzjoni għandhom x'jaqsmu primarjament ma' jekk, minn perspettiva strateġika, Malta għandhiex tbigħ parti mill-kapaċitajiet tagħha li tiġġenera l-enerġija u d-distribuzzjoni tagħha, jew anki l-kapaċitajiet kollha. Il-Gvern qed jipproponi li jagħmel studju fuq il-vijabilità u x-xewqa li jipprivatizza l-elementi tal-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni ta' l-enerġija.

Studju simili għandu jsir fil-każ ta' l-ilma u l-ilma li jintrema. L-evidenza dejjem tikber qed tissuġġerixxi li kemm il-produzzjoni ta' l-ilma u kemm l-immaniġġjar ta' l-ilma li jintrema jmorru aħjar, mil-lat ta' spejjeż, jew jekk jingħataw b'kuntratt jew jekk ikollu jkun adottat mudell ta' sħubija pubblika u privata. Dawn l-indikazzjonijiet preliminari se jkunu segwiti fix-xhur li ġejjin bil-għan li jintlaħqu konklużjonijiet fl-2006.

Il-Gvern jagħraf l-importanza strateġika u ekonomikament vitali ta' l-Air Malta. F'Mejju 2004, negozjati bejn il-Gvern Malti u erba' trejdunjons li jirrappreżentaw il-forza tax-xogħol ta' l-Air Malta wasslu għall-pjan ta' salvataġġ ta' l-Air Malta, ftehim li hu maħsub biex iwassal il-linja ta' l-arju nazzjonali għall-vijabilità filwaqt li jiggarantixxi li ma jintilfux impjiegi. Dan il-pass u l-proċess li jitneħħew ħidmiet mhux bażiċi qed jagħtu riżultati inkoraġġanti. Filwaqt li bi ħsiebu jibqa' l-azzjonist maġġuri, il-Gvern se jqis li jagħmilha possibbli għal investituti privati li jkollhom sehem fis-suċċess tagħha permezz ta' tqegħid ta' ishma għall-bejgħ fil-Borża.

Il-Gvern jemmen ukoll li għandu jfittex li jiżgura finanzjament privat biex jimmaniġġja assi tal-gvern mhux utilizzati. Mingħajr dubju, ir-riabilitazzjoni bis-saħħa ta' kapital privat ta' l-Imħażen ta' Pinto bħala parti minn terminal integrat għall-passiġġieri ta' kruċieri rnexxiet. L-istess jista' jingħad għar-riabilitazzjoni tal-Forti Manoel u Forti Tigne. Tul din is-sena finanzjarja nħareġ sommarju ta' żvilupp għar-riabilitazzjoni tal-Baċir Nru 1 u Pender Place/Mercury House. Is-sommarji għall-iżvilupp tal-korsa tal-golf, is-sit fejn hemm it-Tankijiet f'Birżebbuġa u s-sit ta' Tigne okkupat mill-Holiday Inn Crowne Plaza għandhom jinħarġu sa tmiem is-sena.

Filwaqt li dawn huma inizjattivi li se jkomplu jittieħdu skond is-siti li jsiru aċċessibbli, il-Gvern qed iqis il-possibiltà li jmexxi 'l quddiem l-idea ta' securitisation tal-proprjetà. Dan il-pass jinvolvi l-formazzjoni ta' kumpanija pubblika li jkollha f'idejha proprjetà tal-Gvern u li tistieden lill-pubbliku jinvesti fiha, filwaqt li l-maniġment tagħha, suġġett għal skrutinji strett, ikun f'idejn il-privat. L-għan hu l-esplojtazzjoni kummerċjali sħiħa ta' assi governattiv maġġuri mingħajr il-ħtieġa li dan l-assi jinbiegħ iżda x'aktarx li jinħoloq mezz ta' investiment miftuħ għall-pubbliku. Il-Gvern qed jagħti inkarigu lill-MFSA biex tagħmel studju dettaljat fuq dan u bi ħsiebu jieħu d-deċiżjonijiet neċessarja sa Diċembru 2005.

Fl-2005 ttieħdu passi formali għat-twaqqif ta' Public Private Partnership Unit fil-Ministeru tal-Finanzi. Hawn ukoll il-Gvern jemmen bis-sħiħ li kapital privat jista' jingħaqad ma' assi governattivi – kemm jekk fiżiċi kemm jekk umani – biex jiġġenera valur

itjeb għan-nazzjon tagħna. L-opportunitajiet m'għandhomx limitu – mill-immaniġġjar ta' xtajtiet Blue Flag għar-riġenerazzjoni tal-fortifikazzjonijiet għal skopijiet turistiċi f'inizjattiva biex tingħata ħajja ġdida lill-Belt Valletta.

Is-settur privat għandu jħossu inkoraġġit biex jissottometti proposti formali lill-Public Private Partnership Unit biex jidħol għal inizjattivi addizzjonali f'dan il-qasam. Għal dan l-iskop il-Ministeru tal-Finanzi se jippubblika, sa tmiem is-sena, linji gwida li jindikaw kif għandhom ikunu sottomessi l-proposti u kif se jkunu evalwati biex ikun żgurat li kulħadd jingħata l-istess ċans, konformi mal-proċeduri u trasparenza tax-xiri mill-Gvern. Barra minn hekk, dawn il-linji gwida għandhom jiżguraw li kull min jippreżenta ideat prima klassi jingħata vantaġġ adegwat biex jirrealizza dik l-idea.

F'dan il-qasam il-Gvern bi ħsiebu jibni fuq l-esperjenza pożittiva li kellu l-Kumitat tal-Kabinett dwar Proġetti Nazzjonali. Fit-tnax-il xahar li ilu mwaqqaf, dan il-Kumitat ikkonkluda għadd ta' sommarji ta' żvilupp u ddiskuta wkoll il-parametri ta' diversi proġetti oħrajn li eventwalment għaddew għand ministeri f'linja tagħhom. Fil-każi kollha, iżda, dawn jew kienu proġetti proprjetà tal-Gvern jew kienu proġetti li bdiehom il-Gvern (ngħidu aħna VISET, Baċir Nru 1, eċċ.). Aħna issa nemmnu li wasal iż-żmien li nagħmlu pass 'il quddiem u nadottaw sistema li tipprova temula dak li qed isir fl-industrija.

Intraprenditur li għandu idea li jinvesti li b'xi mod tikkonċerna lill-industrija, minn ħafna snin 'l hawn seta' jmur għand il-Korporazzjoni Maltija għall-Iżvilupp (illum il-Malta Enterprise) u jitlob għal diversi tipi ta' għajnuna u finanzjament. L-idea tiġi ttrattata b'kofidenzjalità mill-aktar stretta, pjanijiet tan-negozju jitqiesu, u jekk id-deċiżjoni tkun pożittiva tingħata għajnuna. Fil-każ ta' proġetti maġġuri m'għandna ebda sistema ta' din ix-xorta. Kulħadd jistenna li l-Gvern jibda proċess, probabilment għaliex il-proċeduri ta' offerti li hemm bħalissa jaġixxu kontra li wieħed ikun innovattiv u pubbliku (billi jistgħu jduru kontra l-investitur). Ir-riżultat ovvju hu limitazzjoni dwar liema proġetti jimxu.

Għalhekk il-Gvern qed jiddelega lill-Kumitat tal-Kabinett dwar Proġetti Nazzjonali biex jippreżenta suġġerimenti għal sistema ta' operat li tħajjar is-sottomissjoni ta' proġetti innovattivi u li, waqt li tiżgura li kulħadd jingħata l-istess ċans, konformi mal-proċeduri u trasparenza tax-xiri mill-Gvern, tiżgura li kull min jippreżenta ideat prima klassi jingħata vantaġġ adegwat biex jirrealizza dik l-idea.

### 04.1.4 Miżuri biex Jinkoraġġixxu t-Tkabbir

Li naċċeleraw ir-riformi strutturali neċessarji fil-lat ta' provvista ta' l-ekonomija billi ntejbu l-flessibilità fis-swieq tax-xogħol, prodotti/servizzi u kapital, u b'hekk inkabbru l-produttività.

**TITJIB TAL-KOMPETITTIVITÀ BĦALA KWISTJONI TA' PRIJORITÀ**

L-importanza li ntejbu l-kompetittività ekonomika ta' Malta qatt ma tista' tkun enfasizzata biżżejjed. Ir-realtà kruda hi li Malta tista' ssir ogħna jew ifqar biss fuq il-bażi tal-ħila tagħna li nipproduċu oġġetti u servizzi li nistgħu nesportaw, u li dan nagħmluh bis-saħħa ta' kwalità, valur miżjud u effiċjenza ta' prezzijiet aħjar minn dawk tal-kompetituri tagħna. Aktar ma l-pajjiż ikun intraprenditorjali fl-identifikazzjoni ta' swieq għall-esportazzjoni, aktar jistagħna l-pajjiż kollu kemm hu. It-trawwim u l-inkoraġġiment ta' din l-intraprenditorija għandhom ikunu l-objettiv l-aktar importanti tal-politika tal-Gvern.

Miżuri għat-titjib tal-kompetittività ta' Malta jridu jaħdmu essenzjalment fuq żewġ binarji paralleli:

- Spejjeż lil negozji eżistenti jridu jitnaqqsu biex ikunu jistgħu jikkompetu b'mod aktar effiċjenti fis-swieq lokali u barranin.
- Iridu jittieħdu miżuri biex ikunu inkoraġġit u faċilitat it-twaqqif ta' ditti ġodda, partikolarment f'oqsma li jġibu tkabbir li, jekk imfittxa b'suċċess, jistgħu jagħtu kontribut ogħla proporzjonatament għad-daqs tagħhom għat-tkabbir ekonomiku fil-ġejjieni. Din il-miżura tinvolvi kemm l-attrazzjoni ta' investiment dirett barrani u kemm l-inkoraġġiment ta' negozji lokali ġodda u li jistgħu jespandu. U jitlob ukoll li jkunu mmirati setturi speċifiċi u l-iżvilupp ta' inċentivi addattati u miżuri oħrajn.

Il-Gvern diġà ħa diversi passi f'dawn id-direzzjonijiet. It-titjib tal-kompetittività kien għan l-aktar ewlieni fid-diskussjonijiet li saru fl-2004 dwar l-iżvilupp ta' patt soċjali u li, sfortunatament, ma waslux għal konklużjoni pożittiva. Minn dak iż-żmien 'l hawn il-Gvern ħa passi biex inaqqas l-ispejjeż lil ditti tan-negozju billi neħħa l-kumpens ta' btala żejda dovuta meta btala pubblika kienet taqa' fi tmiem il-ġimgħa. Qed tittieħed ukoll azzjoni biex issir riforma fil-pratka tax-xogħol fil-portijiet Maltin. Konformi ma' din l-istrateġija, il-Gvern bi ħsiebu jieħu miżuri immedjati biex inaqqas il-ħlasijiet portwali. Qed isir xogħol biex tittejjeb l-effiċjenza fis-settur pubbliku ħalli jipprovdi servizzi aħjar lin-negozju u jnaqqas spejjeż indotti mill-gvern. Anke hawn, se jibqgħu jsiru sforzi kif deskritt post ieħor f'dan id-dokument.

Miżuri ttieħdu wkoll biex jistimulaw u jinkoraġġixxu intraprenditorija u riċerka u żvilupp, l-aktar bis-saħħa tal-provvediment ta' inċentivi fl-Att għall-Promozzjoni tan-Negozju, it-twaqqif ta' Ċentru għall-Inkubazzjoni tan-Negozju, u t-twaqqif ta' punt fokali wieħed għal finanzjament mill-UE taħt il-Fifth and Sixth Framework Programmes. Din l-inizjattiva għandha tkun estiża għal programmi oħra finanzjati mill-UE li jistgħu jibbenefikaw direttament lill-intrapriża u lill-industrija lokali.

Filwaqt li l-proposti tal-Gvern f'relazzjoni mat-titjib ta' effiċjenza tas-settur pubbliku diġà ġew diskussi, il-proposti t'hawn taħt għandhom x'jaqsmu ma':
- ħarsien tal-konsumatur f'każijiet ta' falliment tas-suq;
- riforma regolatorja u tnaqqis ta' spejjeż indotti mill-Gvern.

## ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR F'KAŻIJIET TA' FALLIMENT TAS-SUQ

Il-Gvern m'għandux ħsieb li jkollu politika li jfittex jasal għal korrezzjonijiet fis-suq permezz ta' reġim ta' kontroll tal-prezzijiet. Madankollu l-Gvern se jkompli jinvesti u jsaħħaħ il-monitoraġġ tal-prezzijiet fis-suq u l-kapaċitajiet ta' kompetizzjoni ġusta biex jiżgura li ma jinħolqux pożizzjonijiet dominanti fis-suq u wkoll biex iħott kartels meta dawn jinbnew u jinnegozja tnaqqis fil-prezzijiet f'setturi fejn ikun ippruvat li l-prezzijiet qed juru nuqqas ta' flessibilità. Il-Gvern qed iqis ukoll li jappoġġja aktar assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi fejn mekkaniżmi ta' din ix-xorta ma jirnexxux.

## RIFORMA REGOLATORJA U TNAQQIS TA' SPEJJEŻ INDOTTI MILL-GVERN

Il-Gvern se jieħu l-miżuri neċessarji kollha biex inaqqas il-piż regolatorju fuq in-negozju. Hu propost li:

- Jkun stabbilit Better Regulation Unit, biex jimmonitorja mill-qrib l-iżviluppi regolatorji kollha ħalli jiżgura li ma jkunu imposti ebda piżijiet addizzjonali, finanzjarji jew amministrattivi, fuq in-negozju;
- Jsir skrutinju ta' l-inizjattivi regolatorji ġodda proposti mill-Kummissjoni Ewropea mill-istess aspett bis-saħħa tal-Better Regulation Unit, bil-għan li jiżgura li tħassib għal raġunijiet simili jitressqu waqt negozjati fil-Kunsill ta' l-UE;
- Jiżgura permezz tal-Unit li investimenti f'sistemi ta' l-IT jirriżultaw f'bidliet burokratiċi effettivi li jipprovdu effiċjenza u tifdil, u jagħmel is-Segretarji Permanenti direttament responsabbli għall-implimentazzjoni tar-riformi;
- Jitlob lill-Unit li jimmonitorja regolarment proċeduri burokratiċi, b'enfasi fuq dawk assoċjati ma' l-intrapriża, u jissottometti rapporti ta' kull sitt xhur fuq kif dawn il-proċeduri jistgħu jkunu simplifikati, amalgamati jew b'xi mod ieħor jintgħamlu aktar effiċjenti, u jinkludi fihom pjanijiet u skedi ta' żmien għall-implimentazzjoni, tifdil, effiċjenzi mistennija u, darba approvati, jitfa' r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni fuq is-Segretarji Permanenti rispettivi;
- Jagħti setgħa lill-Unit biex jirrevedi l-ħlasijiet kollha li jsiru mill-Gvern u jfassal rapporti ta' kull sitt xhur fuq kif dawn jistgħu jitnaqqsu jew jirrażżnu biex jitnaqqsu l-ispejjeż lill-konsumatur u lill-intrapriża.
- Ifassal proċeduri standard għall-introduzzjoni ta' regolamenti ġodda: dawn ikunu jkopru materji bħal konsultazzjoni ma' dawk kollha involuti interni u esterni u l-applikazzjoni ta' "sunset clause", li bis-saħħa tiegħu regolamenti jiskadu awtomatikament wara għadd stabbilit ta' snin jekk ma jkunux iġġeddu. Tingħata konsiderazzjoni li dawn il-proċeduri jiddaħħlu fil-leġiżlazzjoni.

Ladarba li jkun twaqqaf u qed jiffunzjona, qed ikun propost li l-Better Regulation Unit iservi bħala l-"inforzatur" fl-ambitu tal-Gvern tal-miżuri li ġejjin:

L-ewwel, jiddaħħlu miżuri regolatorji ġodda -msaħħa b'evalwazzjoni li tkejjel kemm tiġi tiswa din il-miżura. F'dan ir-rigward qed ikun propost li regolamenti ġodda jinħarġu biss wara stima ta' l-impatt tar-regolamenti mill-Better Regulation Unit.

It-tieni, korpi regolatorji għandhom jikkontrollaw l-ispejjeż tagħhom b'mod strett kemm jista' jkun u mhux jgħadduhom lid-ditti u individwi suġġetti għar-regolamentazzjoni. Hekk iżommu l-ħlasijiet tagħhom f'livell minimu. L-impożizzjoni ta' xi ħlasijiet, spejjeż jew tariffi ġodda ta' kull xorta, jew żidiet ta' ħlasijiet eżistenti, għandha tkun suġġetta għall-approvazzjoni tal-Better Regulation Unit b'konsultazzjoni mal-Ministeru tal- Finanzi.

It-tielet, il-Gvern se jitlob lill-awtoritajiet regolatorji kollha biex jagħmlu eżerċizzju intern biex, sa Ġunju 2006, jissottomettu lill-Better Regulation Unit rakkomandazzjonijiet għall-konsolidament, razzjonalizzazzjoni u tħassir ta' regolamenti, flimkien ma' l-iffrankar li dawk il-miżuri jkunu mistennija jagħtu kemm lill-korpi regolatorji nnifishom u kemm lill-pubbliku u lis-settur tan-negozju. Fl-istess ħin se jkunu qed jissuġġerixxu wkoll kif jillimitaw jew inaqqsu l-ħlasijiet preżenti fl-ambitu tal-parametri li se jkunu żviluppati mill-Ministeru tal-Finanzi.

Il-Gvern hu konxju li l-MEPA hi targit għal kritika kemm mill-pubbliku u kemm mis-settur tan-negozju. Hu rilevanti li jingħad li l-MEPA hija neċessità. L-iżvilupp hu importanti biex isostni l-ekonomija ta' Malta, iżda dan l-iżvilupp għandu jkun immaniġġjat. Kultant ikun diffiċli li jinstab il-bilanċ bejn il-konsiderazzjonijiet ta' l-ippjanar u dawk ambjentali minħabba li d-daqs u d-densita` ta' Malta jagħmulha diffiċli li jinstabu spazji miftuħa mhux mibnija. Madankollu, il-gvern jagħraf li r-regoli u l-operat tal-MEPA għandhom jiġu mtejba, aktar u aktar sabiex jirriflettu dmirijiet ambjentali u ta' ppjanar ta' l-Awtorita`. Kull min hu involut fil-proċess ta' l-ippjanar għandu jerfa` r-responsabbilta` tiegħu. Allura, fil-waqt li l-konċett ta' 'one stop shop' għandu jkun imseddaq mill-MEPA sabiex il-klijenti jirċievu l-aħjar servizz, id-dipartimenti tal-Gvern ghandhom jagħtu r-rispons tagħhom bla dewmien. Ir-rapport li l-Gvern ikkummissjona dwar ir-razzjonalizzar ta' l-operat tal-MEPA mistenni jindika proċess ta' bidla. Huwa mistenni li lejn l-aħħar ta' din is-sena dawn ir-rakkomandazzjonijiet jibdew jiġu implimentatati bil-għan li l-proċess ta' l-applizazzjoni jkun iktar effiċjenti u mingħajr ħafna burokrazija. Dan m'għandux ifisser kompromessi fir-rigward tal-proċess ta' l-ippjanar, l-ambjent, l-infrastruttura, riżorsi naturali u kulturali li lkoll għandhom jiġu integrati f'qafas ta' responsabbilta`. Il-proċess kontinwu ta' analiżi u implimentazzjoni mill-MEPA għandu jitkompla matul l-2006 u wara.

## NATTIRAW L-INVESTIMENT ĠDID U NSOSTNU L-OPERATURI FIL-MANIFATTURA

Hi l-intenzjoni strateġika tal-Gvern li jsostni lill-operaturi tal-manifattura u lill-fornituri ta' servizzi kurrenti fl-ekonomija Maltija, u jipprovdi appoġġ xieraq biex jiffaċilita t-tkabbir u l-espansjoni tagħhom. Iżda din il-politika tal-Gvern għandha tkun kumplementata minn strateġija min-naħa ta' Malta Enterprise biex timmira kemm fuq dawk is-setturi li fihom diġà wrejna eċċellenza u kemm fuq setturi emerġenti li huma kompatibbli mal-ġabriet ta' ħiliet u l-viżjoni tagħna. Dawn is-setturi li rridu nilħqu jinkludu:

- Kura tas-Saħħa, (inklużi l-Farmaċewtiċi);
- Loġistika Internazzjonali, b'mod partikolari ħżin ta' merkanzija, distribuzzjoni u operazzjoniiet amministrattivi ta' l-uffiċju
- Komponenti awtomativi;
- ICT;
- Avjazzjoni;
- Operazzjonijiet amministrattivi tal-uffiċċju;
- L-industrija tal-films;
- Inġinerija ta' Preċiżjoni
- Industriji, servizzi u riċerka marittimi;

filwaqt li għas-setturi li ġejjin jiġi mmirat li jgħaddu minn proċessi ta' clustering u l-internalizzazzjoni:

- ikel u xorb:
- pubblikazzjoni u stampar
- għamara.

Il-Gvern hu tal-fehma li l-Malta Enterprise ma tistax tkun kollox għal kulħadd – ma nistgħux nippruvaw nattiraw dak li nafu li m'hux kompetittiv, żgħir wisq jew kbir wisq, jew dak li ma jaqbilx ma' l-għarfien, il-forza tax-xogħol, il-kapaċitajiet jew il-kultura tagħna. Għadda ż-żmien tal-laqgħat jew seminars tal-ħin tal-kolazzjoni fejn kienet meħtieġa strateġija li tipprova tiġbed kollox. Illum irridu nħarsu strateġikament għal swieq miri u niċeċ. Għalhekk jeħtieġ nagħżlu, u l-għażla tagħna trid tkun ibbażata fuq tliet fatturi bażiċi:

- valur miżjud għoli għall-ekonomija;
- fasla nazzjonali u internazzjonali;
- oqsma li fihom Malta hija u tibqa' kompetittiva għal numru ta' snin.

Filwaqt li l-inċentivi fl-Att dwar il-Promozzjoni tan-Negozju se jkunu aċċessibbli għall-intrapriżi kollha, kif kienu qabel, l-enerġiji tal-Malta Enterprise biex tiġbed Investiment Dirett Barrani se jkunu kkonċentrati fuq dawn l-oqsma. Bl-istess mod, il-Malta Industrial Parks se tiffavorixxi dawn l-intrapiżi fl-allokazzjoni tal-fabriki.

Il-miżuri li ġejjin għandhom jittieħdu b'appoġġ ta' din il-forza ta' saħħa strateġika:

- L-Istrateġija ta' l-Intrapriża Nazzjonali kurrenti tkun studjata mill-ġdid fuq bażi kontinwa biex tieħu konsiderazzjoni ta' żviluppi internazzjonali fid-diversi setturi u wkoll żviluppi interni li neċessarjament jolqtu l-istrateġija tagħna;
- Issir konsiderazzjoni mill-ġdid, sa tmiem l-2005, ta' l-inċentivi mogħtija bħalissa biex ikun żgurat li huma biżżejjed flessibbli u jistgħu jservu għall-oqsma ta' tkabbir identifikati filwaqt li l-inċentivi li ġejjin jitnedew fl-2005:
  - Lm1,500,000 kienu approvati għal inċentivi għall-produzzjoni ta' films, u s-somma titħallas bħala % determinata ta' dak li produzzjoni ta' film approvata tonfoq f'serviizzi ta' valur miżjud f'Malta;
  - Lm1,000,000 qed ikunu allokati bħala inċentivi fiskali għal investituri li investu f'faċilitajiet u servizzi għall-films f'Malta;
  - Lm4,000,000 qed ikunu allokati bħala inċentivi fiskali lil ditti li jidħlu għal riċerka u żvilupp;
  - Lm1,000,000 qed ikunu allokati bħala inċentivi fiskali lil ditti u individwi li jfittxu li jiksbu ċertifikati u diplomi għolja maħsubin biex jgħollu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol lokali;
  - Lm500,000 qed ikunu allokati bħala inċentivi fiskali lil intraprendituri li jinvestu f'negozju ta' magazzinar u distribuzzjoni;
  - Lm500,000 qed ikunu allokati bħala inċentivi fiskali lil ditti li jwaqqfu operazzjonijiet amministrattivi ta' uffiċċji f'Malta.
  - Għotjiet lil intrapriżi f'oqsma oħrajn ikunu diretti lejn internazzjonalizzazzjoni, innovazzjoni u ristrutturar orjentat għall-esportazzjoni;
  - L-istokk eżistenti f'Malta ta' zoni industrijali se jkun razzjonalizzat u żviluppat skond il-ħtiġiet imniżżlin fl-Istrateġija ta' l-Intrapriża Nazzjonali. Hemm biżżejjed art b'mod ġenerali, iżda l-inventarju ta' proprjetà aċċessibbli jista' ma jlaħħaqx mal-ħtiġiet ta' setturi ppjanati. Hemm ħtieġa ta' parks industrijali li jkunu jikkonsistu f'lokali iżgħar biex iservu lil ditti kemm li ma jimmanifatturawx u kemm tal-manifattura u li jkollhom zoni pubbliċi miżmumin aħjar. Parks ikunu żviluppati minn spazji industrijali eżistenti, speċifikatament għal setturi partikolari, ngħidu aħna, Park għax-Xjenza u Teknoloġija, Park għall-Farmaċewtika/Laboratorji, Ċentru ta' Negozju Internazzjonali għal xogħol amministrattiv ta' uffiċċji u servizzi finanzjarji. Għandha tkun esplorata l-possibiltà li parks ta' din ix-xorta jkunu żviluppati permezz ta' sħubija pubblika/privata bi sħab strateġiċi li diġà għandhom bażi ta' klijenti fl-industriji li għalihom il-parks huma intiżi;
  - Iċ-ċentru ta' inkubazzjoni tan-negozju kurrenti se jitkabbar skond kif meħtieġ u se jservi għal negozji ġodda li joriġinaw kemm lokament u kemm minn barra. Billi proġetti ta' natura trasnazzjonali jingħataw preferenza fl-allokazzjoni tal-finanzi, se jsiru sforzi biex ikunu ffurmati alleanzi strateġiċi ma' ċentri simili f'pajjiżi ta' l-UE oħrajn biex jiffaċilitaw aċċess għal fondi għal riċerka taħt is-6th/7th Framework Programme.

Wara li tkun identifikat l-oqsma strateġiċi li fuqhom se tikkonċentra fl-isforzi tagħha biex tidentifika investiment ġdid għal Malta, il-Malta Enterprise se tkompli enerġetikament tgħin, tagħti pariri u tippromwovi intrapriżi li diġà huma stabbiliti f'Malta u Għawdex. F'dan ir-rigward il-Malta Enterprise, sa tmiem din is-sena, se tirrevedi l-pakkett ta' inċentivi tagħha biex iġġibu konformi mar-rekwiżiti kurrenti. Dan l-isforz jaqbel mal-ħsieb strateġiku tal-Gvern, diġà deskritt 'il fuq, li jsostni l-operaturi tal-manifattura u l-fornituri ta' servizzi eżistenti fl-ekonomija Malta u jipprovdilhom appoġġ xieraq biex jiffaċilita t-tkabbir u l-espansjoni tagħhom.

## NAPPOĠĠJAW IL-MIKRO-INTRAPRIŻI U DAWK ŻGĦAR

Minbarra l-miżuri mħabbra iktar 'il fuq li jimmiraw lejn il-promozjoni ta' l-intrapriżi b'mod ġenerali, il-Gvern se jkun qed imexxi numru ta' inizjattivi permezz tas-Segretarjat Parlamentari għall-Intrapriżi ż-Żgħar u s-Self Employed, sabiex jippromwovi l-mikro-intrapriżi u dawk żgħar. L-għan aħħari huwa li jiġi żgurat li dawn l-intrapriżi jsibu l-formola għat-tkabbir u s-suċċess. B'mod partikolari, il-Gvern se:

- Jipprovdi ambjent istruttiv u ta' appoġġ lil dawn l-intrapriżi fil-bidu nett ta' l-iżvilupp tagħhom u waqt l-ewwel passi. Dan se jintlaħaq permezz ta':
  - ambjent imprenditorjali u ta' tagħlim
  - aċċess faċli għal konsulenti esperti u ta' fiduċja, kif ukoll għal investituri
  - viżibilita` fis-suq
- Joħloq forum għall-impenditorija li jservi ta' pjattaforma kemm għall-qsim ta' ideat u informazzjoni bejn l-intrapriżi kummerċjali kif ukoll għall-promozzjoni tal-possibilitajiet għan-negozju
- Iwaqqaf Uffiċju tat-Tlaqqiegħ li jiffoka b'mod speċjali fuq il-mikro-intrapriżi sabiex dawn ikunu jistgħu jsibu sħab xierqa ħalli jisfruttaw aħjar il-qagħda ġeografika ta' Malta
- Jinvesti fis-servizzi u se jkun qed joffri l-faċilitajiet fl-oqsma industrijali li mhumiex responsabbilita` tal-Malta Enterprise sabiex il-mikro-intrapriżi u l-impjegati tagħhom u persuni oħra jkollhom ambjent ta' negozju san;
- Billi l-Gvern jagħraf li meta joffri valur miżjud lill-miro-intrapriżi Maltin ikun qed jgħinhom iżommu u anke jkattru l-klijentela, se joħloq alleanzi strateġiċi ma' kmamar tan-negozju differenti u li Malta għandha rabtiet kummerċjali u ta' investiment magħhom;
- Jiġi żgurat li n-negozji li m'huma rappreżentati f'ebda assoċjazzjoni jkunu jistgħu iwasslu t-tħassib tagħhom lill-awtoritajiet. Dan jiżgura li l-ħtiġijiet tal-mikro-intrapriżi jkunu magħrufa u dawn ma jiġux mgħobbija bla bżonn b'regoli, leġislazzjoni jew bi traspożizzjoni tad-direttivi ta' UE.

Dawn il-miżuri u l-inizjattivi kollha għandhom iwasslu għal suq flessibbli ħafna, b'għażla ta' proċessi ta' żvilupp tan-negozju, infrastruttura, riżorsi u nies li huma maħsuba sabiex isostnu u jkabbru kull negozju żgħir ġdid. B'mod partikolari, dawn il-miżuri u inizjattivi għandhom:

- Iħeġġu tkabbir mgħaġġel
- Iwasslu biex iktar kumpanji ġodda jirnexxu
- Jidentifikaw opportunitajiet ta' investiment
- Joħolqu l-impiegi
- Jindirizzaw problemi speċifiċi ta' żvilupp ekonomiku urban u rurali
- Jiffaċilitaw il-kommerċjalizzazzjoni ta' riċerka u ideat ġodda li joħorġu mill-Universita` u bnadi oħra

## APPOĠĠ LIL ĠEMGĦAT TA' NEGOZJI

Meta għandek sfond ta' kompetizzjoni globali dejjem aktar sofistikata u intensa, stabbilità makroekonomika u ambjent ta' negozju ġeneralment attraenti m'humiex biżżejjed biex imexxu 'l quddiem l-iżvilupp ekonomiku ta' Malta. Hu rilevanti li jkun innutat li ditti primarjament jikkompetu ma' industriji, u mhux ma' nazzjonijiet. It-tkabbir produttiv ta' ditti u l-vantaġġ kompetittiv internazzjonali tagħhom huma influwenzati bil-kbir mid-dinamika u l-forzi li joperaw f'kull industrija.

Għalhekk hemm ħtieġa li wieħed imur lilhinn minn miżuri ta' politika wesgħin billi jagħmel interventi speċifiċi għall-industrija biex isostni ġemgħat emerġenti ta' ditti u fornituri, xerrejja u kollaboraturi relatati magħhom.

Dawn il-ġemgħat huma definiti bħala "gruppi qrib xulxin ġeografikament ta' kumpaniji, fornituri, provvedituri ta' servizzi u istituzzjonijiet assoċjati interkonnessi f'qasam partikolari marbutin flimkien b'komunalitajiet u kumplementarijiet." Ditti li joperaw f'ġemgħat għandhom għadd ta' benefiċċji. Dawn jinkludu l-iżvilupp ta' bażi ta' provvista komuni u grupp komuni ta' nies tax-xogħol, proċessi ta' produzzjoni inqas komplikati u rati aktar mgħaġġla ta' innovazzjoni u żvilupp tal-prodott.

Naturalment, id-daqs żgħir ta' Malta jfisser li l-promozzjoni ta' ġemgħat ta' negozji qatt m'hi ser tikkostitwixxi s-soluzzjoni għall-ħtiġiet ta' l-industriji u d-ditti kollha. Madankollu rridu nirrikonoxxu l-evidenza internazzjonali qawwija li l-vantaġġ kompetittiv ta' ditta spiss ikun qiegħed barra mid-ditta nnifisha u jkollu għeruqu f'lokazzjoni ġeografika u fid-dinamika ta' l-industrija lokali. Fis-settur tal-manutenzjoni u s-servizzi, li jinkludi s-snajja' ta' min jaħdem għal rasu u ta' negozji żgħar, il-Gvern se jkompli bix-xogħol ta' manutenzjoni u organizzazzjoni li qed isiru f'diversi żoni industrijali. Il-Gvern jiffaċilita wkoll parks industrijali ġodda u jiżgura r-riorganizzazzjoni tal-Qasam Industrijali ta' Ħal Luqa. Il-Gvern irid isostni l-livell għoli ta' sengħa li jeżisti Malta billi jġib flimkien ħaddiema ta' snajja` differenti f'ċentri adegwati u attraenti għat-turisti f'Malta u Għawdex.

Għalhekk aħna nemmnu li Gvern u industrija għandhom joħolqu flimkien u b'mod proattiv kondizzjonijiet speċifiċi għall-industrija li joħolqu ambjent li jwassal għall-iżvilupp ta' attivitajiet li jitolbu ħiliet ogħla u intensità ta' għarfien li fihom Malta tista' tipparteċipa u fejn għandha l-potenzjal li tibni kompetenzi tassew distinti. F'dan ir-rigward, intervent konġunt mill-Gvern u l-industrija jista' jinkludi l-introduzzjoni ta' miżuri li jwasslu għal:

- taħriġ u infrastuttura speċjalizzati;
- networking formali u skambju ta' għarfien';
- skambju ta' fornituri importanti ħafna;
- formulazzjoni ta' gruppi ta' nies tax-xogħol ta' kwalità għolja għal oqsma speċifiċi;
- skambji ta' riċerka u żvilupp;
- żvilupp konġunt ta' prodotti;
- inizjattivi ta' promozzjoni tas-suq fuq skala internazzjonali.

Is-setturi ta' l-ikel u xarbiet, pubblikazzjoni u stampar, u ta' l-għamara huma oqsma li jgawdu potenzjal tajjeb ħafna għall-formazzjoni ta' ġemgħat.

**APPOĠĠ LILL-INTRAPRENDITORIJA**

Waqt li l-FDI jibqa' pern ċentrali ta' l-iżvilupp ekonomiku ta' Malta, negozji ġodda indiġeni għandu jkollhom il-potenzjal li jsiru sorsi dejjem aktar importanti ta' tkabbir ta' impjiegi u produttività. Inizjattivi biex jinbena l-ispirtu intraprenditorjali fil-kultura lokali jinkludu:

i Tlestija ta' l-Investitur: Programmi ta' taħriġ għandhom ikunu diretti għat-titjib tal-kwalità ta' applikazzjonijiet għal għotjiet, self u ekwità, u hekk ikun hemm approvazzjoni eħfef tal-kapital.

ii Anġli tan-Negozju: Programmi għall-identifikazzjoni ta' Anġli tan-Negozju biex jappoġġjaw it-traslazzjoni minn kunċett għal inizjattivi tan-negozju għandhom ikunu introdotti fir-rigward ta' innovazzjoni u inizjattivi bbażati fuq għarfien.

iii Għajnuna għall-Promozzzjoni tal-Bejgħ għal SMEs: Il-parti l-kbira ta' l-SMEs lokali m'humiex jorbtu n-negozju tagħhom mal-vantaġġi li ġejjin mill-ICT biex jippromwovu l-bejgħ ta' l-oġġetti u s-servizzi tagħhom lilhinn minn xtutna. Dan jikkostitwixxi barriera għall-iżvilupp ta' ditti innovattivi indiġeni li diġà għaddew mill-istadju tal-bidu. Programmi fuq promozzjoni tal-bejgħ, utilizzazzjoni ta' l-internet għal skopijiet ta' promozzjoni tal-bejgħ, u ħwejjeġ oħra għandhom jiddaħħlu fir-rigward ta' l-SMEs.

iv Biex l-Intraprenditorija ssir Attraenti għaż-Żgħażagħ: F'Malta wisq żgħażagħ jaħarbu min-negozju u minflok jaqbdu professjoni. L-istruttura kurrenti tas-sistema edukattiva Maltija u l-enfasi li ssir fuq korsijiet li jħejju lill-istudenti għall-ħajja tax-xogħol fil-professjonijiet irriżultaw f'allokazzjoni żbaljata tat-talenti li qed tiswa l-flus. Dan jeħtieġ ikun indirizzat permezz ta' l-inklużjoni ulterjuri ta' l-intraprenditorija fil-kurrikuli fit-tieni u t-tielet livelli ta' l-edukazzjoni.

v Għajnuna b'Finanzjament mill-UE għal SMEs: Id-dħul fl-UE jipprovdi lil SMEs lokali l-opportunitajiet għal finanzjament minn għadd enormi ta' linji ta' programmi ta' l-UE. Sfortunatament, għadu nieqes l-għarfien ta' kif wieħed jista' jakkwista minn dawn il-fondi u kif jipprepara materjal biex ikunu sottomess. Għandhom jiddaħħlu

programmi ta' taħriġ u linji strutturati biex jgħinu SMEs jiksbu vantaġġ minn opportunitajiet bħal dawn. Il-Forum Malta fl-Ewropa għandu jtejjeb dan il-proċess.

vi L-inklużjoni ta' l-intraprenditorija bħala parti integrali mill-edukazzjoni u t-taħriġ f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ulterjuri u ogħla, u l-promozzjoni ta' inizjattivi bħalma huma SCOOPS f'livell ta' edukazzjoni sekondarja u Young Enterprise f'livell ta' edukazzjoni u taħriġ post-sekondarju. Għalhekk qed jitwaqqaf Kumitat ta' Tmexxija b'rappreżentanti mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, żgħażagħ u Ambjent, is-Segreterjat Parlamentari għall-Intrapriżi ż-Żgħar u s-Self Employed, il-Malta Enterprise, id-Direttorat għall- Immaniġjar tal-Kurrikulum u Young Enterprise (Malta) li jassigura li dan iseħħ sa l-2006.

## 04.1.5 Għawdex

Għawdex hu karatterizzat minn potenzjal uniku u kwistjonijiet uniċi. Dawn jitolbu inizjattivi speċifiċi, billi l-miżuri li japplikaw għal Malta mhux bil-fors japplikaw għal Għawdex.

M'hemmx dubju li l-fatt li Għawdex hu fil-periferija ta' l-infrastruttura kummerċjali ewlenija li tiġbor, ngħidu aħna, l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, il-Port Ħieles ta' Malta u l-Port il-Kbir, jagħti lok għal dik li tista' tissejjaħ 'insularità doppja'. Diversi kwistjonijiet jirriżultaw minn insularità doppja, mhux l-inqas restrizzjonijiet fuq il-moviment ta' persuni, oġġetti u servizzi. Dawn ir-restrizzjonijiet jikkaġunaw spejjeż finanzjarji addizzjonali u telf ta' żmien għall-Għawdxin, viżitaturi u operaturi ekonomiċi fuq din il-gżira iżgħar tagħna. Il-kwistjoni ta' insularità doppja tħalli impatt negattiv fuq is-setturi kollha ta' l-ekonomija, l-aktar fuq it-turiżmu, il-manifattura u l-agrikultura – bħala konsegwenza hi timmina l-kwalità tal-ħajja fuq il-gżira billi tillimita l-aċċessibilità għal servizzi importanti. Iridu jitqiesu wkoll miżuri bħal dik imsemmija iktar 'l isfel għall-studenti Għawdxin fl-edukazzjoni ogħla.

Madankollu, Għawdex għandu l-elementi b'saħħithom tiegħu. Minbarra l-istorja, il-kultura u l-arkeoloġija, Għawdex s'issa evita l-feriti ta' żvilupp li ġraw fil-gżira akbar tagħna. Din is-saħħa tagħtih vantaġġ kompetittiv fuq Malta f'termini ta' sbuħija u atmosfera tal-lokal. Hu l-ħsieb tal-Gvern mhux biss li jissalvagwardja dan il-vantaġġ iżda anke li jieħu l-miżuri neċessarji u xierqa kollha biex jibni fuqu billi, ngħidu aħna, jesplora l-introduzzjoni ta' programmi partikolari għal enerġija minn sorsi rinnovabbli u alternattivi.

Għawdex għandu wkoll riżorsa għanja fin-nies tiegħu li huma intrinsikament kreattivi u għandhom xejra intraprenditorjali. Miżuri biex kwistjonijiet speċifiċi għal Għawdex ikunu indirizzati għandhom jesplojtjaw dawn is-saħħiet ta' Għawwdex u jfittxu li jużawhom.

M'hemmx dubju li Għawdex għandu attivitajiet ekonomiċi distinti għalih relatati mal-għelieqi tad-dwieli, il-produzzjoni taż-żebbuġ, l-artiġjanat u attivitajiet kulturali kif wkoll reliġjużi. Il-Gvern jemmen li, jekk jingħata investiment addattat fil-promozzjoni tal-bejgħ u appoġġ, Għawdex jista' jitqiegħed f'pożizzjoni ta' destinazzjoni agro-kulturali ta' statura internazzjonali li tista' u għandha tikkompeti mad-destinazzjonijiet oħrajn ta' l-istess xorta fil-Mediterran u fl-Ewropa. Iżda din id-direzzjoni tfisser li l-iffokar ta' l-isforzi u l-enerġiji tagħna għandu jkun dirett f'mira waħda biex nilħqu dan il-għan.

Permezz ta' l-Università ta' Malta u l-MCAST il-Gvern qed jipproponi li jiżviluppa taħriġ professjonali u vokazzjonali f'dawk li jistgħu jissejħu attivitajiet li jiddistingwu lil Għawdex. Barra minn hekk, qed ikun propost li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu twaqqaf bażi ta' riżorsi li, flimkien ma' awtoritajiet Għawdxin kemm fl-amministrazzjoni pubblika u kemm fis-settur privat, jaħdmu biex jistabbilixxu l-istatura internazzjonali ta' Għawdex f'dan ir-rigward. L-eżerċizzju li jagħti isem lil Għawdex għandu jinvolvi li jkun hemm ħwienet bi prodotti b'karattru distintiv Għawdxi f'postijiet strateġiċi, inklużi l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u l-Port il-Kbir, fost postijiet oħra. Dan l-eżerċizzju jmur ma' l-istrateġija l-ġdida mmirata lejn taqsimiet partikolari tas-settur li qed tiġi addottata mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu; waħda minn dawn it-taqsimiet li ġew identifikati hija preċiżament Għawdex bħala destinazzjoni separata.

Barra minn hekk, il-Gvern se jkompli jiżviluppa, permezz tal-Malta Enterprise, miżuri u inċentivi biex jiżviluppa u jippromwovi ċentri ta' artiġjanat għall-produzzjoni, taħriġ, bejgħ bl-imnut, esperjenza prattika u attivitajiet relatati ma' viżitaturi f'postijiet strateġiċi bħalma huma ċ-Ċittadella, ta' Dbieġi, u Għajnsielem. Dawn il-miżuri għandhom ikun sostnuti minn inizjattivi diretti lejn il-provvista ta' ċentru ta' inkubazzjoni ta' l-artiġjanat u għal aċċess għal kapital li għandu jgħin fit-twaqqif ta' industriji orjentati lejn l-artiġjanat. Inizjattivi ta' sostenn jinkludu l-provvista ta' spazju fl-oqsma industrijali ta' Għawdex – li issa jridu jitfasslu mill-ġdid għal industriji iżgħar - b'rati speċjali lil intraprendituri li jfittxu li jinvestu f'dan il-qasam, u wkoll skema ta' sostenn għat-titjib u l-ippakkjar ta' prodotti speċjali lokali.

L-industrija tal-kruċieri qed tevolvi f'pilastru ewlieni ta' l-industrija lokali tat-turiżmu. Iżda, s'issa, Għawdex hu eskluż mill-itinerarju. Il-Gvern jemmen li din il-materja għandha tkun indirizzata. Biex isir żvilupp ta' din ix-xorta ma jkunx hemm għalfejn jinbena terminal għall-kruċieri iżda, x'aktarx, l-ittrasportar regolat ta' passiġġieri li jkunu qed jagħmlu kruċiera minn fuq il-bastiment għall-art, kif isir f'xi gżejjer Karibej.

Il-Gvern jemmen ukoll li l-infrastruttura turistika f'Għawdex għandha tkun sostnuta billi tingħata liċenzja għall-ftuħ ta' każinò wieħed, u wkoll marina oħra għall-jottijiet. Din l-espansjoni għandha tkun kumplementata b'infrastruttura oħra relatata mat-turiżmu bħalma huma l-iżvilupp ta' korsa tal-golf, faċilitajiet għal konferenzi, u aktar investiment fil-wirt Għawdxi bħax-xogħol li qed isir bħalissa fuq ir-riabilitazzjoni tat-tempji tal-Ġgantija.

Bħala reġjun desinjat, Għawdex jikkwalifika għal finanzjament speċifiku mill-UE. Il-Gvern jagħraf, iżda, li intraprendituri Għawdxin għad iridu jimmobilizzaw ir-riżorsi tagħhom biex jieħdu vantaġġ minn din ix-xorta ta' finanzjament. Fil-parti l-kbira dan in-nuqqas ġej minn nuqqas ta' għarfien dwar fejn huma allokati dawn il-fondi u kif jista' jsir aċċess għalihom. Għalhekk, fl-2006, il-Gvern se jiżgura li r-riżorsi xierqa ta' ħiliet ikunu aċċessibbli għal dawk kollha li huma lesti jieħdu l-inizjattiva.

Il-problema ta' aċċessibilità ta' Malta u lura għal manifatturi Għawdxin tibqa' dejjem kwistjoni pendenti. Kuntrarju għal dan, l-industriji bbażati fuq l-għarfien m'humiex suġġetti għal din ir-restrizzjoni. Għalhekk il-Gvern qed jipproponi li jintroduċi gradwalment miżuri biex jiddiversifika l-ekonomija Għawdxija.

## 04.1.6 Sostenn lill-industrija tat-Turiżmu

**L-IMPORTANZA DEJJIEMA TAT-TURIŻMU**

It-turiżmu jibqa' waħda mir-riżorsi ewlenin kbar għal impjiegi f'Malta u sors mill-aktar importanti għall-qligħ ta' munita barranija. It-turiżmu jista' jinqasam f'erba' tipi ewlenin:

- Linja dominanti tat-Turiżmu: is-settur jesplojtja l-klima favorevoli, l-appell estetiku u l-baħar biex jattira lit-turisti jżuru l-gżira, u l-ogħla punt naturalment jintlaħaq fix-xhur tas-sajf. Din il-linja dominanti jista' jkun li teħtieġ titgħolla fil-kwalità partikolarment fil-livell infrastrutturali biex tikkumbatti kompetizzjoni akbar mit-Tuniżija, il-Libja, il-Marokk, iċ-Ċipru, it-Turkija, il-Kroazja u minn destinazzjonijiet simili oħrajn;
- Turiżmu ta' Niċeċ Speċjalizzati: għandha ssir enfasi akbar fuq l-iżvilupp u l-promozzjoni ta' Malta bħala destinazzjoni għal zoni ta' niċeċ speċifiċi, partikolarment dawk li jilħqu l-ogħla punt tagħhom fix-xhur tax-xitwa. Din ix-xorta ta' turiżmu tiddependi minn riżorsi speċifiċi, partikolarment il-wirt kulturali u l-pajsaġġ ta' Malta. Din ix-xorta ta' swieq ta' niċeċ speċjalizzati tinkludi korsa tal-golf u turiżmu sportiv, turiżmu kulturali, konferenzi u vvjaġġar b'inċentiv, ivvjaġġar reliġjuż, turiżmu għas-saħħa, taħriġ fl-ilsien Ingliż u għadis; anke jekk m'hix limitata għal dawn;
- Esplojtazzjoni ta' vvjaġġar għal Malta bi prezz raġonevoli li jista' jimmaterjalizza bis-saħħa ta' l-operazzjoni ta' linji ta' l-ajru bi prezz irħis;
- Explojtazzjoni ta' vjaġġar ibbażat fuq reġjun u sotto-reġjun li jistabbilixxi lil Malta bħala waħda mill-waqfiet fi programm ta' vaganza turistika. Din ix-xorta ta' turiżmu hija partikolarment rilevanti għall-industrija tal-bastimenti li jagħmlu kruċieri imma tista' wkoll tipprovdi lokalitajiet ġodda bbażati fuq kunċetti relatati ma' xi tema – ngħidu aħna, Fortifikazzjonijiet tal-Kruċjati u l-Kavallieri Templari (Franza, Malta, il-Gżejjer Dodekani, Rodi); il-Passi ta' San Pawl; eċċ. Dan it-tip ta' turiżmu huwa relevanti wkoll għax Malta tista' tiġi inkluża bħala waħda minn tliet jew erba' waqfiet differenti għall-viżitaturi li jiġu minn destinazzjonijiet 'il bogħod (bħalm'huma l-Istati Uniti, iċ- Ċina, l-Indja eċċ) u li s-soltu jkunu jippreferu jżuru iktar minn pajjiż wieħed meta jkunu vaganza barra minn pajjiżhom.

Promozzjoni tat-turiżmu li tirnexxi titlob l-identifikazzjoni ta' sub-setturi speċifiċi (kemm fuq bażi ġeografika u kemm fuq bażi ta' swieq niċeċ) u l-organizzar ta' kampanji ta' promozzjoni maħsubin speċifikatament għal dawn is-sub-setturi. Il-periklu ta' dan l-approċċ, iżda, hu li l-istampa ġenerali tista' tintilef. Filwaqt li faċilitajiet ġodda jistgħu jkunu żviluppati biex itejbu l-attrazzjoni ta' Malta għal sub-setturi partikolari, l-appell ta' Malta lis-setturi kważi kollha tat-turiżmu tonqos jekk, fl-istess ħin, il-pajjiż jispiċċa żviluppat iż-żejjed u l-pajsaġġ jintilef. Il-Gvern se jkompli jfittex opportunitajiet biex jinkoraġġixxi jew jiffaċilita l-iżvilupp ta' faċilitajiet importanti għall-industrija tat-turiżmu, iżda jżomm f'moħħu l-importanza tas-salvagwardja tal-preservazzjoni ta' l-attrazzjonijiet naturali ta' Malta li jinkludu seba' siti ta' wirt dinji. Dawn is-siti għandhom ikunu minnhom infushom punti ta' bejgħ.

Il-miżuri li ġejjin diġà ttieħdu biex tittejjeb l-effettività ta' l-appoġġ tal-Gvern lil dan is-settur:

- L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għaddejja minn ristrutturazzjoni lejn organizzazzjoni inqas wiesgħa li hi ffokata aħjar fuq il-funzjonijiet bażiċi tagħha, u hekk tkun kapaċi tindirizzahom b'mod aktar effettiv;
- Kumitat interministerjali twaqqaf taħt il-presidenza diretta tal-Prim Ministru. Dan il-kumitat għandu l-għan li jindirizza kwistjonijiet li jolqtu s-settur turistiku li jinfirxu mal-medda ta' responsabbiltajiet ta' ministeri differenti;
- Sitt zoni turistiċi kien identifikati: il-Belt Valletta u z-zona tal-Port il-Kbir; Tas-Sliema, San Ġiljan u Paceville; Buġibba, il-Qawra, il-Mellieħa, Golden Bay u l-Marfa; l-Imdina, ir-Rabat, Ħad Dingli, Ta' Qali u l-Buskett; Għawdex; l-ibħra kostali. Dawn iz-zoni se jirċievu prijorità f'xogħol ta' tisbiħ bl-iskop li tkun indirizzata l-perċezzjoni li Malta għandha "faċilitajiet ta' 5 stilel iżda ambjent ta' 2 stilel";
- Xogħol ta' titjib fuq għadd ta' siti tal-wirt storiku, b'mod speċjali d-Domus Romana, il-Ġnien tal-Barrakka ta' Fuq, is-Sit Kulturali tax-Xarolla, il-fortifikazzjonijiet tad-Daħla ta' l-Isla u oħrajn, diġà saru. Importanti daqshom huwa l-proġett biex jiġu kkonservati u ppreżentati aħjar is-siti megalitiċi tagħna, b'mod partikolari l-Imnajdra u Ħaġar Qim, kif ukoll il-Ġgantija ta' Għawdex.

Biex jibqa' kompetittiv illum, is-settur turistiku għandu bżonn:

- Enfasi qawwija fuq il-prodott. Fl-aħħar mill-aħħar nistgħu biss inkunu kompetittivi billi niżguraw li pajjiżna ma jibdewx jiddejqu minnu u jibqa' mimli ħajja u in voga daqs qabel. Dan ifisser li għandhom jiġu żviluppati faċilitajiet turistiċi ġodda bħalm'huma bajjiet immaniġġjati tajjeb li jitfasslu skond il-kriterju tal-bandiera l-blu. F'dan is-sens il-proġett li tlesta reċentement fil-Bajja ta' San Ġorġ għandu jitqies bħala mudell li għandu jintuża bħala mudell għal bnadi oħra;
- Kwalita` għolja, li tfisser ukoll li min jiġi f'kuntatt mal-viżitaturi tagħna jagħmlu b'mod korrett u xieraq. Se noqogħdu attenti li x-xufiera tat-taxi u l-karozzini, min jaħdem fis-settur tat-trasport, l-impjegati fl-industrija ta' l-ospitalita`, u l-oħrajn kollha li jmissu mal-viżitaturi tagħna jipprovdu servizz ta' kwalita` bi prezz xieraq;
- Miżuri partikolari li jiżguraw ambjent nadif u san;
- Avvenimenti regolari li jippromwovu lil Malta bħala esperjenza ta' min tgħaddi minnha, iktar milli sempliċement destinazzjoni oħra.

**PROMOZZJONI TAL-BEJGĦ**

Għandha tkun żviluppata tikketta moderna għall-pajjiż biex jinqata' mid-dehra tradizzjonali ta' Malta bħala gżira li tipprovdi biss destinazzjoni ta' "xemx, ramel u baħar". Il-klima u l-baħar jibqgħu elementi importanti ta' l-attrazzjoni ta' Malta, iżda għandhom jitqiesu bħala fatturi miżjuda billi jrid ikun hemm apprezzament ġenwin li Malta hija wkoll metropoli ħajja u sofistikata b'għadd kbir ta' possibiltajiet għal rikreazzjoni u b'wirt storiku li m'hawn bħalu mkien.

Matul il-ġimgħat li ġejjin, l-Awtorita` Maltija għat-Turiżmu bdiet eżerċizzju ta' tikkettar bil-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet interessati biex ikollha l-għodda meħtieġa biex tikkompeti mad-destinazzjonijiet l-oħra kollha tat-turiżmu. Dawn stess għaddew minn dan l-eżerċizzju ta' tikkettar fuq bażi professjonali biex il-ħidma tagħhom ta' mmarkitjar u relazzjonijiert pubbliċi jkollhom il-pedamenti xierqa. Fl-2006, dan l-eżercizzju ta' tikkettar se jkun konkluż u se jkun hem mil-fondi biex jittieħed l-aħjar frott minn dan l-eżerċizzju.

Fuq medda itwal ta' żmien, tikketta ġdida addattata għandha tiffaċilita l-promozzjoni tal-bejgħ mhux biss għal skopijiet turistiċi iżda wkoll biex tattira investiment dirett barrani, is-settur tas-servizzi finanzjarji u s-settur marittimu. Għalhekk, apparti

li t-tikketta l-ġdida hi essenzjali mill-perspettiva tat-turiżmu, għandha bżonn tiġi żviluppata iktar biex tintuża wkoll mill-Malta Enterprise, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, l-Awtorità Marittima ta' Malta u l-Awtorità Maltija għal Servizzi Finanzjarji.

L-iżviluppar ta' tikketta għandu jsir fi tliet livelli. Fil-livell nazzjonali, ir-riżorsi u l-kompetenzi ta' Malta jeħtieġ li jkunu promossi b'mod effettiv. Fil-livell settorjali, l-isforzi għandhom jiffukaw aktar fuq il-promozzjoni ta' punti ta' bejgħ speċifiċi għal kull settur u l-vantaġġ kompetittiv ta' Malta f'dak is-settur. Fil-livell ta' kumpaniji, ditti li jesportaw (kemm jekk ikunu fil-qasam tat-turiżmu kemm jekk f'setturi mhux relatati miegħu) ikunu inkoraġġiti jutilizzaw it-tikketta bħala parti mill-kampanji ta' promozzjoni ta' bejgħ tagħhom bħala kumpens għall-kontribuzzjoni għall-fond tat-tikketta.

Konformi max-xejriet fl-industrija turistika, promozzjoni tal-bejgħ barra minn Malta mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu tgħaddi minn approċċ ġeografiku għas-suq għal wieħed ibbażat fuq segmenti. Hekk in-netwerk ta' barra minn Malta ta' l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu tkun razzjonalizzata, u l-miri ta' operat għal kull xahar li diġa` bdew jitfasslu jkunu monitorjati kontinwament u jintużaw biex ikejlu l-operat ta' l-Awtorita` stess kif ukoll tal-ħaddiema tagħha.

## 04.1.7 Tisħiħ tas-Settur tas-Servizzi Finanzjarji

Is-settur tas-servizzi finanzjarji huwa storja ta' suċċess fl-ekonomija Maltija. Dan assuma importanza dejjem tikber tul dawn l-aħħar għaxar snin u issa hu kontributur sinifikanti għall-ekonomija ta' Malta. Il-Gvern qed jipproponi li jieħu għadd ta' miżuri biex isaħħaħ is-settur u jirrealizza l-potenzjal konsiderevoli għal aktar tkabbir.

Se jsiru sforzi biex il-Borża ta' Malta tkun promossa barra minn Malta biex wieħed jara x'jista joffri s-suq ta' llistjar sekondarju ta' kumpaniji internazzjonali. Biex tiffaċilità s-seħħ ta' dan il-għan, tingħata konsiderazzjoni lill-possibiltà li jinbnew rabtiet reċiproċi eqreb bejn il-Borża ta' Malta u boroż internazzjonali oħrajn bis-saħħa ta' armonizzazzjoni ta' pjattaformi kummerċjali u rabtiet ma' djar internazzjonali ta' tisrif ta' kontijiet.

L-Awtorità Maltija għal Servizzi Finanzjarji (MFSA) diġà qed tipprovdi taħriġ lill-industrija tas-servizzi finanzjarji f'oqsma fejn kienu identifikati nuqqasijiet ta' ħiliet (bħalma huma ħiliet attwarjali). Din l-inizjattiva se tinbena fuq sforzi biex ikunu identifikati l-ħtiġiet u n-nuqqasijiet futuri ta' ħiliet u l-provvista ta' taħriġ ulterjuri biex ikunu sodisfatti dawn il-ħtiġiet.

Barra minn hekk, l-MFSA se tkompli bl-isforzi tagħha li tiżgura li konsumaturi lokali ta' servizzi finanzjarji jkollhom informazzjoni biżżejjed biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet ibbażati fuq informazzjoni. L-MFSA diġà bdiet kampanja biex tinkoraġġixxi l-istampa finanzjarja u lill-assoċjazzjonijiet finanzjarji biex jiżviluppaw pratki li jinftiehmu mill-konsumaturi biex informazzjoni dwar drittijiet u obbligi tal-konsumaturi tkun ippreżentata lilhom b'mod ċar. L-MFSA se tfittex li ssaħħaħ aktar l-influwenza tal-konsumaturi fuq l-industrija għaliex tagħraf li f'din l-industrija, kif hu wkoll il-każ f'industriji oħra, il-konsumaturi jista' jkollhom funzjoni importanti li jmexxu 'l quddiem l-iżvilupp ta' swieq kompetittivi u konsegwentement itejbu l-operat tan-negozju.

Il-Gvern se jippreżenta lill-Parlament "Securitisation Act" li jagħmilha possibbli li oġġetti li wieħed għandu jieħu u assi oħra jkunu konvertiti f'titoli ta' sigurtà li jistgħu jkunu negozjati fis-swieq kapitali. Dan għandu jirrappreżenta żieda importanti ma' l-għodod li jistgħu jintużaw fl-istrutturar ta' prodotti finanzjarji ġodda.

Se jsiru sforzi biex opportunitajiet addizzjonali fis-settur tas-servizzi finanzjarji jkunu esplojtjati, bħalma huma:

- il-provvista ta' servizzi korporattivi
- għoti ta' xogħol barra u koordinament ta' servizzi bħalma huma kontabilità u amministrazzjoni, immaniġġjar ta' assigurazzjoni, amministrazzjoni ta' fondi, riċerka analitika u sistemi ta' ħlas elettroniku
- trusteeship u mmaniġġjar ta' trusts
- promozzjoni tal-bejgħ ta' prodotti finanzjarji inklużi skemi ta' pensjonijiet
- reġistrazzjoni ta' fondi
- servizzi ta' captive insurance
- servizzi ta' arbitraġġ
- immaniġġjar ta' assi.

### 04.1.8 Impjiegi

L-objettivi tal-Gvern fil-qasam ta' l-impjiegi jibqgħu dawk imniżżlin fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Impjiegi ppubblikat fl-2004:

- titjib tal-livelli ta' edukazzjoni u ħiliet fil-forza tax-xogħol, l-aktar ta' dawk bl-inqas ħiliet;
- tlugħ tar-rata ta' persuni impjegati, partikolarment fil-każ tan-nisa u dawk li qabżu l-età ta' 55 sena;
- indirizzar tad-distorzjonijiet fis-suq tax-xogħol, inklużi ħażin tas-suq u l-iżgurar li x-xogħol irendi;
- it-tqassim aktar effiċjenti ta' l-impjegati fis-settur pubbliku;
- immodernizzar tas-servizz ta' impjieg mas-settur pubbliku;
- titjib tal-kwalità u produttività fuq ix-xogħol; u
- promozzjoni ta' suq tax-xogħol inklużiv.

Diġà sar ħafna xogħol f'dan il-qasam. Miżuri importanti ħafna jinkludu t-twaqqif u l-espansjoni ta' l-MCAST bħala l-provveditur ewlieni ta' edukazzjoni vokazzjonali f'Malta, u titjib fis-servizzi offruti mill-ETC lil nies qiegħda, u l-aktar l-organizzazzjoni ta' seminars ta' taħriġ li dawk li jkunu qed ifittxu x-xogħol, il-ħatra ta' Employment Advisors u Personal Advisors, u l-provvediment ta' taħriġ u skemi sussidjati ta' tqegħid ta' nies fuq xogħol. Għadd ta' skemi ko-finanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew huma maħsubin biex jindirizzaw l-objettivi ta' hawn fuq, inklużi proġetti mmirati għal nies qiegħda li laħqu l-40 jew qabżuhom; tnaqqis ta' l-illitteriżmu; integrazzjoni ta' persuni b'diżabiltajiet; u promozzjoni ta' bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol bis-saħħa tal-provvediment ta' kura tat-tfal.

Qed ikunu proposti l-miżuri li ġejjin għat-tliet snin li ġejjin:
Intejbu il-livelli ta' l-edukazzjoni u l-ħiliet ta' dawk li jistgħu jaħdmu

- ir-ristrutturar ta' l-iskemi ta' apprendistat biex isiru iktar flessibbli u attraenti għal min iħaddem u jagħtu lok għal esperjenzi ta' apprendistat li jkunu iqsar u iktar iffukati:
- l-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet kritiċi ta' ħiliet f'livell nazzjonali, u l-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ maħsubin biex jimlew in-nuqqasijiet identifikati;
- it-twaqqif ta' qafas sod għad-definizzjoni u l-valutazzjoni ta' kompetenza vokazzjonali;
- Ir-ristrutturar ta' apprendistati biex isiru aktar flessibbli u aktar attraenti lil dawk li jħaddmu u biex ikunu jistgħu jsiru apprendistati iqsar u aktar iffokati;
- il-provvediment ta' taħriġ ibbażat fil-komunità, bi sħubija ma' skejjel u kunsilli lokali, li bih skejjel jinbidlu f'ċentri ta' tagħlim tul il-ħajja kollha għall-komunitajiet lokali tagħhom;

Inkattru r-rata ta' mpieg, speċjalment għan-nisa

- il-kontinwazzjoni ta' sforzi biex aktar studenti nisa jitħajru jidħlu f'oqsma bħall-arkitettura, inġinerija, IT u xjenza;
- l-iżvilupp ta' miżuri u inċentivi maħsubin biex jinkoraġġixxu teleworking, xogħol b'ħinijiet flessibbli u prattiċi oħra flessibbli ta' impiegi;
- l-introduzzjoni ta' skemi ta' sussidju għall-kura għal min tixtieq tipparteċipa f'korsijiet ta' l-ETC imma għandha bżonn ta' servizz ta' kura għat-tfal jew kura oħra biex tkun tista' tipparteċipa;

Nindirizzaw it-tfixkil fil-qasam ta' l-impiegi

- il-verifika, fir-rigward ta' l-għoti ta' benefiċċji ta' invalidità, biex ikun żgurat li mhux qed isir abbuż minnhom minn individwi li huma kapaċi jaħdmu;
- l-iżvilupp ta' programm li permezz tiegħu min ikun qiegħed fit-tul ikun mistenni jagħmel biċċiet ta' xogħol għal numru ta' sigħat ekkwivalenti għall-benefiċċji li jirċievi;
- it-titjib ta' miżuri kemm pożittivi kif ukoll punittivi biex jitnaqqas xogħol mhux dikjarat, inklużi promozzjoni tal-benefiċċji ta' impjieg regolari; l-appoġġ ta' diversi forom ta' impjieg bħalma huma kooperattivi biex jipprovdu qafas għar-regolarizzazzjoni ta' xogħol perikoluż; u kapaċità ta' infurzar aħjar;
- it-tisħiħ ta' kapaċitajiet tekniċi u amministrattivi biex ikun hemm evalwazzjoni kontinwa ta' programmi dwar is-suq tax-xogħol;

Nallokaw l-impjegati fis-settur pubbliku b'mod iktar effiċjenti

- l-ikkonsolidar u l-ikkordinar aħjar ta' mekkaniżmu u proċeduri bil-għan li jiġu allokati bl-aħjar mod possibbli l-uffiċċjali pubbliċi kollha u l-impjegati kollha mas-settur pubbliku;

Nimmodernizzaw is-servizz ta' l-impieg pubbliku

- l-iżvilupp ta' inċentivi iktar attraenti lil min iħaddem biex jimpjega nies b'diżabilita`.
- il-provvediment ta' taħriġ maħsub speċifikament għal persuni fil-periklu ta' esklużjoni soċjali, partikolarment dawk li jħallu l-iskola kmieni, ġenituri li jħossuhom waħedhom, persuni b'diżabilità u persuni li qed jippruva jegħlbu problemi ta' abbuż minn sustanzi jew li joħorġu minn faċilitajiet korrettivi;
- it-titjib tal-kapaċità tas-servizz ta' l-impieg pubbliku fil-funzjoni tiegħu ta' sensal, fir-rigward ta' informazzjoni dwar postijiet battali u t-tlaqqigħ aħjar ta' dawk li jfittxu x-xogħol mal-postijiet battala li jkun hemm;
- il-faċilitazzjoni tal-mobilità tax-xogħol u l-immaniġġjar effettiv tal-migrazzjoni ekonomika;
- it-titjib tal-livelli tas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol;
- il-promozzjoni ta' kondizzjonijiet ta' impjieg li jwasslu kemm għall-produttività u kemm għad-dinjità ta' l-impjegati;
- reviżjoni tal-qafas regolatorju ta' kumpaniji li jipprovdu taħriġ temporanju, biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm xkiel biex persuna tidħol fid-dinja tax-xogħol.

## 04.1.9 Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u Komunikazzjoni (ICT)

Malta wriet li tista' tirnexxi jekk ikollha l-viżjoni ġusta, tmexxija, impenn u investiment. Il-progress li sar fl-ICT hu qasam ieħor fejn kellna suċċess – suċċess li qed jintwera b'mod konsistenti u kontinwu fil-grad li qed nottjenu f'pubblikazzjonijiet internazzjonali tal-World Economic Forum u l-Unjoni Ewropea, biex isemmu ftit eżempji.

Il-Gvern bi ħsiebu jesplojtja l-ħiliet tal-pajjiż fl-ICT, kemm biex itejjeb il-kompetittività ta' Malta f'dinja dejjem aktar dipendenti mill-għarfien u kemm biex jistabbilixxi l-ICT bħala kontributur għall-valur miżjud lill-ekonomija tagħna.

Fl-2004 l-Gvern nieda Pjan ta' Strateġija u Azzjoni Nazzjonali permezz tal-Ministeru għall-Investiment, Industrija u IT. L-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Strateġija u Azzjoni beda bis-serjetà fl-2005 b'miżuri mnedija fil-Baġit ta' dis-sena.

Is-sena 2006 sa tara lill-Gvern ikompli bis-sensiela ta' inizjattivi mnedija; dawn huma maħsubin l-aktar biex jissodisfaw l-aspettattivi li għandhom jintlaħqu fi tmiem is-sena msemmija: kapaċità ta' konnessjoni ma' l-internet għal 90 fil-mija tas-settur privat; 50 fil-mija tal-Maltin ikollhom aċċess elettroniku għal servizzi pubbliċi; 60 fil-mija ta' l-utenti jkunu jistgħu jikkonnettjaw mal-broadband.

Flimkien ma' dan t'hawn fuq, il-Gvern se jintensifika l-ħidmiet tiegħu fl-oqsma li ġejjin ta' l-Istrateġija Nazzjonali ta' l-ICT:

i Il-Ġlieda kontra l-Qasma Diġitali

Il-miżuri li l-Gvern se jadotta biex jixpruna din il-fergħa ta' l-Istrateġija se jinvolvu s-sostenn tax-xogħol taċ-Ċentri Komunitarji ta' Teknoloġija u Tagħlim li twaqqfu fil-parti l-kbira tal-lokalitajiet. Bis-saħħa tal-Fondazzjoni għall-Aċċessibilità għall-IT – sħubija bejn il-Gvern u l-Kunsill Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) – il-Gvern se jkompli jidħol għal proġetti u inizjattivi biex isostni persuni b'diżabiltajiet. U se jdaħħal ukoll miżuri għall-promozzjoni ta' l-Ilsien Malti biex jinkoraġġixxi l-ħolqien u t-tqegħid fil-post xieraq tiegħu tal-kontenut Malti.

ii Edukazzjoni u Aċċessibilità għall-ICT

L-investiment magħmul s'issa mill-Gvern fl-iskejjel statali jagħmel lil Malta waħda min-nazzjonijiet l-aktar 'il quddiem fl-Unjoni Ewropea f'termini ta' aċċessibilità għat-teknoloġija kemm għat-tagħlim u kemm għal skopijiet ta' familjarizzazzjoni. Il-Gvern bi ħsiebu jżomm l-istess pass f'dan il-qasam, waqt li l-iffokar issa jgħaddi mill-provvista tat-teknoloġija nnifisha għall-integrazzjoni ta' l-ICT mal-kontenut pedagoġiku.

Se jittieħdu wkoll passi biex tinħoloq pjattaforma nazzjonali ta' tagħlim elettroniku. Barra minn hekk, permezz tal-Korporazzjoni għall-Impjiegi u Taħriġ, il-Gvern se jiffinanzja t-taħriġ ta' nies qiegħda biex jakkwistaw akkreditazzjoni

f'ħiliet relatati ma' l-IT biex iċ-ċans li jsibu impjieg jikber.

Permezz ta' l-Uffiċċju Nazzjonali għar-Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni fix-Xjenza u t-Teknoloġija li għadu kemm twaqqaf, il-Gvern se jaħdem biex jiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' studenti ta' l-ICT f'kompetizzjonijiet internazzjonali u jgħinhom biex jittrasformaw l-innovazzjoni fl-ICT tagħhom fi prodotti kummerċjali.

iii Promozzjoni ta' l-ICT f'Intrapriżi ta' daqs Żgħir u Medju
Il-Gvern se jkompli bl-implimentazzjoni ta' l-inizjattivi rrikkmandati fl-eCommerce Framework biex il-blokki addattati ta' eBusiness take-up li jirnexxu jkunu f'posthom f'Malta. Flimkien ma' dan, l-implimentazzjoni tal-programm 'Kick Start' se titlesta fl-2006.

iv Biex Nagħmlu l-Internet Post Sikur
Fl-2006 l-Gvern se jkompli jappoġġja x-xogħol ta' l-eCrime Working Group u jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu skond il-każ. F'dan ir-rigward il-Gvern se jemenda d-dispożizzjonijiet fil-Kodiċi Kriminali dwar atti kriminali li jsiru pemezz tal-kompjuter biex jagħmel il-grooming offiża kriminali.

Barra minn hekk, sforzi sostenuti se jitkomplew biex jinkoraġġixxu l-adozzjoni fuq skala mifruxa ta' l-iskema Trust Mark minn negozjanti lokali u l-pubbliku ġenerali.

v Internazzjonalizzazzjoni ta' l-Industrija Maltija ta' l-ICT
Se jibqgħu jittieħdu miżuri biex isostnu l-industrija lokali ħalli tistabbilixxi relazzjonijiet ma' kumpaniji multinazzjonali ta' l-ICT bħall-Microsoft u Oracle – primarjament billi jattiraw dawn l-organizzazzjonijiet biex jistabbilixxu bażi f'Malta u hekk jiffaċilitaw il-bini ta' relazzjonijiet u opportunitajiet għal ħidma flimkien.

Barra minn hekk, il-Gvern se jidħol għal proċess biex jiżviluppa programmi u inizjattivi speċifiċi għall-industrija lokali ħalli jaħdmu mas-swieq emerġenti fl-Afrika ta' Fuq u wkoll fi stati żgħar.

Fl-aħħarnett, il-Gvern bi ħsiebu jaħdem mas-settur privat biex iwaqqaf ċentru ta' eċċellenza ta' taħriġ fl-ICT li jkun iffukat fuq ir-rekwiżiti reġjonali ta' industriji multinazzjonali u oħrajn fil-kosta Mediterranja.

## 04.1.10 Xjenza u Teknoloġija

L-istudju mill-ġdid biex titfassal triq 'il quddiem għal riċerka u żvilupp fix-xjenza u t-teknoloġija (RDIST) qed isir fil-kuntest ta' żewġ forzi ta' politika li jħarsu 'l quddiem. L-ewwel hi relatata ma' l-UE. Fil-Kunsill ta' Lisbona l-UE kkonkludiet li hi tista' tikber biss bħala ekonomija kompetittiva u bbażata fuq l-għarfien jekk tkabbar l-investiment fl-RDIST. Fil-fatt, l-UE ffissat il-mira li investiment fir-riċerka, żvilupp u innovazzjoni jrid jilħaq it-3 fil-mija tal-PGD ta' kull Stat Membru (1 fil-mija mill-Gvern u 2 fil-mija mis-settur privat) sa l-2010. Fi Frar 2005 l-President Barroso qal lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa li:

"F'ekonomiji avvanzati bħalma hi l-UE, għarfien, jiġifieri R&D, innovazzjoni u edukazzjoni, hu mutur mill-aktar importanti tat-tkabbir produttiv. L-għarfien hu l-fattur kritiku li bih l-Ewropa tista' tiżgura l-kompetittività f'dinja globali fejn oħrajn jikkompetu b'xogħol b'irħis jew b'riżorsi primarji."

Sussegwentement l-UE talbet lil kull Stat Membru biex jaħtar proprjetarju ta' l-Aġenda ta' Lisbona u jfassal pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' l-għanijiet ta' l-Aġenda ta' Lisbona sa 15 ta' Ottubru 2005. Malta diġà bdiet dan il-proċess u l-pjan ta' azzjoni tagħha għandu jitlesta sa dik id-data. Imbagħad tibda l-implimentazzjoni.

It-tieni hu relatat ma' Malta. Fil-Baġit għall-2005 l-Gvern enfasizza l-importanza tar-riċerka u innovazzjoni bħala komponent kritiku biex tintlaħaq il-kompetittività nazzjonali tagħna. F'dan ir-rigward, għadd ta' azzjonijiet jeħtieġ jittieħdu fil-perjodu li ġej. Dawn jinkludu orjentament filosofiku li bih RDIST finanzjati mill-Istat għandhom ikunu diretti lejn riċerka li żżid il-valur

f'oqsma niċeċ ekonomiċi li fihom jista' jinkiseb suċċess. Riċerka akkademika, safejn taqa' fl-ambitu ekonomiku strateġiku stabbilit, għandha tkun inkoraġġita. Altrimenti jkollha tkun eskluża minn finanzjament ta' din ix-xorta.

Iżda dan t'hawn fuq ma jinnegax l-importanza ta' l-Università ta' Malta fir-riċerka li żżid il-valur u fil-provvediment ta' servizzi RDIST permezz tal-faċilitajiet tagħha, bħalma huma l-laboratorju bijotekniku. Il-programmi tagħha ta' riċerka għal studenti u gradwati għandhom ifittxu wkoll sħubija mas-settur privat. F'dan ir-rigward il-Gvern se jgħaddi fondi lill-Università biex jitgħolla' l-livell tal-faċilitajiet ta' riċerka tagħha, suġġett għall-kondizzjoni li din ir-riċerka tkun tidħol fl-ambitu ta' l-objettivi strateġiċi nazzjonali tar-RDIST.

Hekk, bħala pass immedjat, il-Gvern fl-2006 se jartikola pjan nazzjonali strateġiku tar-RDIST fil-kuntest tal-politika tiegħu li jinkanala finanzjament ta' din ix-xorta lil oqsma niċeċ ekonomiċi.

F'dan il-kuntest, bl-irbit tar-RDIST finanzjati mill-Istat ma' oqsma ta' tkabbir ekonomiku, il-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija se jkun riformat bil-mandat li:

a jfassal pjan strateġiku għar-RDIST u prijoritajiet.
b jiddisinja, jevalwa u jivverifika l-politika tar-RDIST.
c jimmaniġġja r-RDIST pprovduti mill-Istat, programmi ta' l-UE, eċċ. biex jiżgura li dawn huma diretti lejn oqsma ekonomiċi strateġiċi identifikati .
d jgħin fl-inkubazzjoni ta' proġetti ta' riċerka f'livell ta' edukazzjoni għolja permezz ta' appoġġ għal żvilupp tal-prodott u promozzjoni tal-bejgħ ta' inizjattivi tar-RDIST Maltin li jirnexxu.

Il-Kunsill għandu wkoll jingħata l-mandat li jmexxi l-Pjan ta' Azzjoni tat-Teknoliġiji Ambjentali li huwa wkoll wieħed mill-miżuri li jikkontribwixxi għall-għanijiet ġenerali ta' l-strateġija ta' Lisbona. Il-Pjan ta' Azzjoni jinkludi 28 azzjoni li huma ntiżi li jtejbu l-iżvilupp permezz tar-riċerka u ta' sforzi ikbar biex it-teknoloġiji ambjentali jiġu fis-suq.

L-MCST irnexxielu jakkwista fondi ta' l-UE għal inizjattivi fix-Xjenza u t-Teknoloġija u bena memorja istituzzjonali b'saħħitha fuq finanzjament mill-UE. Dan is-suċċess se nkomplu nibnu fuqu billi nassenjaw lill-Uffiċċju Nazzjonali għax-Xjenza, Teknoloġija u Innovazzjoni l-mandat li jaġixxi bħala l-aġenzija tal-Gvern li tissenjala l-finanzjament mill-UE u timmobilizza l-proposti.

Il-Gvern qed jipproponi wkoll li jdaħħal attitudni inkrementali għat-twettiq ta' l-impenn tal-Gvern taħt il-kriterji ta' l-Aġenda ta' Lisbona – b'finanzjament li jonqos fl-ammont aktar ma tinbena l-kapaċità. Qed ikun propost dan iċ-ċiklu ta' investimenti:

**Tabella 16. Ċiklu ta' investiment għal Malta**

| Sena | Kontribuzzjoni perċentwali tal-PGD | Valur finanzjarju (ibbażat fuq prezzijiet skond il-PGD 2002) Lm |
|---|---|---|
| 2005 | 0.104 | 417,000 |
| 2006 | 0.150 | 598,000 |
| 2007 | 0.200 | 798,000 |

Barra minn hekk, waqt li l-Gvern ikompli għaddej bil-programm nazzjonali RTDI, dan ikun ristrutturat biex jiżgura li l-finanzjament hu dirett lejn dawk l-oqsma identifikati fil-pjan strateġiku nazzjonali tar-RDIST.

Fl-aħħarnett, il-Gvern jemmen bis-sħiħ li jeħtieġ tiddaħħal sewwa fis-soċjetà tagħna kultura għar-RTDI fix-xjenza u t-teknoloġija. Dan jista' jsir b'għadd ta' manjieri. L-ewwel, kultura favur ix-xjenza u t-teknoloġija għandha trabbi għeruqha fis-snin primarji ta' l-edukazzjoni. F'dan ir-rigward, għażliet edukattivi u ta' karriera huma influwenzati ħafna mill-għalliema u l-ġenituri. Għalhekk jeħtieġ investiment sostanzjali biex tingħadda informazzjoni dwar opportunitajiet dejjem jikbru fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija lill-għalliema u l-ġenituri, u wkoll lit-tfal.

Hu rilevanti li jkun enfasizzat li f'nofs is-snin 80, Malta kienet iffaċċjat sitwazzjoni simili ta' nuqqas ta' investiment, skarsezza ta' ħiliet, assenza ta' informazzjoni u kultura fqira fil-qasam tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni. Fuq perjodu ta'

15-il sena, viżjoni qawwija u impenn iffukat ittrasformaw dik li kienet għalqa għalkollox ħadra f'waħda mis-saħħiet ewlenin ta' l-ekonomija tagħna. M'hemm ebda raġuni għaliex dan is-suċċess, jekk nidħlu għalih bl-istess livell ta' impenn u ffukar, ma jistax ikun ripetut fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija.

Għandu jkun innutat li l-bini ta' korp ta' ħiliet f'oqsma ġodda jrid jieħu medda ta' ġenerazzjoni. Hekk ġara fis-settur ta' l-ICT. Is-suċċess inkiseb biss wara t-twaqqif ta' korsijiet li jwasslu għal grad fl-Università ta' Malta, fiċ-ċentru ta' taħriġ ta' MITTS Ltd u, aktar reċenti, l-istitut ta' l-ICT fl-MCAST, u wkoll bit-twaqqif ta' ċentri ta' taħriġ fl-ICT mis-settur privat. Sadattant, sakemm il-bażi ta' ħiliet u kapaċità addattati nbniet, kemm il-Gvern u kemm is-settur privat impurtaw nies imħarrġa. Hekk il-Gvern hu lest li jqis pożittivament l-importazzjoni ta' esperjenza fix-xjenza u t-teknoloġija biex il-pajjiż ikun jista' jimla l-vojt tal-ħiliet waqt li din l-attività ekonomika importanti tkun qed tinbena f'Malta.

Il-miżuri addizzjonali li ġejjin qed ikunu proposti biex ikun żviluppat qafas leġiżlattiv li jinkoraġġixxi r-riċerka u l-iżvilupp:

- Studju ġdid fuq il-leġiżlazzjoni kurrenti dwar brevetti se jsir biex jidentifika opportunitajiet ħalli r-reġistrazzjoni ta' brevetti f'Malta ssir aktar attraenti filwaqt li jkunu salvagwardati attivitajiet industrijali eżistenti;
- Se jkun żviluppat reġim addattat ta' proprjetà intellettwali li jkopri riċerka mill-istaff ta' l-Università bil-għan li tkun inkoraġġita kollaborazzjoni bejn l-industrija u l-Università;
- Se jitwaqqaf programm ta' boroż ta' studju għal studenti li wara li jiggradwaw jidħlu għal studji f'oqsma speċifiċi relatati max-xjenza u t-teknoloġija. Dawk li jibbenefikaw minn dan il-programm iridu jaħdmu f'Malta għal perjodu speċifikat meta jtemmu l-istudji tagħhom.

## 4.2 L-Edukazzjoni

Li nipprovdu lil kulħadd b'edukazzjoni ta' kwalità tul il-ħajja, li twassal għat-twettiq l-aktar sħiħ tal-potenzjal ta' kull persuna u t-trawwim ta' kultura bbażata fuq l-għerf li ttejjeb il-vantaġġ kompetittiv ta' pajjiżna, b'mod li jaqdi l-ħtiġijiet tal-pajjiż fir-rigward ta' l-iżvilupp u t-tkabbir sostenibbli.

Il-miżuri li ddaħħlu fil-qasam edukattiv matul l-aħħar għaxar snin kienu tabilħaqq radikali – ibda miż-żjieda fil-parteċipazzjoni ta' l-istudenti fis-settur ta' l-edukazzjoni terzjarja, il-ħolqien ta' l-MCAST, l-iżvilupp tas-sistema ta' l-eżamijiet lokali (MATSEC), id-dħul tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fl-edukazzjoni u l-introduzzjoni ta' Kurrikulu Nazzjonali ġdid li jitlob bidla paradigmatika fil-mod kif is-soċjetà tħares lejn l-edukazzjoni. Il-Gvern beħsiebu jħaffef il-pass fil-ħidma li diġà beda f'dan il-qasam ta' politika daqshekk importanti. Fil-fatt, tul dawn l-aħħar sentejn, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Mpieg għadda minn wieħed mill-perjodu mill-aktar impenjattivi tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mar-reviżjoni tal-politika u t-twettiq ta' riformi fl-oqsma kollha primarji fis-settur.

Is-suċċessi miksuba f'dan is-settur jippreżentaw sfidi ġodda, li l-Gvern huwa ddeterminat li jiffaċċja, waqt li jmexxi lill-partijiet involuti u l-istituzzjonijiet kollha sabiex jingħelbu dawn l-isfidi u jdawwarhom f'opportunitajiet siewja ta' żvilupp.

### 4.2.1 Edukazzjoni Obbligatorja

Hawnhekk, l-isfida ewlenija hija dik li nassiguraw edukazzjoni ta' kwalità lil kulħadd billi a) niddeterminaw b'mod aħjar il-livelli meħtieġa u nassiguraw aħjar il-kwalità , u b) permezz li l-entitajiet kollha fi ħdan l-istituzzjonijiet edukattivi ta' l-Istat, tal-Knisja u tas-settur privat joperaw b'mod effettiv u effikaċi. Il-varjetà kbira ta' istituzzjonijiet edukattivi li qed joperaw titlob provvediment aktar effettiv u f'waqtu ta' sostenn u servizzi, ċarezza fil-proċess ta' kontabilità, informazzjoni aħjar, komunikazzjoni, djalogu

kontinwu, ippjanar u direzzjoni aktar konsistenti milli hemm illum, kemm fuq bażi oriżżontali kif ukoll vertikali. Dan l-aħħar, il-Gvern ippubblika l-pjanijiet tiegħu għal riformi fis-sistema ta' l-edukazzjoni obbligatorja fid-dokument ta' strateġija msejjaħ 'Biex Uliedna Kollha Jirnexxu'. Fil-qofol tagħha, l-imbuttatura li l-Gvern ser jagħti se tkun diretta lejn:

a. Tisħib ta' l-iskejjel primarji u sekondarji tal-Gvern kollha f'numru ta' kulleġġi awtonomi li jieħdu ħsieb il-livelli kollha ta' l-edukazzjoni mit-tfulija bikrija għall-istadju primarju u sekondarju, sabiex ikun hemm servizz edukattiv imtejjeb u bla skossi, b'evalwazzjoni esterna sabiex il-kwalità tkun garantita.
b. Il-provvediment ta' regolamentazzoni waħdanija għas-sistema sħiħa ta' l-edukazzjoni – jiġifieri l-iskejjel ta' l-Istat, Knisja u dawk privati sa l-età obbligatorja – inkluż dak li għandu x'jaqsam ma' politika kurrikulari, verifika u garanzija ta' kwalità.
c. Il-garanzija li jingħataw, b'mod effettiv u f'waqtu, l-appoġġ pedagoġiku, ta' tmexxija, l-operat u dak anċillari, l-ippjanar u l-allokazzjoni ta' riżorsi; is-servizzi ta' tagħlim tul il-ħajja u s-servizzi għall-istudenti.
d. Jiġi pprovdut qafas, fil-kuntest ta' parametri ta' poltika deċiżi ċentralment, ta' qafas għad-deċentralizazzjoni bi qbil għall-iskejjel ta' l-Istat fi ħdan ambjent ta' tisħib bejn l-iskejjel permezzi ta' Kulleġġi ġodda.

Sfida ewlenija oħra hija l-bini ta' skejjel tal-Gvern ġodda u t-titjib ta' l-iskejjel li għandu bħalissa l-Istat. Huwa xieraq li nisħqu li, għajr għal bini ta' skejjel lejn tmiem is-snin ħamsin u matul is-sittinijiet, ma ġiet mibnija kważi ebda skola ġdida tal-Gvern. Ħafna mill-iskejjel governattivi huma f'bini li ttella' fl-ewwel nofs tas-seklu li għadda jew li kien bini tas-Servizzi Ingliżi. Illum, il-Gvern ikkometta ruhu b'mod qawwi għal proġett ta' għaxar snin li jqum il-miljuni biex jilħaq il-bżonnijiet f'dan il-qasam u waqqaf il-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada li qabdet pass impressjonanti kemm ta' riabilitazzjoni ta' l-istokk eżistenti kif ukoll ta' bini ta' skejjel ġodda. Matul l-2006 il-Gvern ser iħaffef dan il-pass.

## 4.2.2 Edukazzjoni Għolja u Terzjarja

Il-pjattaforma istituzzjonali ta' l--edukazzjoni għolja u terzjarja kibret b'mod sostanzjali matul l-aħħar snin u ma tinkludix l-Università ta' Malta biss iżda wkoll l-MCAST, il-livelli post-sekondarji u għolja kif ukoll istituzzjonijiet internazzjonali ta' edukazzjoni għolja li ħafna drabi joperaw permezz ta' aġenti lokali. Waqt li jagħraf li dawn l-istituzzjonijet, kemm dawk iffinanzjati minn fondi privati kif ukoll dawk minn fondi pubbliċi, għandu jkollhom awtonomija akkademika u operattiva, il-Gvern iqis li għandu r-responsabilità li, fost l-oħrajn, jassigura li:

a) l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla jżommu ma' livelli rikonoxxuti permezz ta' akkreditazzjoni u liċenzjar kif imiss;
b) fejn jintużaw fondi pubbliċi, jintefqu kif imiss u b'mod li jwasslu għal kapital uman ta' kwalità, u
c) l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' l-industrija u l-ekonomija u li ikollhom rabtiet sodi magħhom.

Is-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistema edukattiva għolja hija konsiderazzjoni maġġuri u huwa meħtieg li l-Gvern jindirizza d-dilemma maħluqa bil-fatt illi jeħtieġ li nħeġġu ħafna aktar studenti li jkomplu l-edukazzjoni wara l-livell sekondarju. Fil-waqt li n-numru ta' studenti żdied b'67 fil-mija bejn l-1994 u l-2004, l-allokazzjonijiet finanzjarji mhux bil-fors li żammew il-pass maż-żjieda fl-istudenti. Dan wassal għal żbilanċ li jolqtok fil-proporzjon ta' fondi diretti lejn l-istudenti.

**Tabella 21. Projezzjoni tal-popolazzjoni ta' l-istudenti fl-Università u l-MCAST sal-2010**

| | | Actual | Forecast | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **2004** | **2006** | **2007** | **2008** | **2009** | **2010** |
| **Population cohort:** | | | | | | | |
| (16-17) | | 10,847 | 11,117 | 10,952 | 10,670 | 10,776 | 10,621 |
| (18-21) | | 21,897 | 21,560 | 21,522 | 21,676 | 21,799 | 21,787 |
| **Participation rate:** | | | | | | | |
| Post-secondary (vocational) | 54% | 36% | 37% | 38% | 41% | 44% | 46% |
| Post-secondary (general) | 46% | 30% | 31% | 32% | 34% | 36% | 39% |
| Post-secondary (total) | | 66% | 68% | 70% | 75% | 80% | 85% |
| Tertiary | | 23% | 25% | 27% | 28% | 29% | 30% |
| **Student population by age cohort:** | | | | | | | |
| Post-secondary (vocational) | | 3,895 | 4,113 | 4,172 | 4,354 | 4,691 | 4,912 |
| Post-secondary (general) | | 3,264 | 3,446 | 3,495 | 3,648 | 3,930 | 4,116 |
| Post-secondary (16-17 in all institutions) | | 7,159 | 7,560 | 7,666 | 8,003 | 8,621 | 9,028 |
| Tertiary (18-21) | | 5,036 | 5,390 | 5,811 | 6,069 | 6,322 | 6,536 |
| **Growth rate by main age cohorts (basis 2004):** | | | | | | | |
| Post-secondary (vocational) | | | 6% | 7% | 12% | 20% | 26% |
| Post-secondary (general) | | | 6% | 7% | 12% | 20% | 26% |
| Post-secondary (16-17 in all institutions) | | | 6% | 7% | 12% | 20% | 26% |
| Tertiary (18-21) | | | 7% | 15% | 21% | 26% | 30% |
| Student populatioin forecast (all ages, full-time only) | | | | | | | |
| Post-secondary (vocational) | | 5,339 | 5,638 | 5,717 | 5,968 | 6,429 | 6,733 |
| Post-secondary (general) | | 4,473 | 4,723 | 4,790 | 5,000 | 5,386 | 5,641 |
| Post-secondary (all institutions) | | 9,812 | 10,361 | 10,507 | 10,968 | 11,815 | 12,373 |
| Tertiary | | 7,248 | 7,757 | 8,363 | 8,735 | 9,098 | 9,406 |

**Cart 18. Spiża fl-edukazzjoni Għolja (1994-2004)**



Fil-fatt ir-Rapport Chalmers dwar l-Edukazzjoni Għolja jsostni li "il-konklużjoni prinċipali fl-istudju tagħna hi li l-istituzzjonijiet ewlenin qed jiffaċċjaw diffikoltajiet finanzjarji gravi. Paradossalment, dawn id-diffikultajiet inħolqu mhux minħabba falliment fil-politika, anzi minħabba s-suċċess tagħha". Ir-Rapport semma l-istipendju u l-għarfien mis-soċjetà Maltija tal-benefiċċji ta' edukazzjoni ogħla bħala ż-żewġ raġunijiet ewlenin għaż-żieda fil-popolazzjoni ta' l-istudenti.

Il-Gvern jagħraf l-importanza tar-Rapport Chalmers u l-isfidi li hu saħaq dwarhom. Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Mpjiegi studja r-Rapport Chalmers dwar l-iffinanzjar ta' l-edukazzjoni ogħla, u saru konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti ta' l-istudenti universitarji matul l-ewwel nofs ta' din is-sena, u tqiesu numru ta' rakkomandazzjonijiet. Il-Gvern iqis li l-prinċipji fondamentali li ġejjin għandhom inebbħu l-passi li jmissna nieħdu:

a) konvinzjoni u dedikazzjoni qawwija lejn rati ogħla ta' parteċipazzjoni u investiment kontinwu f'dan is-settur;
b) żamma tal-prinċipju ta' opportunitajiet ta' aċċess indaqs bil-provvediment garantit ta' xibka ta' sigurtà msejsa fuq kriterji soċjo-ekonomiċi speċifiċi;
c) spostament fil-mod kif nittrattaw is-sostenn ta' l-istudenti li mhux dirett lejn l-istuzzjonijiet bħala strument ta' politika soċjali imma bħala wieħed edukattiv;
d) determinazzjoni qawwija li nipprovdu l-ogħla kwalità possibbli, kemm mil-lat amministrattiv kif ukoll dak akkademiku;
e) l-għarfien ta' l-awtonomija, miżżewweġ mal-ħtieġa ta' iktar kontabilità u r-riformi meħtieġa u finanzjament neċessarji, sabiex dan il-proċess ikun jista' jirnexxi;
f) it-twessiegħ tat-tifsira ta' kontabilità biex tkopri mhux biss regolarità fil-proċedura finanzjarja (i.e. rapporti tà verifika) iżda wkoll analiżi fil-fond ta' l-effiċjenza, ir-rilevanza u l-valur ta' dak l-infiq.

## 4.2.3 L-Impenn tal-Gvern li jsostni r-rati ta' parteċipazzjoni fl-edukazzjoni ogħla

- Il-mira ta' 65 fil-mija ta' dawk li għandhom 22 sena li għandhom kwalifiki ta' l-inqas ta' edukazzjoni sekondarja ogħla, kif dikjarat fil Programm Nazzjonali ta' Azzjoni dwar l-Impjiegi ta' l-2004, tista' tintlaħaq kif mkejla permezz tar-rati preżenti ta' parteċipazzjoni ta' dawk li għandhom 17-il sena fl-istituzzjonijiet kollha;

- Jekk il-miri ta' l-2015 jersqu lejn parteċipazzjoni ta' 85%, irridu nipprovdu kapaċità għal 1,500 student iktar fis-snin kollha ta' l-istituzzjonijiet post-sekondarji, inklużi il-Junior College, l-iskejjel sekondarji ogħla, l-MCAST, u l-ITS.

- Żjieda oħra fil-parteċipazzjoni fil-livell terzjarju minn 23% għal 30% sa' l-2010 tfisser żjieda ta' 2000 student li jmorru l-Università ta' Malta.

Il-Gvern huwa impenjat li jżid ir-riżorsi meħtieġa biex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jipprovdu aktar servizzi edukattivi ta' kwalità aħjar sabiex b'hekk jilħaq l-għan tiegħu ta' rati ta' parteċipazzjoni ogħla.

Il-Gvern huwa lest ukoll biex jirriforma l-mekkaniżmi ta' appoġġ għall-istudenti sabiex jiżgura li aktar studenti jkollhom aċċess għall-livelli ta' edukazzjoni ogħla, biex jinħolqu skemi ta' inċentivi effettivi, u biex jiggarantixxi s-sostenibbiltà tal-qafas ġenerali ta' finanzjament għal dan is-settur.

Din hija deċiżjoni konxja u strateġika li qed jieħu l-Gvern – il-Gvern huwa lest li jalloka r-riżorsi limitati tagħna għall-edukazzjoni minnflok għal setturi oħrajn, u dan għaliex is-suċċess tas-setturi l-oħrajn jiddependi fuq is-suċċess tas-sistema edukattiva tagħna. Madanakollu, bħal kull investiment ieħor, dan l-investiment irid jagħti frott massimu lill-pajjiż.

Għaldaqstant, il-Gvern huwa impenjat biex:
1. Iżomm l-iskemi preżenti ta' appoġġ għall-istudenti kollha fis-settur post-sekondarju: il-Junior College, is-Sixth Forms Privati, l-iskola tal-Higher Secondary, l-MCAST u l-ITS
2. Iżomm l-iskema bażika preżenti ta' għotjiet ta' manteniment għall-istudenti kollha ta' l-Università ta' Malta li f'Ġunju ta' l-2005 kienu qed jibbenefikaw minn dawn l-iskemi taħt ir-regolamenti preżenti

3. Idaħħal għadd ta' riformi fl-iskemi ta' appoġġ għall-istudenti l-ġodda fis-settur terzjarju, bil-għan li:

a. Itejjeb l-aċċess:
   i. Appoġġ differenzjat għal korsijiet li jeħtieġu nefqa indiretta ogħla fuq l-edukazzjoni, żjieda fl-għotjiet permezz ta' l-iskema tal-kards għal dawk li jattendu korsijiet li jeħtieġu spejjeż għoljin fuq tagħmir, u t-tnaqqis ta' dawn l-għotjiet għal dawk li fil-fatt m'għandhomx l-istess ammont ta' nefqa privata fuq spejjeż indiretti relatati ma' l-edukazzjoni
   ii. Żjieda fl-inċentivi finanzjarji għal dawk li jiddependu ħafna fuq għotjiet supplimentari
   iii. Skema supplimentari speċjali għall-istudenti Għawdxin sabiex dawn jiġu mħeġġa jkomplu l-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla f'Malta.

b. Itejjeb il-kwalità u l-għażla:
   i. Żjieda fil-finanzjament istituzzjonali għal titjib sostenibbli fil-kapaċità ta' l-istituzzjonijiet u l-kwalità tas-servizzi edukattivi taqgħhom
   ii. Bil-mod il-mod il-finanzjament jiġi indirizzat aktar lejn l-istudent u inqas lejn l-istituzzjonijiet, b'mod illi jiġi mħeġġeġ l-investiment f'dan is-settur sabiex l-istudenti jkollhom għażla.

L-appoġġ finanzjarju għandu jingħata lill-istudent irrispettivament mill-istituzzjoni li huwa jagħżel li jattendi, sabiex b'hekk ikun hemm pressjoni fuq l-istituzzjoni biex tattira lill-istudenti fuq il-bażi tal-ħila u l-kwalità tagħha. Dan għandu jwassal għal titjib fil-livelli, l-għażla u l-effiċjenza fis-settur ta' l-edukazzjoni għolja.

Barra minn hekk, dan għandu jħeġġeġ it-tkabbir tas-suq domestiku għall-investituri privati li jikkunsidraw b'serjetà l-possibiltà li jiżviluppaw ċentri ta' eċċellenza f'diversi setturi speċjalizzati. Dan għandu jagħti l-ispinta meħtieġa sabiex Malta tipparteċipa fis-settur globali ta' edukazzjoni għolja li bħalissa qed jaqbad sew, u li l-potenzjal tiegħu għad irid jiġi esplorat u sfruttat f'Malta.

c. Jagħti motivazzjoni effettiva:
   i. l-istudenti jiġu ggwidati b'mod effettiv f'oqsma ġodda tar-riċerka sabiex b'hekk jiġi żgurat li l-edukazzjoni tagħti riżultati aħjar, permezz ta' attività ta' gwida li tkun iffinanzjata b'mod aħjar;

   ii. tiġi ppremjata l-eċċellenza permezz tal-ħolqien ta' Fond ta' Boroż ta' Studju tal-Gvern ta' Malta li jiffinanzja lil dawk l-istudenti b'kapaċitajiet eċċellenti biex ikomplu l-istudji tagħhom f'livell *post-graduate* f'setturi identifikati li jagħtu kontribut siewi lill-ħtiġijiet tal-pajjiż;

   iii. isir investiment kbir sabiex tinħoloq rabta bejn l-innovazzjoni, ir-riċerka u d-diversi setturi ekonomiċi billi jiġu żviluppati programmi ta' trasferiment ta' l-għafien. Dawn il-programmi joħolqu l-ispazju għall-istudenti gradwati biex jiżviluppaw attività ta' intrapriża msejsa fuq l-għarfien, li taħdem bħala ankra għaż-żamma tat-talent u eventwalment struttura li tħeġġeġ l-iżvilupp ta' negozju innovattiv u tattira l-investiment.

Filwaqt li l-Gvern huwa impenjat biex jagħti appoġġ lill-istudenti kollha li jkunu qed jagħmlu l-ewwel lawrja tagħhom permezz ta' għotja bażika ta' manteniment, l-Iskema ta' Speċjalizzazzjoni għaż-Żgħażagħ, li s'issa kienet miftuħa biss għal studenti f'istituzzjonijiet barranin ta' edukazzjoni għolja, ser tiġi modifikata biex tkopri wkoll korsijiet ta' edukazzjoni għolja f'Malta.

Ir-riformi għandhom jiżguraw li s-sistema tabilħaqq tindirizza l-fatturi li jħeġġu l-parteċipazzjoni, jiġifieri li l-edukazzjoni ma tkunx għalja wisq għall-istudenti, li l-istudenti jkollhom il-likwidità meħtieġa (meta ma tkunx kwistjoni li l-Università hija għalja wisq), li jkun hemm inċentivi biex jiksbu l-ogħla riżultati u livelli, inċentiv biex jimirħu f'oqsma ġodda tar-riċerka, u li jkollhom għażla effettiva u l-ogħla kwalità possibbli.

### 4.2.4 Edukazzjoni u Taħriġ għall-Adulti

Jeħtieġ li jiddaħħlu fis-seħħ miżuri li jżidu b'mod sinifikanti n-numru ta' studenti maturi. Il-bidliet demografiċi jfissru li l-għadd ta' studenti li jitilqu mill-iskola se jonqos matul is-snin li ġejjin u li n-numru ta' ħaddiema aktar anzjani se jiżdied. Din il-bidla demografika, flimkien mal-pressjonijiet ta' trasformazzjoni mingħajr waqfien li l-globalizzazzjoni u l-bidliet teknoloġiċi qed jimponu fuq l-industrija, tfisser illi l-aġġornament u t-titjib ta' l-għarfien u l-ħiliet tal-ħaddiema se jkollhom rwol aktar importanti minn qabel. Żvilupp ewlieni li huwa meħtieġ f'dan ir-rigward huwa l-introduzzjoni ta' qafas nazzjonali ta' kwalifiki vokazzjonali. Dan il-qafas nazzjonali ta' kwalifiki vokazzjonali għandu jwassal għal aktar ċarezza fit-tifsira tad-diversi tipi ta' kwalifiki u jippermetti li l-kwalifiki jiġu mqabbla b'mod aktar faċli. Flimkien mal-politika relatata dwar l-aċċess, kif ukool dwar it-trasferiment u l-progress, l-introduzzjoni ta' dan il-qafas għandu jwassal għal aċċess aktar wiesa' għall-premjijiet, b'mod illi jinħolqu aktar opportunitajiet għat-trasferiment għal programmi differenti sabiex l-istudenti jiġu mħeġġa biex jibqgħu mexjin sa l-edukazzjoni terzjarja.

### 4.2.5 L-Ingliż mitkellem u miktub

Hemm bżonn li jinżamm il-vantaġġ li għandna ta' livell għoli ta' l-Ingliż, u l-element qawwi ta' multilingwaliżmu li għandhom il-biċċa l-kbira tal-ħaddiema fis-setturi bbażati fuq l-għarfien – dan jagħtina vantaġġ qawwi fuq il-kompetituri tagħna. Waqt li l-Kunsill Nazzjonali għall-Ilsien Malti għandu jtejjeb l-isforzi tagħna biex inżommu u ntejbu s-saħħa ta' l-Ilsien Nazzjonali tagħna, il-Gvern jesiġi li l-istituzzjonijiet edukattivi f'kull livell jinpenjaw ruħhom bis-sħiħ biex jimmiraw lejn u jiksbu kwalità eċċellenti fl-Ingliż mitkellem u miktub minn kullħadd. Għaldaqstant, għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiġi żgurat li Malta żżomm u tibni fuq dan il-vantaġġ kompetittiv matul il-perjodu ta' referenza ta' dan id-dokument.

### 4.2.6 L-Edukazzjoni hija l-muftieħ

L-għarfien u l-ħiliet tagħna, il-produttività, il-ħiliet innovattivi u intraprenditorjali, u l-kompetittività tagħna, kif ukoll iż-żamma u t-titjib tal-livell ta' l-għixien tagħna jiddependu fl-aħħar mill-aħħar fuq l-investiment kontinwu fir-riżorsi umani tagħna.

Fil-kuntest ta' l-isfidi diversi li s-soċjetà u l-ekonomija tagħna qed iħabbtu wiċċhom magħhom, l-edukazzjoni hija dejjem aktar il-muftieħ għall-bidla u l-iżvilupp sostenibbli fuq medda twila ta' żmien. F'din l-ekonomija globali miftuħa, l-għarfien u l-ħiliet isiru l-fattur ewlieni tas-suċċess kompetittiv u tal-ġid.

## 04.3 Lejn Ambjent u Infrastruttura Mtejbin

Li ntejbu l-ambjent u l-infrastruttura tan-Nazzjon tagħna biex niżguraw kwalità ta' ħajja aħjar bis-saħħa ta' l-iżvilupp sostenibbli u r-riġenerazzjoni tal-wirt tagħna.

M'hemmx dubju li l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tagħna hija marbuta mal-kwalità ta' l-ambjent tagħna. Dak li hu importanti f'dan ir-rigward hu li l-għarfien nazzjonali tal-ħtieġa li nħarsu l-ambjent qed isir dejjem aktar parti intrinsika mill-imġieba tagħna. Dan jidher ukoll mill-prijoritajiet li l-Gvern qed jistabbilixxi biex iħares u jtejjeb l-ambjent. Fil-fatt, hija l-prijorità ta' dan l-amministrazzjoni, kif ġie ddikjarat fil-Baġit għall-2005, li tagħti impenn akbar, permezz ta' finanzjament u riżorsi oħra, għall-programmi meħtieġa fil-firxa kollha tal-politika ambjentali biex jintlaħqu dawn l-għanijiet mixtieqa.

Fost il-ħafna inizjattivi li jinsabu għaddejjin, dawn li ġejjin huma meqjusin bħala l-aktar importanti.

## 04.3.1 *Parks* u spażji miftuħa

Malta hija pajjiż fejn ir-riżorsi ta' art huma limitati ferm u l-pressjonijiet għall-iżvilupp huma għoljin ħafna minħabba d-densità ta' popolazzjoni li dejjem qed tiżdied. Żoni kbar ta' art imsaġġra kellhom jitneħħew biex jagħmlu spazju għall-agrikoltura u forom oħra ta' żvilupp ta' l-art u b'hekk il-firxa ta' veġetazzjoni u ambjenti naturali fil-Gżejjer Maltin naqset b'mod drastiku matul is-snin. Il-Gvern huwa konxju li qed jiżdied l-għarfien tal-ħtieġa li tiġi kkonservata u mkattra l-art imsaġġra, ambjenti naturali oħra u l-fawna relatata kif ukoll li jinħolqu faċilitajiet rikreattivi u edukattivi għall-pubbliku.

Is-sena l-oħra l-Gvern żviluppa sensiela ta' proġetti ta' tisġir flimkien ma' l-iżvilupp ta' *parks* nazzjonali u reġjonali fil-gżejjer Maltin bħala objettiv fuq medda twila ta' żmien. Għadd ta' siti prospettivi ġew identifikati għat-tisġir fil-futur qrib u dawn jinkludu:

- Delimara
- Xrobb l-Għaġin
- Il-Ġnien Nazzjonali ta' Ta' Qali
- Is-Salina
- Il-Mellieħa

Kull wieħed minn dawn is-siti jinkludi aktar minn proġett wieħed u matul l-aħħar sena sar progress sostanzjali. Tħawwlu madwar 5000 siġra u twettqu xogħlijiet ta' tħejjija għal aktar tħawwil ta' siġar matul is-sena fis-siti l-oħrajn. Il-ħames siti ngħataw prijorità minn lista itwal ta' siti nazzjonali li ser jiġu indirizzati wkoll fl-istadji sussegwenti tat-tisġir u l-iżvilupp ta' *parks* fil-ġejjieni.

L-istrateġija tal-Gvern għandha l-għan li tiżviluppa diversi siti madwar Malta u Għawdex bħala art imsaġġra tipika. Is-siti tat-tisġir huma integrati u mqiegħda b'mod strateġiku flimkien mas-siti tal-*Parks* Nazzjonali u Reġjonali. L-istrateġija tinkludi l-iżvilupp ikkoordinat ta' żoni kbar miftuħa b'faċilitajiet rikreattivi b'temi partikolari. Id-diversi inizjattivi għandhom l-għan li jinvolvu sħab li jinkludu l-kunsilli lokali, l-NGOs, l-iskejjel u s-settur privat biex jisponsorjaw u jgħinu biex jieħdu ħsieb is-siti fuq medda twila ta' żmien.

Il-viżjoni strateġika tal-Gvern fuq medda twila ta' żmien tiżgura li l-inizzjattiva kollha tkun ta' benefiċċju għall-ġenerazzjonijiet li għad iridu jiġu. L-għan huwa li nseddqu l-pajsaġġ Malti, inklużi l-valuri kulturali, ekoloġiċi u estetiċi, għall-ġenerazzjonijiet ta' warajna permezz ta' l-iżvilupp ta' diversi siti madwar Malta u Għawdex bħala art imsaġġra tipikament Maltija.

## 04.3.2 Riabilitazzjoni tal-widien u mogħdijiet ta' l-ilma wara l-maltempati

Il-Gvern ser ikompli bl-isforzi tiegħu biex jirriabilita l-widien ta' Malta u jżommhom fi stat li, barra milli jħares l-importanza naturali u ekoloġika tagħhom, jipprevjeni l-għargħar ta' żoni urbani u rurali madwarhom, li jseħħ minħabba l-imblukkar ta' mogħdijiet naturali ta' l-ilma. Barra minn hekk, se jsiru sforzi biex jissolvew il-problemi ta' l-għargħar f'żoni fejn intilfu mogħdijiet naturali ta' tnixxija ta' ilma ntilfu minħabba l-iżvilupp urban.

Matul l-2006 l-Gvern se jkompli jinvesti għat-tlestija ta':

- il-proġett tal-mogħdija ta' l-ilma minn Ħal Qormi għax-Xatt tal-Mollijiet tal-Marsa;
- il-proġett ta' riabilitazzjoni u ħolqien mill-ġdid tal-mogħdija ta' l-ilma bejn Burmarrad u s-Salini;
- il-proġett ta' riabilitazzjoni tal-wied bejn Ħ'Attard u Wied Inċita.

Il-Gvern qed jipproponi wkoll li:

- jistudja l-vijabilità li jiżviluppa s-sistema għaż-żamma u r-rimi ta' l-ilma tal-maltempati fil-medda bejn Birkirkara u l-Imsida. Dan ikun jeħtieġ sistema ta' mini taħt l-art li jitħaffru fil-fond u li ma tfixkilx l-iżvilupp normali li jsir fuq l-art u l-provvista ta' servizzi infrastrutturali;
- jiċċentralizza r-riabilitazzjoni u x-xogħol ta' tindif li għaddej fil-wied fi grupp wieħed fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet li jkun jista' jagħmel dan ix-xogħol b'mod aktar sistematiku u effiċjenti.

### 04.3.3 L-Enerġija

L-effiċjenza fil-qasam ta' l-enerġija ilha suġġett ta' dibattitu politiku f'ħafna pajjiżi minħabba l-ħtieġa li jitnaqqas l-użu ta' fjuwils fossili biex jittaffa l-impatt tal-prezzijiet dejjem jogħlew fuq l-ekonomija nazzjonali u l-impatt ta' l-emissjonijiet li jikkaġunaw bidliet klimatiċi. F'Malta dan is-suġġett qed jieħu dejjem aktar prijorità.

It-tnaqqis mixtieq fil-konsum ta' fjuwils fossili jista' jintlaħaq bl-implimentazzjoni ta' programm ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u billi tibda tintuża l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu. Dawn iż-żewġ possibiltajiet qed jiġu meqjusa mill-Gvern.

Il-miżuri ta' effiċjenza fil-qasam ta' l-enerġija huma maħsuba biex inaqqsu l-konsum ta' l-enerġija filwaqt li jinżammu jew jiżdiedu l-livelli ta' produzzjoni u provvista. Dawn x'aktarx iħallu effett aħjar mill-introduzzjoni ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu biex jintlaħaq l-objettiv nazzjonali tat-tnaqqis tal-konsum ta' fjuwils fossili. Ħafna pajjiżi qegħdin jadottaw b'suċċess konsiderevoli politika u miżuri dwar l-enerġija maħsubin biex itejbu l-użu li jsir mill-enerġija. Għalhekk, l-isforz biex tintlaħaq effiċjenza fil-qasam ta' l-enerġija m'għandhux ikun ta' interess biss għall-Gvern, iżda wkoll għall-operaturi ekonomiċi, il-konsumaturi individwali u l-familji.

Sa Ġunju ta' l-2006, il-Gvern ser jistudja u jħejji rapport dwar il-potenzjal ekonomiku u ambjentali li joffru t-titjib u l-miżuri ta' l-effiċjenza fil-qasam ta' l-enerġija u fuq kemm dan it-titjib ikun effettiv meta mqabbel man-nefqa nvoluta għall-Gvern, l-intrapriżi, il-konsumaturi u l-familji. Il-Gvern se jagħti wkoll għażliet, strateġiji u strumenti differenti ta' politika fuq medda ta' żmien qasir u medju bl-iskop li jasal għal titjib li jidher fl-użu tar-riżorsi ta' l-enerġija tagħna. Barra minn hekk, il-Gvern ser jeżamina u jħejji rapport dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji ekonomiċi u ambjentali aktar ġenerali li jirriżultaw mit-titjib fl-effiċjenza fil-qasam ta' l-enerġija fis-setturi pubbliċi u privati u fuq livell individwali u tal-familja.

Fir-rigward tal-kwistjoni ta' l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu, ta' min wieħed jinnota li l-parti l-kbira tas-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu li jistgħu jiddaħħlu Malta, bħalma huma r-riħ u x-xemx, jeħtieġu appoġġ finanzjarju minħabba l-prezzijiet taż-żejt ta' llum. L-enerġija mill-iskart, madanakollu, tinħoloq bl-użu ta' teknoloġija tat-trattament ta' l-iskart li mhux biss tnaqqas il-ħtieġa li l-iskart jintrema f'landfills iżda tirkupra wkoll l-enerġija li tinsab fl-iskart b'mod li huwa aċċettabbli għall-ambjent. Il-Gvern bħalissa qed jaġġorna l-Istrateġija dwar l-Immaniġġjar ta' l-Iskart Solidu biex din tirrifletti l-iżviluppi f'dan il-qasam. Qed jittieħdu l-azzjonijiet li ġejjin fir-rigward ta' l-isfruttament ta' enerġija minn sorsi li jiġġeddu f'Malta:

- Il-Gvern wasal biex jiffinalizza l-miri nazzjonali għall-konsum ta' l-elettriku f'termini ta' konsum totali għall-2010. Dan isegwi l-analiżi tal-potenzjal ta' l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu għall-Gżejjer Maltin u l-problemi li jxekklu l-użu ta' dan il-potenzjal. L-indikazzjonijiet preliminari jindikaw miri li sa l-2010 jvarjaw bejn 0.5% u 1% fil-każ ta' sorsi mir-riħ u x-xemx u 3% minn skart (dan jiddependi mid-deċiżjonijiet finali tal-Gvern dwar l-adozzjoni ta' teknoloġiji possibbli)
- Il-kwistjoni ta' impjanti kbar ta' enerġija mir-riħ qed tiġi studjata fil-fond. Dawn li ġejjin huma konklużjonijiet preliminari bla preġudizzju għall-proċessi aċċettati ta' ppjanar formali:
    - L-elettriku ġġenerat mir-riħ permezz ta' impjanti fuq l-art huwa l-irħas teknoloġija; iżda dawn l-impjanti għandhom impatti estetiku u impatti negattivi oħrajn minħabba ċ-ċokon tal-gżira. Il-Gvern iddeċieda li ma joffrix art pubblika għall-iżvilupp fuq skala kbira ta' l-impjanti tar-riħ
    - L-elettriku ġġenerat mir-riħ permezz ta' impjanti 'l barra mill-kosta huwa t-tieni l-irħas teknoloġija. Il-proċess preliminari ta' konsultazzjoni li sar minn aġenzija inter-Governattiva saħaq dwar l-iżvantaġġi ta' l-iżvilupp ta' impjanti tar-riħ fuq sikek; dawn l-iżvantaġġi jinkludu l-interferenza għan-navigazzjoni, radar u operazzjonijiet ta' l-ajru u problemi ekoloġiċi (marittimi u għall-għasafar), kummerċjali u industrijali (magazzinar, turiżmu, eċċ.). Is-sikek ġeneralment ikunu fondi 20 metru, li hu l-limitu tat-teknoloġija ppruvata ta' l-impjanti tar-riħ, u li jitqiesu li huma ta' valur ekoloġiku estremament għoli għall-ambjent marittimu
    - Il-Gvern ta struzzjonijiet lill-aġenzija kompetenti biex tagħmel aktar investigazzjonijiet dwar il-possibiltajiet ta' impjanti 'il barra mill-kosta sa fond ta' 50 metru. Jekk dawn jirnexxux jew le jiddependi mill-bilanċ tar-riskji assoċjati ma' l-iżvilupp tat-teknoloġija, l-spejjeż u l-impatti ambjentali. Dan l-istudju għadu għaddej u r-rapport ikun lest sa tmiem Awissu 2005

- Il-Gvern dalwaqt se jniedi skemi aħjar, b'miri addattati, għall-ġenerazzjoni ta' elettriku fotovoltajku u elettriku mir-riħ iġġenerat minn turbini ta' daqs medju.

Il-Gvern hu mħasseb ħafna dwar l-ispejjeż dejjem jogħlew taż-żejt. Barra milli jieħu azzjonijiet favur l-użu l-aktar effiċjenti u effettiv tar-riżorsi ta' enerġija disponibbli, il-Gvern m'hux se jonqos mir-responsabbiltà tiegħu li jieħu kull azzjoni li jista' jqis neċessarja u vijabbli biex itaffi u jilqa' għall-impatt fuq il-pajjiż ta' żieda aċċellerata fil-prezz internazzjonali taż-żejt.

### 4.3.4 L-immaniġġjar ta' l-Iskart

L-allokazzjoni tal-Baġit għall-immaniġġjar ta' l-iskart għas-sena kurrenti tirrifletti l-prijorità ta' dan il-Gvern biex joħloq salvagwardji kontra l-prattiċi ħżiena ta' l-imgħoddi. Ir-rimi ta' l-iskart fil-Magħtab u l-Qortin waqaf, u l-iżvilupp bil-mod ta' faċilitajiet ikkontrollati bl-inġinerija beda dieħel. B'konsegwenza tas-7.4 miljun Lira Maltija li ġew allokati mill-Baġit nazzjonali għall-2005, u l-kofinanzjament li nġieb b'riżultat ta' l-adeżjoni ta' Malta ma' l-Unjoni Ewropea, inħolqot sensiela ta' opportunitajiet biex tittejjeb l-infrastruttura preżenti għall-iskart fil-Gżejjer Maltin. Dan sar biex jitħarsu s-saħħa u l-ambjent tagħna u tal-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

L-ewwel inizjattiva li wasslet għall-għeluq tal-miżbla tal-Magħtab kienet ir-riabilitazzjoni ta' materjali inerti f'barrieri mhux użati. Biex isostni din l-inizjattiva l-Gvern waqqaf gradwalment is-sussidji kollha għar-rimi ta' dan il-materjal. Minn Jannar ta' din is-sena tneħħew is-sussidji kollha u hekk ġew iffrankati madwar Lm1.2 miljun. Benefiċċju addizzjonali li ħareġ mit-tneħħija ta' dan is-sussidju kien li projezzjonijiet għal din is-sena jindikaw li l-ammont ta' skart inert mitfugħ fil-faċilitajiet operati minn WasteServ Malta Ltd se jitnaqqas għal miljun tunnellata meta mqabbel mat-2.4 miljun li ntefa' fl-2004. Din hija indikazzjoni ċara li l-inizjattiva privata li titnaqqas u tiġi mmaniġġjata din iċ-ċirkolazzjoni ta' skart qiegħda dejjem tiżdied.

Il-faċilità ġdida kkontrollata bl-inġinerija f'Ta' Żwejra baqgħet tilqa' l-iskart u issa daħlet fit-tielet fażi tagħha. Matul din is-sena beda x-xogħol ta' għeluq ta' l-ewwel fażi u ġew osservati l-ewwel traċċi ta' gass metanu. Katusi adegwati u inginerija relatata mal-ġbir ta' dan il-gass qed jiġu żviluppati gradwalment. Wara applikazzjoni li saret lejn tmiem is-sena li għaddiet, il-Faċilità f'Ta' Żwejra issa hija faċilità permanenti billi ngħatat permess ambjentali mill-MEPA.

Is-separazzjoni ta' l-iskart fi skejjel u djar baqgħet tiżdied u l-ammonti rkuprati telgħu għar-rekord ta' l fuq minn 170 tunnellata ta' ammonti separati kull xahar. Faċilitajiet akbar u espożizzjoni aktar għall-immaniġġjar ta' l-iskart irriżultaw f'Ġunju ta' din is-sena f'żieda ta' ammonti separati ta' 52% għall-plastik, 45% għall-karta, 45% għall-metall u 32% għall-ħġieġ. Dawn iċ-ċifri perċentwali jirriżultaw meta mqabblin mat-tunnellati miġburin f'Ġunju 2004. L-4.2 miljun euro allokati mill-Fondi Strutturali biex jintefqu sa l-2007 se jkomplu jqiegħdu dawn l-inizjattivi ta' separazzjoni ta' l-iskart fuq bażi soda.

L-eko kontribuzzjoni wasslet ukoll għal sensiela ta' riżultati pożittivi reġistrati tul din is-sena. Malta rnexxielha trażżan iż-żieda ta' basktijiet tal-plastik. Tul l-ewwel 3 xhur tas-sena, Malta naqqset b'mod drastiku xi 5 miljun basket tal-plastik mis-suq meta mqabbel ma' l-istess 3 xhur tas-sena ta' qabel. Il-projezzjonijiet jindikaw li xi 20 miljun basket tal-plastik se jiġi rtirati miċ-ċirkolazzjoni tul l-2005. Barra minn hekk, Malta qed tesporta lejn Franza l-ewwel konsenja ta' batteriji użati biex jiġu pproċessati. Madwar 50 tunnellata ta' batteriji wżati, miġbura minn madwar Malta u Għawdex, se jiġu esportati minn kuntrattur privat. Jinġabru madwar 1.5 tunnellati ta' batteriji fix-xahar minn diversi postijiet bħal kunsilli lokali, skejjel u stabbilimenti kummerċjali. Punt aktar importanti hu li wara li ddaħħlet l-eko kontribuzzjoni, l-industrija rrealizzat x'potenzjal ta' attività ekonomika toħloq il-prattika soda ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart. L-interess li hemm mis-settur privat biex jinħolqu skemi awtorizzati għall-irkupru u r-riċiklaġġ ta' prodotti użati hija xhieda li l-għanijiet ta' l-eko kontribuzzjoni qed jintlaħqu,

Tul l-2005 ntlaqgħu ħames offerti għal programm ta' kontroll ta' emissjonijiet fl-ajru tal-miżbliet mhux użati tal-Magħtab, il-Qortin u Wied Fulija. Hu antiċipat li se jiġi ffirmat kuntratt tul l-aħħar tliet xhur ta' l-2005 u x-xogħol jibda ftit wara. Dan il-proġett, li jiswa 8.4 miljun euro, hu ffinanzjat mill-Fondi Strutturali.

Tul l-2005, kompla d-dibattitu dwar xogħol ta' titjib fl-impjant ta' Sant' Antnin. It-tieni abbozz ta' l-Istima ta' l-Impatt Ambjentali

issa qed jiġi ċċirkolat għall-konsultazzjoni. Malli jintemm il-proċess ta' l-ippjanar u s-sit jiġi awtorizzat, m'għandhomx idumu ma joħorġu d-dokumenti tas-sejħa għall-offerti għal dan ix-xogħol ta' titjib. Matul is-sena li ġejja hu ppjanat li ser jintgħażel appaltatur biex iwettaq l-investiment ta' 16.4 miljun euro, parzjalment iffinanzjati mill-UE, wara li tkun saret sejħa pubblika għall-offerti. Xogħlijiet ta' żvilupp preliminari se jinbdew ukoll meta jinħareġ il-permess. Il-proġett għandu l-għan li jittratta 35,000 tunnellata skart organiku u 36,000 tunnellata materjal niexef riċiklabbli f'kondizzjonijiet fil-magħluq u kkontrollati għal kollox. It-trattament tal-frazzjoni organika se jirkupra wkoll biżżejjed bijiogass biex jissupplixxi 1,400 dar bl-elettriku s-sena kollha.

Matul is-sena li ġejja, huwa pproġettat li ser jinbeda x-xogħol fuq l-iżvilupp tal-faċilità ta' landfill fl-Għallis għal medda twila ta' żmien. Dan il-proġett ser jinkludi wkoll l-iżvilupp ta' faċilità għat-trattament ta' l-iskart perikoluż li fiha jsir it-trattament preliminari ta' dan l-iskart perikoluż qabel ma jiġi esportat. Ix-xogħol ta' Stima ta' l-Impatt Ambjentali ta' dawn il-faċilitajiet wasal lejn l-aħħar. Fl-istess ħin, il-faċilità ta' Żwejra ser tingħalaq b'mod permanenti u tiġi riabilitata. Din il-faċilità ser titgħatta b'kisja ta' veġetazzjoni għal skopijiet estetiċi u tekniċi, waqt li l-gassijiet kollha li joħorġu minnha ser jinġabru. Il-ħolqien ta' dawn il-faċilitajiet huwa essenzjali għall-industrija lokali li trid tħares ir-responsabbiltà ambjentali tagħha waqt li fl-istess ħin tiġi provduta infrastruttura ta' appoġġ tajba biżżejjed biex jistabbilixxu ruħhom industriji ġodda f'Malta.

Il-ħidma ta' riabilitazzjoni tal-Magħtab, il-Qortin u Wied Fulija ser tissokta, b'mod partikolari billi jinbdew ix-xogħlijiet ta' kontroll ta' emissjonijiet fl-arja li huma ppjanati għal dawn is-siti. Matul is-sena li ġejja, ser tinbeda ħidma biex jinġabru u jiġu ttrattati l-gassijiet li joħorġu minn dawn il-miżbliet mhux użati sabiex jitnaqqas l-impatt tagħhom fuq l-ambjent. Il-programm ta' sorveljanza ser jiġi intensifikat ukoll skond il-ħtiġijiet kuntrattwali. Dan huwa ta' relevanza partikolari għall-miżbla tal-Magħtab, billi jekk jittaffew l-inkonvenjenzi f'wieħed mis-siti turistiċi ewlenin f'Malta dan ikun ta' benefiċċju għall-industrija nnifisha.

Fuq livell lokali, matul is-sena li ġejja s-separazzjoni ta' l-iskart ser tiġi ffaċilitata permezz tal-provvista ta' faċilitajiet addizzjonali bħalma huma l-*Bring-in Sites* u s-*Civic Amenity Sites*. Dawn ta' l-ewwel, li minnhom hu ppjanat li ser ikun hemm madwar sit wieħed għal kull 300 familja, jintużaw għall-irkupru ta' ppakkjar ħafif, filwaqt li dawn ta' l-aħħar, li minnhom hu ppjanat li jkun hawn ħames siti madwar Malta u Għawdex, jintużaw għall-ġbir ta' skart goff f'porzjonijiet separati.

Inizjattivi oħra, bħalma huma l-ġbir ta' żjut ta' l-ikel użati ser jiġu estiżi biex iħarsu l-interessi ambjentali tagħna waqt li fl-istess ħin joffru appoġġ għall-attivitajiet ta' riċiklaġġ ta' l-iskart. Ser jitniedu wkoll proġetti ġodda, possibilment bil-kollaborazzjoni tas-settur privat.

Fl-aħħar, b'riflessjoni tal-progress miksub minn dan il-Gvern f'dan is-settur u sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi fit-teknoloġiji tat-trattament ta' l-iskart, aktar kmieni din is-sena l-Gvern ħatar żewġ kumitati tekniċi. Kumitat tekniku wieħed ser jirrevedi l-istat preżenti ta' l-enerġija mill-iskart, u s-sejbiet ser jiġu magħquda max-xogħol tat-tieni kumitat tekniku responsabbli għall-aġġornament ta' l-Istrateġija ta' l-Immaniġġjar ta' l-Iskart Solidu għall-2001. Il-Gvern ser jagħmel ħiltu kollha biex jiżgura li l-ispazju ta' landfills f'Malta jintuża kemm jista' jkun gradwalment waqt li fl-istess ħin tinħoloq infrastruttura tajba biżżejjed biex tappoġġa l-ħtiġijiet ta' Malta u ta' niesha. Din l-istrateġija aġġornata dalwaqt ser tinħareġ għal konsultazzjoni pubblika u l-kummenti li jsiru ser jiġu riveduti mill-kumitat innifsu.

### 04.3.5 Ir-Rimi ta' l-Iskart

Biex idaħħal għarfien nazzjonali u dixxiplina fir-rigard ta' l-indafa, il-Gvern, kif diġà tħabbar, se jdaħħal fis-seħħ f'Jannar 2006 regolamenti stretti dwar ir-rimi ta' skart. Dawn ser ikunu megħjuna bl- introduzzjoni ta' Gwardjani Ambjentali.

Sa mis-sena d-dieħla, id-dipartiment ta' tindif tal-Gvern ser jagħti bidu għal operazzjonijiet ta' tindif f'postijiet fejn dan ix-xogħol ma jsirx mill-kunsill lokali responsabbli; l-ispiża ta' dawn l-operazzjonijiet għandhom jitnaqqsu mill-fondi allokati tal-kunsill lokali rispettiv.

### 04.3.6 Il-Konservazzjoni tar-Riżorsi

Ser jiġu żviluppati inċentivi biex iħeġġu l-utilizzazzjoni akbar ta' għejun mhux konvenzjonali ta' ilma, jiġifieri materjal tad-drenaġġ ittrattat u ilma tal-wiċċ li jmur għal ġol-baħar, għal skopijiet li ma jinvolvux konsum uman, flok ilma tax-xorb li jiġi wisq aktar għoli.

Studji ta' vijabilità se jinvestigaw il-possibilità li materjal tad-drenaġġ ittrattat mit-tliet impjanti għat-trattament tad-drenaġġ li qed ikunu żviluppati jkun distribwit f'żoni rurali biex jintuża għall-irrigazzjoni.

Se titfassal strateġija biex tidentifika mekkaniżmi ħalli tintlaħaq effiċjenza akbar fl-enerġija fuq skala nazzjonali u ħalli jkunu ffissati miri xierqa sa l-2010. Hu mistenni li l-istrateġija tkopri effiċjenza fl-enerġija f'binjiet u fi prodotti li jużaw l-enerġija (partikolarment għad-dawl u t-tisħin).

Se titfassal ukoll strateġija biex tidentifika u tinkoraġġixxi l-użu ta' għejun addattati ta' enerġija minn sorsi li jiġġeddu. L-istrateġija se tkopri l-iżvilupp ta' mekkaniżmi u strutturi ta' appoġġ biex isostnu l-użu ta' enerġija minn sorsi li jiġġeddu bħalma huma inċentivi fiskali, għotjiet għal investiment u tariffi li jitħallsu meta wieħed jgħaddi enerġija lill-grilja nazzjonali.

Se jkunu identifikati u adottati miżuri biex jinkoraġġixxu l-użu ta' għejun ta' enerġija alternattiva f'vetturi, partikolarment bijofjuwils.

### 04.3.7 Is-Servizz Pubbliku Bħala Green Leader

Il-Gvern se jkompli bl-isforzi tiegħu biex idaħħal kuxjenza ambjentali fit-tfassil tal-politika u fil-prattiċi amministrattivi fis-Servizz Pubbliku permezz ta' netwerk ta' *Green Leaders* li twaqqfet fil-ministeri u d-dipartimenti.

### 04.3.8 Żvilupp Rurali

Ser isiru sforzi fil-qasam ta' l-agrikultura li jiffokaw fuq l-iżvilupp tal-kapaċità tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent li jwettaq ir-responsabbiltajiet regolatorji tiegħu u jipprovdi pariri u għajnuna lill-bdiewa, partikolarment biex jaċċessaw ir-riżorsi ta' l-UE li bħalissa huma aċċessibbli għalihom. Se jibqa' jsir xogħol fuq l-iżvilupp ta' proposti għall-finanzjament mill-UE tul il-perjodu 2007–13. Matul l-2006 l-Gvern se jfittex attivament approvazzjoni ta' finanzjament mill-UE ta' numru ta' inizjattivi. Dawn l-inizjattivi se jinkludu miżuri biex:

- isostnu t-twaqqif ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi;
- jinkoraġġixxu impenji agro-ambjentali mill-bdiewa;
- jgħinu żoni inqas vantaġġati;
- jipprovdu fondi għal investiment f'oqsma agrikoli;
- itejbu attivitajiet ta' promozzjoni tal-bejgħ u proċessar;
- isostnu bdiewa żgħażagħ;
- jipprovdu servizzi ta' pariri.

### 04.3.9 Titjib tax-Xibka tat-Toroq

Filwaqt li diġà sar titjib konsiderevoli fl-infrastruttura tat-toroq, hu maħsub li jitkompla l-programm biex jinbnew mill-ġdid ħafna mit-toroq prinċipali tagħna matul il-perjodu 2006-2013. Dan għandu jtejjeb b'mod konsiderevoli l-kwalità u l-effiċjenza tat-trasport u l-pajżaġġ urban u rurali. L-investiment enormi li qed isir fuq ix-xibka tat-toroq jeħtieġ l-immaniġġjar sostnut ta' dawn ir-riżorsi. Dawn l-assi ser jibdew jiġu mmaniġġjati għaċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tagħhom. Għandhom jiddaħħlu wkoll programmi ta' manutenzjoni fir-rigward tat-toroq in kwestjoni. Ġie stmat illi biex it-toroq jinżammu skond l-istandards u l-

ispeċifikazzjonijiet meħtieġa, dan ser jiswa madwar 1.5 fil-mija ta' l-ispiża tal-kostruzzjoni. Il-programm għall-aġġornament tax-xibka tat-toroq ser jindirizza n-netwerk kollha, jiġifieri t-toroq arterjali, ta' distribuzzjoni u dawk residenzjali, sabiex fi żmien perjodu ta' investiment sostnut, ix-xibka sħiħa tinġieb għal-livelli mistennija f'pajjiż żviluppat. Huwa stmat li fuq medda ta' żmien qasir, ngħidu aħna sa' l-2008, nistgħu nlestu x-xogolijiet kollha relatati mat-toroq mhux asfaltati fil-bliet u l-irħula. Din il-parti ta' l-aġġornament tax-xibka ser tingħata importanza partikolari billi għandha effett dirett fuq il-kwalità tal-ħajja tar-residenti affettwati. F'dan il-kuntest, għandu jsir xogħol kostanti ta' manteniment u titjib tax-xbieki ta' toroq eżistenti f'kull aspett tagħhom. Dan japplika għal arterji ta' toroq prinċipali kif ukoll għal toroq li jinsabu fil-kampanja.

Tul l-aħħar snin, xogħlijiet ta' tisbiħ ta' pajsaġġ saru b'riżultati pożittivi ħafna. Madankollu wasal iż-żmien li nagħmlu pass ieħor: irridu niżguraw li t-tisbiħ tal-pajsaġġ u servizzi relatati (ngħidu aħna, ħżin ta' ilma għal skopijiet ta' irrigazzjoni) jkunu integrati fit-tfassil tat-toroq.

Id f'id mal-proġett ta' titjib tax-xibka tat-toroq, ser isiru proġetti oħra li jżidu l-faċilitajiet ta' din ix-xibka. Dawn il-proġetti għandhom l-għan li jtejbu l-aċċessibilità għall-bliet l-aktar bieżlin. L-iskema Park and Ride li tiffaċilita d-dħul fil-Belt Valletta, filwaqt li tħaffef il-konġestjoni tat-traffiku, ser titkompla u titlesta.

It-titjib tax-xibka tat-toroq waħdu mhux ser ikun biżżejjed fuq medda twila ta' żmien biex itaffi l-konġestjoni ta' traffiku fuq it-toroq tagħna. Matul is-snin li ġejjin it-trasport pubbliku ser ikun settur ieħor fejn iridu jiġu implimentati riformi kbar sabiex it-trasport pubbliku jsir tabilħaqq modern, attraenti u sostenibbli.

## 04.3.10 It-Titjib Infrastrutturali

Il-ġid ta' Malta fil-ġejjieni jiddependi wkoll minn investiment adegwat fl-infrastruttura pubblika li għandha tkun ta' kwalità biżżejjed tajba biex ittejjeb il-klima ta' investiment f'Malta u toħloq ambjent aħjar għaċ-ċittadini tagħha.

Il-Gvern se jibqa' jagħti prijorità għolja lil proġetti maħsubin biex jiżviluppaw ir-reġjun tal-Port il-Kbir għal skopijiet ta' turiżmu (partikolarment bastimenti tal-kruċieri) u l-industrija tal-jottijiet, filwaqt li jirrispetta u fil-fatt isebbaħ l-atmosfera storika unika ta' dan il-port. F'dan ir-rigward il-MIMCOL ingħatat l-inkarigu li tfassal pjan olistiku ġenerali għall-Port il-Kbir kollu. Marbut intrinsikament ma' dan huwa t-titjib li jew qed isir jew hu ppjanat fil-ġewwieni tal-Belt u l-Kottonera.

Il-proġetti ta' riġenerazzjoni fl-inħawi tal-Belt Valletta, il-Kottonera u tas-Sliema jeħtieġu strateġija olistika li tgħaqqad dawn il-proġetti b'mod partikolari ma' proġetti bil-għan li jiddaħħlu sistemi ta' transport veloċi u innovattivi.

## 04.3.11 Il-Ħarsien u t-Titjib tal-Wirt Kulturali ta' Malta

Il-fortifikazzjonijiet ta' Malta huma riżors ta' potenzjal għoli għal skopijiet turistiċi, qasam li jrid jiġi sfruttat bl-akbar mod possibbli. Diġà sar ħafna f'dan ir-rigward, b'mod partikolari x-xogħol ta' restawr li qed isir fuq għadd ta' siti minn Din l-Art Ħelwa u l-Fondazzjoni Wirt Artna, kif ukoll id-diversi xogħolijiet diġà implimentati mit-Taqsima tar-Restawr tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet.

Madanakollu, ħafna mill-fortifikazzjonijiet ta' Malta għadhom xempju ta' telqa għall-dawk li jżuru pajjiżna, waqt li oħrajn għadhom jintużaw għal skopijiet mhux xierqa. L-involviment tas-settur privat u l-NGOs fir-restawr tal-fortifikazzjonijiet ta' Malta juri t-triq 'il quddiem. Madankollu r-responsabbiltà għall-fortifikazzjonijiet u l-proprjetà tagħhom għandhom jibqgħu ta' l-Istat.

Il-Gvern jipproponi li jadotta strateġija b'żewġ prijoritajiet għall-fortifikazzjonijiet. L-ewwel prijorità għandha x'taqsam mal-manutenzjoni u l-preżervazzjoni. Għal dan il-għan, database diġitali tal-fortifikazzjonijiet diġà qed tiġi żviluppata li tkun tinkludi informazzjoni fuq il-fortifikazzjonijiet kollha sinifikanti u l-kondizzjoni tagħhom. Fuq din il-bażi jkunu determinati l-prijoritajiet għal xogħol ta' konservazzjoni li jrid jibqa' sejjer. Id-database tkun aġġornata regolarment bis-saħħa tal-monitoraġġ

tal-kondizzjoni fiżika tal-fortifikazzjonijiet. Xogħol ta' restawr se jinkludi t-tindif tal-fortifikazzjonijiet infushom u l-binjiet magħqudin magħhom minn żviluppi mhux awtorizzati. Fuq dan l-aspett partikolari l-Gvern diġà għamel sottomissjonijiet dettaljati lill-Kummissjoni Ewropea għal finanzjament.

It-tieni hu l-iżvilupp ta' diversi forom ta' użu alternattiv tal-fortifikazzjoniiet li jirrispettaw il-karattru tagħhom u li jikkontribwixxu għall-industrija tat-turiżmu, bħalma huma t-twaqqif ta' mużewijiet jew ċentri ta' viżitaturi u forom ta' użu xierqa oħra. Dawn il-forom ta' użu jkunu strumentali biex jagħmlu l-fortifikazzjonijiet aċċessibbli għall-pubbliku. Jekk il-fortifikazzjonijiet restawrati ma jintużawx, l-istat tagħhom jerġa' jiddeġenera u x-xogħol ta' restawr ikollu sempliċement jerġa' jsir fi żmien ftit snin oħra. Għalhekk il-Gvern jipproponi li jfittex involviment ulterjuri tal-Heritage Malta flimkien mas-settur privat fl-immaniġġjar u l-utilizzazzjoni tal-fortifikazzjonijiet. Se tingħata prijorità lir-riabilitazzjoni tal-Forti Sant' Iermu u l-bini li hemm magħha – ġawhra mtappna li qed għandha terġa' tinġieb tleqq sabiex tagħti aktar valur lil Malta. F'dan ir-rigward, il-linji tal-fortifikazzjonijiet magħrufa bħala l-Victoria u d-Dwejra lines jitqiesu wkoll bħala kandidati potenzjali għal proġetti ta' sħubija bejn is-settur pubbliku u dak privat.

Se jkompli jsir xogħol fuq it-titjib ta' siti oħra ta' wirt kulturali, fosthom il-proġett, iffinanzjat minn fondi strutturali ta' l-UE, ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra, il-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija, l-Armerija tal-Palazz, il-Mużew Marittimu ta' Malta, u l-Palazz ta' l-Inkwiżitur. Wara li ħadet taħt idejha iċ-Ċentru Malti għar-Restawr, il-Heritage Malta ser tkompli tevolvi bħala entità li qed tippromwovi l-ogħla standards possibbli fil-preżervazzjoni, ir-riabilitazzjoni kif ukoll il-preżentazzjoni tal-wirt kulturali għani tagħna.

Ser jintalbu fondi mill-UE għar-restawr, il-preżervazzjoni u t-tisbiħ tal-Ġgantija, iċ-Ċittadella kif ukoll għall-fortifikazzjonijiet.

F'dan ir-rigward, ix-xogħolijiet ser jinkludu wkoll it-tijib u l-manutenzjoni kontinwi tal-promenades, it-tijib u r-riabilitazzjoni taċ-ċentri ta' l-irħula u l-bliet, bħax-xogħolijiet li saru l-Imdina kif ukoll il-bini ta' ġonna nazzjonali possibilment bil-parteċipazzjoni ta' l-NGOs.

### 0.4.3.12 L-Arti

Minbarra li għandha tieħu ħsieb l-wirt kulturali li writna mingħand missirijietna, Malta trid tippromwovi wkoll l-arti kontemporanji (dawk viżivi jew performattivi) bħala parti mill-esperjenza mżewqa u ħajja tal-lum. Huwa ċar li l-attività f'dan ir-rigward qed tiżdied sew u l-pajjiż, wara d-dħul fl-Unjoni Ewropea, għaddej minn rinaxximent hekk kif l-artisti Maltin qed jorganizzaw aktar avvenimenti li jagħtu ħajja lill-identità tagħna.

L-arti viżivi kif ukoll id-drama, il-koreografija, il-mużika u l-arti performattivi oħrajn ser jingħataw l-akbar għajnuna u inkoraġġiment possibbli biex jiżviluppaw aktar.

B'mod partikolari, il-Ministeru għat-Turiżmu u l-Kultura issa qed jaħdem biex iwaqqaf l-Akkademja Nazzjonali tal-Mużika.

Il-missjoni ta' l-Akkademja tal-Mużika hi li tiżviluppa livell ta' eċċellenza fid-daqq u t-tagħlim tal-mużika, sabiex b'hekk tinħoloq pjattaforma għall-artisti tal-lum u t'għada. Għandha wkoll l-għan li żżid il-livell ta' apprezzament u għarfien tal-mużika fis-soċjetà, tiġi mħeġġa l-parteċipazzjoni fil-mużika u jiżdiedu l-opportunitajiet għall-Maltin biex jaqbdu karriera fil-mużika, waqt li fl-istess ħin titħeġġeġ l-edukazzjoni tul il-ħajja.

L-Akkademja għandha tgħin ukoll lill-mużiċisti preżenti, inklużi dawk li jdoqqu ma' l-Orkestra Nazzjonali, biex jiżviluppaw aktar t-talent tagħhom fit-tagħlim professjonali tal-mużika, waqt li tattira lil mużiċisti ta' età żgħira biex isegwu korsijiet tal-mużika. L-Akkademja għandha tipprovdi tagħlim għal kull forma ta' mużika, waqt li għandha ssir riċerka dwar forom differenti ta' mużika li għandha tiddaħħal fil-kurrikulu. Il-kurrikulu għandhu jħeġġeġ ukoll il-kreattività.

L-Akkademja ser taħdem ukoll biex tgħolli l-livell tal-mużiċisti li jdoqqu fil-baned billi tara li l-għalliema jkollhom il-livelli u l-kwalifiki meħtieġa. Il-pożizzjoni ġeografika ta' Malta, bħala arċipelagu żgħir li jixrob il-kulturi u t-tradizzjonijiet ta' tlett

kontinenti differenti, tħeġġeġ l-idea li nsaħħu pajjiżna bħala pont bejn il-kulturi differenti u kuntrastanti (għaqda fid-diversità) waqt li tgħin biex issaħħaħ it-tiswir ta' identità lokali.

Fil-perspettiva ta' dan kollu, l-Akkademja ser tistabbilixxi ruħha bħala ċentru ta' eċċellenza, li tiffoka fuq il-mużika tal-Mediterran u taħdem biex tagħtiha dimensjoni internazzjonali. Dan għandu jiġi integrat ukoll mal-pożizzjoni ta' Malta fir-rwol aktar ġenerali tal-pajjiż bħala Stat Membru Meditterranju ta' l-Unjoni Ewropea.

Parti mir-rwol ta' l-Akkademja ser ikun li jitħeġġu aktar l-apprezzament u l-għarfien tal-mużika fost is-soċjetà. Dan jista' jsir billi a) isiru kunċerti mużikali ta' livelli dejjem aktar għoli fuq livell nazzjonali; b) tingħata għajnuna lill-iskejjel primarji u sekondarji biex jiżviluppaw l-apprezzament u t-tagħlim tal-mużika fost l-istudenti tagħhom; c) jinħolqu konnessjonijiet bejn l-artisti u l-komunità lokali sabiex tiżdied il-kuxjenza ta' l-arti tal-mużika fost il-popolazzjoni lokali.

L-Akkademja għandha jkollha wkoll rwol ta' komunikazzjoni, billi tippromwovi l-attendenza għal kunċerti mużikali waqt li tħeġġeġ lill-artisti żgħar u ġodda biex jieħdu sehem f'attivitajiet mużikali u biex isegwu korsijiet organizzati mill-Akkademja sabiex jiżviluppaw it-talenti tagħhom.

Huwa kruċjali li l-Akkademja tindirizza b'mod olistiku l-potenzjal li tikkomunika mas-soċjetà b'mod ġenerali, u dan billi tagħmel użu sħiħ tal-mezzi eżistenti. Dan jinkludi preżenza effettiva u sinifikanti fuq il-mezzi tax-xandir, inklużi kunċerti fuq l-istazzjonijiet tat-televiżjoni u tar-radju, u mezzi oħrajn.

L-Akkademja għandha tiżviluppa wkoll strateġija għall-ħolqien ta' opportunitajiet ta' xogħol għall-artisti fl-industrija tal-mużika, u b'mod partikolari għall-artisti li jkunu segwew korsijiet fi ħdan l-Akkademja.

L-Akkademja għandha tassumi wkoll rwol 'regolatorju' fir-rigward ta' livelli ta' tagħlim ta' mużika fuq livell nazzjonali, sabiex jiġi żgurat li l-interess kbir li hemm fil-lezzjonijiet privati tal-mużika (speċjalment it-tagħlim tal-pjanu, il-vjolin u l-istrumenti tar-ram) jissaħħaħ u jiġi garantit livell minimu ta' kwalità. It-tagħlim għandu jkun ta' natura prattika u attiva sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jiżviluppaw it-talent tagħhom fi ħdan l-Akkademja. L-Akkademja għandha tipprovdi għal aktar żvilupp f'dan il-qasam u għandha tara li jkun hemm titjib fil-kwalità tad-daqq mużikali billi tħeġġeġ bidla minn tagħlim ta' mużika b'orjentazzjoni lejn l-eżamijiet għal metodu ta' tagħlim tal-mużika aktar versatili.

### 04.3.13 Proġetti ta' Tisbiħ fil-Bliet

Se jsir xogħol fiż-żoni ta' prijorità turistika msemmija aktar 'il fuq, li għandu x'jaqsam ma' oqsma bħall- indafa, is-sinjali tat-toroq, l-aċċessibilità, l-informazzjoni fuq il-post, u l-kondizzjoni tat-toroq u l-bankini.

Jitkompla wkoll xogħol fuq it-titjib u r-riabilitazzjoni ta' siti importanti, bħalma huma ċentri ta' l-ibliet u ġonna pubbliċi (inkluż il-proġett li għaddej bħalissa ta' riabilitazzjoni tal-Ġnien Hastings fil-Belt Valletta).

## 4.4 Il-Ħarsien Soċjali

Li nipprovdu xibka ta' sigurtà ekwa li twarrab ir-riskju tal-faqar u tirrealizza l-għan ta' inklużività soċjali bil-ħlas ta' benefiċċji u appoġġ xieraq lil dawk li huma tassew fil-bżonn.

## 04.4.1 Is-Saħħa

M'hemmx dubju li s-settur tal-politika tas-saħħa jrid jibqa' jkun punt li fuqu tkun iffokata l-attenzjoni tal-Gvern. Il-miri tiegħu se jibqgħu jkunu t-titjib tal-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini Maltin billi jkunu żgurati ekwità u aċċess għal kulħadd għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità eċċellenti filwaqt li nidderieġu l-isforzi tiegħu biex intawlu l-aspettattiva ta' kemm wieħed idum ħaj u nnaqqsu l-imwiet prematuri. Il-Gvern jistieden lis-settur privat biex jissieħeb miegħu f'dawn l-isforzi.

Ta'min wieħed jisħaq illi fis-settur tas-saħħa aħna se nkomplu niffaċċjaw sfidi li huma primarjament aċċellerati minn popolazzjoni li qed tixjieħ u ż-żieda kontinwa fin-nefqa fuq metodi ġodda ta' trattament li qed joħorġu, inklużi prodotti farmaċewtiċi.

Filwaqt li l-Gvern se jagħmel li jista' biex iħares il-kisbiet li saru fis-settur tas-saħħa, hu għandu, madankollu, jidħol għal inizjattivi biex ikompli jtejjeb l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-settur.

F'dan ir-rigward, se jiddaħħlu numru ta' riformi istituzzjonali u strutturali fl-2006. Diġà saret ħidma konsiderevoli fuq dawn fis-sena kurrenti.

L-ewwel nett, il-qafas leġiżlattiv eżistenti għall-immaniġġjar tas-settur tas-saħħa, introdott fis-snin 30, m'hux adegwat għall-ħtiijiet ta' llum. Il-Gvern dalwaqt għandu jdaħħal Att dwar is-Servizzi tas-Saħħa biex jifred il-funzjonijiet regolatorji tad-Diviżjoni tas-Saħħa minn dawk operattivi u li jagħtu servizz. Il-Ministeru se jżomm ir-responsabbilità għas-saħħa pubblika u r-regolamentazzjoni tal-provvediment ta' servizzi tas-saħħa mill-Istat, is-settur privat u l-NGOs.

It-tieni, sar investiment kbir ħafna fil-bini ta' sptar akut ġdid – l-Isptar Mater Dei. Hu rilevanti li jkun enfasizzat li, fix-xogħol preparatorju li jwassal għall-ftuħ ta' l-isptar il-ġdid, il-validità tal-prassi ta' xogħol li ntirtu qed tiġi riveduta. Il-ħsieb tal-Gvern f'dan ir-rigward diġà ngħadda lill-unjons u bħalissa għaddejjin id-diskussjonijiet. Fl-2006 l-Gvern se jfittex li jtemm dawn id-diskussjonijiet u jagħti bidu għar-riformi meħtieġa.

L-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għandu jkun integrat aħjar fis-servizz nazzjonali tas-saħħa. Dan għandu jaġixxi mhux biss bħala sptar reġjonali iżda wkoll bħala sptar li jista' jilqa' pazjenti Maltin li jkunu qed jistennew kura u jingħataw l-għażla li jirċevuha fi żmien iqsar.

Iżda kura tas-saħħa ta' kwalità tajba m'għandhiex x'taqsam biss ma' kura tas-saħħa istituzzjonali. Anzi, hi dwar bilanċ bejn kura tas-saħħa primarja u kura tas-saħħa istituzzjonali. Il-Gvern jemmen li l-provvediment ta' kura tas-saħħa primarja jeħtieġ ikun studjat mill-ġdid. Fl-2006 se titlesta l-analiżi neċessarja u, jekk ikunu addattati, jiddaħħlu riformi bi prova.

Il-prezzijiet dejjem jogħlew tal-prodotti farmaċewtiċi huma inkwetanti. Meta jitqiesu r-rata kurrenti taż-żidiet tal-prezzijiet, u r-realtà ta' popolazzjoni dejjem tixjieħ, ma tistax tinjora l-periklu li l-kura tas-saħħa ma tibqax sostenibbli. Il-Gvern għalhekk jemmen li riforma konkluživa hi meħtieġa f'dan il-qasam. Biex jindirizza din il-materja, saru studji estensivi tul din is-sena kemm tal-politiki u kemm tal-kwistjonijiet operattivi involuti biex ikun żgurat li l-farmacewtiċi għas-settur tas-saħħa Statali jinxtraw bl-aħjar prezzijiet possibbli.

Fl-2005 l-Gvern beda prova ta' politika ta' prezzijiet li tistabbilixxi pprezzar referenzjali għax-xiri ta' farmaċewtiċi. Is-sistema ta' pprezzar referenzjali hi bbażata fuq reġistru ta' prezzijiet f'numru magħżul ta' pajjiżi ta' l-UE. Il-Gvern qed jikkunsidra li, sa l-2006, il-farmaċewtiċi kollha jinxtraw b'dan il-mod. Meta l-fornitur lokali tal-farmaċewtiċi ma jlaħħaqx mal-prezz referenzjali stabbilit, il-Gvern jieħu azzjoni alternattiva biex jixtri dawn il-farmaċewtiċi meħtieġa - primarjament permezz ta' importazzjoni parallela._

Barra minn dan, kemm il-formularju nazzjonali għall-farmaċewtiċi kif ukoll il-protokolli għall-preskrizzonijiet jeħtieġ ikunu riveduti. Hawn ukoll qed isir ix-xogħol, u l-Gvern għandu jkun f'qagħda li jimplimenta r-riformi neċessarji fl-2006. Fl-aħħarnett, il-mod kif jinħażnu, jinżammu u jitqassmu l-prodotti ser ikompli jiġi rivedut. L-introduzzjoni bil-mod ta' l-aħjar prassi ta' l-immaniġġjar ta' l-inventarju, kemm fit-taqsima ċentrali ta' l-akkwisti u kemm f'livell ta' swali trid tissokta.

Il-Gvern iddeċieda li jintroduċi l-Fond tas-Saħħa mingħajr ebda konnessjoni ta' sussidju mill-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà nazzjonali. Dan jimplika li x-xenarju kurrenti, bil-kontribuzzjoni ta' 3 fil-mija mill-VAT, taxxi fuq l-alkoħol, tabakk u prodotti oħra li jagħmlu ħażin lis-saħħa, u ħlasijiet tas-servizz tas-saħħa kurrenti, se jkollu riżultat ta' deficit tas-saħħa li xi Lm20 miljun kif jidher tajjeb fit-tabella t'hawn taħt.

**Tabella 17. Fond tas-Saħħa: Stima ta' dħul u ħruġ**

| **Dhul** | | | **2004 Lm f'eluf** | **2005 Lm f'eluf** |
|---|---|---|---|---|
| **VAT 3%** | | | 23,417 | 27,901 |
| **Taxxi** | - | Taxxi tas-sisa | | |
| | - | Sigaretti | 26,500 | 29,500 |
| | - | Birra | 400 | 400 |
| | - | Spirti | 4,400 | 4,200 |
| | - | Tabakk | 590 | 590 |
| | | | 31,890 | 34,690 |
| **Hlasijiet tas-Sahha** | - | Rifuzjonijiet ta' ambulanzi | 11 | 5 |
| | - | Bejgh ta' medicini | 64 | 64 |
| | - | Hlasijiet ta' kura fl-isptar | 260 | 300 |
| | | | 335 | 369 |
| **Dhul totali** | | | **55,642** | **62,960** |
| **Nefqa** | | | | |
| Spejjez rikorrenti | | | 71,931 | 79,128 |
| Provvediment kapitali | | | 5,000 | 3,200 |
| **Nefqa totali** | | | **76,931** | **82,328** |
| **Deficit** | | | **(21,289)** | **(19,368)** |

## 04.4.2 Il-Pensjonijiet

Fil-kors tal-preżentazzjoni tal-Baġit f'Novembru 2004 l-Gvern kien qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti r-rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet. Dan kien ikkummissjonat mill-Gvern aktar kmieni dik is-sena bħala White Paper. B'hekk il-Gvern ta bidu għal diskussjoni nazzjonali sostenuta u proċess konsultattiv li kien konkluż f'April ta' din is-sena.

Ta' min jgħid li l-pożizzjoni tal-Gvern tafferma bil-qawwa li:

a riforma fis-sistema tal-pensjonijiet hija neċessità biex ikunu is-sistema tibqa' adegwata u sostenibbli

b l-introduzzjoni ta' l-iskema tal-pensjoni tat-Tieni Saff biex tikkumplementa l-pensjoni taż-Żewġ Terzi hija neċessità biex tippermetti li n-nies ifaddlu għal meta jirtiraw minbarra l-pensjoni ta' l-Istat

c il-proċess ta' riforma għandu jkun gradwali u implimentat f'fażijiet, u l-miżuri introdotti jkunu jilħqu gruppi differenti ta' etajiet. Dan għandu jkun karatterizzat minn reviżjonijiet strutturati għaddejjin il-ħin kollu biex jiżguraw li s-sistema tal-pensjonijiet tkun immaniġġjata strateġikament mal-mixja taż-żmien.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pensjonijiet ippreżenta r-rapport finali tiegħu lill-Gvern fl-1 ta' Lulju. Il-Gvern, se jpoġġi r-rapport finali għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fil-futur qrib.

## 04.4.3 Is-Sigurtà Soċjali

M'hemmx dubju li, bħala nazzjon, hija l-missjoni tagħna li nsostnu s-solidarjetà soċjali. Kif huwa muri fit-tabella 18, il-Gvern nefaq madwar 335 miljun lira jew madwar 46 fil-mija tal-baġit tiegħu biex jiżgura xibka ta' sigurtà għal dawk fil-bżonn. Il-livell ta' nfiq ta' Malta fuq benefiċċji ta' sigurtà soċjali jipparaguna pjuttost tajjeb fuq livell internazzjonali.

**Tabella 18: Spiża tal-Gvern fuq Sigurtà Soċjali, Pensjonijiet tat-Teżor u Saħħa**

| | | | | | | Lm000 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 |
| **1.0** | **Contributory Benefits** | **123,263** | **133,450** | **138,770** | **146,838** | **151,268** |
| 1.1 | Retirement Pensions | 71,692 | 78,467 | 80,887 | 84,132 | 86,447 |
| 1.2 | Invalidity Pensions | 9,936 | 10,607 | 12,073 | 14,196 | 15,426 |
| 1.3 | Widows' Pensions | 27,495 | 30,134 | 30,611 | 32,453 | 33,245 |
| 1.4 | Bonus | 9,860 | 9,945 | 10,126 | 10,733 | 11,200 |
| 1.5 | Others | 4,279 | 4,297 | 5,073 | 5,324 | 4,950 |
| **2.0** | **Non-Contributory Benefits** | **52,621** | **50,997** | **51,979** | **54,083** | **56,191** |
| 2.1 | Children's Allowance | 18,430 | 15,851 | 15,850 | 14,859 | 14,285 |
| 2.2 | Social Assistance | 15.446 | 15,719 | 17,210 | 18,949 | 20,769 |
| 2.3 | Bonus | 2,803 | 2,879 | 2,940 | 3,049 | 3,175 |
| 2.4 | Others | 15,941 | 16.548 | 15,978 | 17,226 | 17,961 |
| **3.0** | **Health Recurrent Expenditure** | **73.925** | **79,898** | **82,201** | **88,868** | **98,627** |
| 3.1 | Hospitalisation and Community Care | 63,793 | 67,660 | 69,477 | 75,307 | 83,903 |
| 3.2 | Elderly and Special Needs | 10,133 | 12,238 | 12,724 | 13,561 | 14,724 |
| **4.0** | **Treasury Pensions** | **19,575** | **25,684** | **26,829** | **27,824** | **28,685** |
| **5.0** | **Total (1 + 2 + 3 + 4)** | **269.383** | **290,029** | **299,779** | **317,613** | **334,771** |
| | **Total Government Recurrent Expenditure** | **549,837** | **614,626** | **645,995** | **677,655** | **732,840** |
| | **GDP at current market prices** | **1,665,800** | **1,688,960** | **1,740,054** | **1,793,277** | **1,847,191** |
| | **Total (5) as a percentage of Government Recurrent Expenditure** | **49.0** | **47.2** | **46.4** | **46.9** | **45.7** |
| | **Total (5) as a percentage of GDP** | **16.2** | **17.2** | **17.2** | **17.7** | **18.1** |

F'dan ir-rigward il-Gvern se jibqa' jipprovdi xibka ta' sigurtà adegwata li tilqa' għar-riskju tal-faqar u tirrealizza l-mira ta' l-inklużjoni soċjali.

Madankollu, biex dan jintlaħaq hu imperattiv li jkun żgurat li miżuri ta' protezzjoni soċjali jkunu diretti lejn persuni li jeħtieġu għajnuna u li jinqata'l-abbuż minn dawk li jridu kollox b'xejn.

F'dan ir-rigward l-isforzi tal-Gvern għandhom ikunu fuq żewġ binarji. L-ewwel hu l-introduzzjoni ta' livelli ta' faqar fir-rigward ta' gruppi soċjo-ekonomiċi differenti tal-popolazzjoni. Dawn jagħtu lok għal strument wieħed unifikat u koerenti ta' ttestjar ta' mezzi li jiddetermina jekk individwu jikkwalifikax għal strument ta' protezzjoni soċjali partikolari (saħħa, edukazzjoni, djar, politika soċjali jew oqsma oħra). Flimkien ma' din il-miżura, il-Gvern huwa determinat li jirrazzjonalizza l-provvediment ta' għajnuna soċjali b'mod differenti mill-istruttura frammentata kif inhi bħalissa fost għadd kbir ta' ministeri u dipartimenti differenti. Il-ħsieb hu li jsir provvediment konsolidat ta' servizz soċjali li fih id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jaġixxi bħala l-finanzier u d-dipartimenti l-oħra bħala l-provvedituri.

It-tieni hu l-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi tagħna kontra l-frodi, primarjament bl-introduzzjoni ta' bażi qawwija ta' informazzjoni u awditjar li biha l-Gvern ikun jista' jiddetermina jekk persuna tikkwalifikax leġittimament għall-benefiċċji li hu jew hi jkunu qed jirċievu. F'dan ir-rigward ix-xogħol meħtieġ se jinbeda biex il-kapaċità investigatorja diġà introdotta fil-każ ta' konformità mat-taxxa tkun estiża għall-qasam tal-benefiċċji soċjali.

Barra minn hekk, hu meħtieġ li jitqies jekk il-programmi soċjali preżenti llum jibqgħux adegwati fid-dawl ta' ħtiġiet li dejjem jinbidlu. Ngħidu aħna, fir-realtà ta' popolazzjoni li qed tixjieħ u r-rata ta' twelid li qed tonqos, wasal iż-żmien li nirrevedu l-mekkaniżmu taċ-children's allowance, biex nagħmlu minnu miżura aktar effettiva ta' appoġġ lill-familja ?

Fl-2006 l-Gvern se jagħti struzzjonijiet lill-entitajiet kollha tiegħu biex janalizzaw u jirrevedu l-għadd kbir ta' programmi soċjali li qed joperaw bħalissa u jneħħi, jirrazzjonalizza jew jikkonsolida dawk l-attivitajiet li m'għadx għandhom kuntest fl-ambjent soċjo-politiku ta' llum.

### 04.4.4 Akkomodazzjoni Soċjali

Kif intwera tajjeb tul is-snin, il-Gvern jemmen li l-familji tagħna għandhom jgħixu fi djar deċenti u li jistgħu jlaħħqu mal-prezz tagħhom. In-numru kbir ta' unitajiet residenzjali li kienu allokati u d-diversi skemi ta' djar introdotti mill-Awtorità tad-Djar biex tgħin lil dawk fil-bżonn ta' akkomodazzjoni deċenti u li jistgħu jlaħħqu mal-prezz tagħha għamlu ħafna biex indirizzaw medda ta' problemi fil-qasam ta' l-akkomodazzjoni soċjali. L-impatt ta' dawn il-politiki u ħidmiet huwa reali u viżibbli. Iżda f'dan il-qasam importanti ta' politika, u fil-kuntest tar-riżorsi disponibbli, il-Gvern issa qed iħares lejn problemi eżistenti u emerġenti li qed jiffaċċjaw dawk fil-bżonn, u hu riżolut li joħroġ b'għażliet u soluzzjonijiet ġodda u vijabbli biex jindirizzahom. Għalhekk, filwaqt li jirrikonoxxi d-diffikultajiet inerenti f'dan il-qasam ta' politika, fis-sena li ġejja l-Gvern se:

- Ikompli bil-pjani tiegħu li jibni units residenzjali ġodda bis-saħħa tas-servizzi tajbin ta' l-Awtorità tad-Djar biex jinbiegħu jew jinkrew b'rati sussidjati lil dawk fil-bżonn ta' akkomodazzjoni deċenti u li jistgħu jlaħħqu mal-prezz tagħha;
- Jikkunsidra l-bini ta' aktar unitajiet ta' djar imkenna għall-anzjani u persuni b'diżabilità wara l-esperjenza pożittiva li nkisbet minn inizjattivi simili f'dan il-qasam fl-imgħoddi;
- Tiġi żviluppata aktar il-politika li jinkrew blokok ta' appartamenti mingħand is-settur privat u jallokahom għal skopijiet ta' akkomodazzjoni soċjali;
- Jiġu mħeġġa l-klijenti b'mod attiv fi skemi ta' proprjetà bi sħab ta' djar, li permezz tagħhom dawk li m'għandhomx minn fejn jixtru dar sħiħa jingħataw l-opportunità li jixtru parti minnha;
- Jtejjeb l-immaniġġjar ta' unitajiet residenzjali proprjetà tal-Gvern biex jiżgura l-allokazzjoni effiċjenti u ekwa tagħhom fost dawk fil-bżonn ta' akkomodazzjoni soċjali;
- Jissaħħu l-iskemi għar-rinovazzjoni ta' djar mitluqa li jinsabu fi stat ħażin.

Se jitkompla wkoll il-bini ta' unitajiet residenzjali ġodda biex jinbiegħu jew jinkrew b'rati sussidjati lil dawk fil-bżonn ta' akkomodazzjoni deċenti li m'hijiex għalja ż-żejjed. L-Awtorità tad-Djar bħalissa qed tibni 307 unit u qed tippjana li tibni 1,050 unit f'Malta u Għawdex tul il-ħames snin li ġejjin, li 601 minnhom se jkunu lesti tul is-sentejn li ġejjin.

## 04.5 Djar u Propjetà

Il-Gvern hu mħasseb dwar iż-żjieda b'pass imgħaġġel fil-prezzijiet tad-djar. Hu għalhekk propost li l-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji tagħti ħarsa sewwa lejn it-termini tas-self li qed jiġu offruti mill-istituzzjonijiet ta' self illum u tevalwa jekk hux xieraq li jinħarġu regolamenti li jitolbu termini ta' self aktar prudenti. Fl-2006 l-Gvern se jagħti ħarsa fil-fond lil din il-kwistjoni u jqis l-għażliet li għandu f'dan ir-rigward.

Għar-rigward tar-riforma tal-liġijiet tal-kera, ta' min wieħed jinnota li l-Gvern fil-fatt kien bidel il-liġijiet tal-kera fl-1995. Madankollu, minkejja l-bidliet leġislattivi, is-suq tal-kera baqa' rieqed; il-Gvern iddeċieda li juża l-informazzjoni li se joħroġ miċ-ċensiment ta' Novembru li ġej dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni biex iwettaq stima ta' l-impatt soċjali u ekonomiku tad-diversi alternattivi li jeżistu fir-riforma tal-leġislazzjoni tal-kera.

Barra minn hekk, hemm biżżejjed evidenza li jekk sempliċiment jitneħħew il-liġijiet ta' l-1939, dan waħdu mhux m'hux se jqajjem is-suq tal-kera. Billi l-problema tidher li ġejja mil-lat tal-provvista, il-Gvern qed jikkunsidra li jdaħħal sistema vantaġġuża ta' taxxa finali miżmuma minn ras il-għajn fuq dħul minn kera fil-każ ta' residenzi biex jagħti inċentiv għad-dħul ta' aktar djar fis-suq tal-kera. Il-Gvern jiffavorixxi wkoll emenda kostituzzjonali li permezz tagħha tiddaħħal fil-Kostituzzjoni ta' Malta t-tneħħija ta' l-ordni ta' rekwiżizzjoni, li kienet tneħħiet mill-Gvern Nazzjonalista fl-1995.

Il-Gvern qed jikkunsidra wkoll l-introduzzjoni ta' suq tad-djar regolat għal proprjetajiet żviluppati mill-Awtorità għad-Djar. Taħt din l-iskema, individwi li jixtru djar ipprovduti mill-Awtorità għad-Djar ikunu mitluba, jekk jixtiequ jbigħu l-proprjetajiet tagħhom, jagħmlu dan lill-Awtorità bi prezz li jkun indiċjat skond ir-rata ta' l-inflazzjoni. Dan jiżgura li wieħed ikun jista' jlaħħaq mal-prezz ta' dik il-ħażna ta' djar.

Qasam ieħor li jitlob attenzjoni hu dak tal-proprjetà tal-Gvern. L-art, tista' tgħid, hija waħda mill-ftit riżorsi naturali li għandha Malta. Il-Gvern hu propjetarju ta' proporzjon kbira ta' art u bi ħsiebu jimmaniġġja dan l-assi b'mod strateġiku.

## 04.6 Is-Sigurtà u l-Istat tad-Dritt

Il-fenomenu tat-traffikar illegali – kemm jekk ikun ta' droga, kuntrabandu jew immigranti illegali – laqat il-parti l-kbira tal-pajjiżi. Malta m'hix eċċezzjoni, partikolarment minħabba l-qagħda strateġika tagħha fil-Mediterran. Tul dawn l-aħħar snin il-Gvern investa konsiderevolment fit-tisħiħ tal-ħila tiegħu li jiġġieled lin-negozjar illeċitu ta' drogi u kuntrabandu. Is-suċċess miksub mill-Korp tal-Pulizija ta' Malta jew mid-Dwana li jwaqqfu milli f'Malta jiddaħħlu d-drogi jew li oġġetti foloz ikunu trasbordati għal nazzjonijiet oħra, hu sinjal sinifikanti tal-progress li għamilna f'kull każ. Iżda dan il-progress u r-rikonoxximent minn korpi internazzjonali ma jfissrux li għandna nkunu kuntenti b'daqshekk.

Dan is-suċċess irid ikun segwit minn aktar investiment li jagħmilha possibbli li nsaħħu l-attività tagħna f'dan ir-rigward. Issa bdejna nħabbtu wiċċna mal-kumplessitajiet tat-traffikar uman. L-esperjenza tagħna s'issa kienet limitata, iżda qed tikber sewwa. It-traffikar uman bħala reat 'ġdid' qed jitlob minna tweġibiet fuq diversi fronti u jwassalna biex nassumu responsabbiltajiet ġodda f'ħafna aspetti.

Il-Gvern qed jaddotta diversi strateġiji. L-ewwelnett, fuq il-fronti internazzjonali, Malta ħadmet ma' l- Italja biex l-Unjoni Ewropea tibda diskussjonijiet mal-Libja. L-isforzi tagħna rnexxew billi, minkejja eżitazzjoni inizjali, l-Unjoni Ewropea formalment irrikonoxxiet il-ħtieġa li tiffoka fuq it-traffikar uman fir-reġjun Mediterranju.

It-tieni, aħna qed naħdmu ma' l-Unjoni Ewropea biex Malta ssir bażi reġjonali għall-organizzazzjoni ta' l-UE li għadha kemm twaqqfet għall-kontroll u s-sorveljanza tal-fruntiera. Is-suċċess f'dan il-kamp jagħmilha possibbli għal Malta li jkollha aċċess għal informazzjoni u riżorsi ta' kontroll u kmand li jippermettilna nippreparaw aħjar għall-ġlieda kontra t-traffikar uman.

It-tielet, jeħtiġilna nammettu li wieħed mill-punti strateġiċi l-aktar importanti li jagħmlu lil Malta vulnerabbli hu l-kontroll tal-fruntiera. Dan jitlob li aħna nagħmlu mistoqsijiet fundamentali fuq il-funzjoni tal-Forzi Armati ta' Malta. Safejn għandna ninkanalaw investiment, riżorsi u taħriġ biex niżguraw il-fruntieri tagħna? Aħna nemmnu li din il-mistoqsija trid titwieġeb fil-futur qrib.

Ir-raba', it-traffikar uman m'hux biss kwistjoni ta' prevenzjoni. It-traffikar uman għandu wkoll x'jaqsam mat-traġedji li jiġru meta individwu jipprova jfittex ħajja aħjar. B'mod dejjem jikber, kull sajf iġib fuq xtutna dgħajjes mimlija b'irġiel, nisa u tfal. Din qed issir parti minn ħajjitna ta' kuljum. Dawn huma traġedji li ma nistgħux u m'għandniex naħarbu minnhom. Għalhekk irridu niżguraw li nistabbilixxu l-istrutturi u l-proċessi xierqa li jippermettu lil dawn in-nies jgħixu b'dinjità sakemm tittieħed id-deċiżjoni li nirripatrijawhom jew nagħtuhom protezzjoni.

Bla dubju, il-kwistjoni tat-traffikar uman toħloq pressjoni fuqna. Aħna nazzjon żgħira b'densità għolja ta' popolazzjoni. L-ispazju u l-fondi huma limitati. Madankollu, konformi mat-tradizzjoni ta' soċjetà umana u ta' wens u sedqa li aħna kburin biha,

għandna nsibu l-bilanċ ġust bejn il-provvediment ta' miżura xierqa ta' dinjità lil persuni maqbudin fix-xibka tat-traffikar uman u r-restrizzjonijiet kollha relatati. F'dan ir-rigward aħna se nkomplu nagħmlu pressjoni fl-Unjoni Ewropea biex ir-restrizzjonijiet ta' Malta jkunu rikonoxxuti u biex l-appoġġ xieraq, finanzjarju u ta' xorta oħra, jingħatalna. Ir-riformi meħtieġa fil-proċess legali għandhom ikomplu.

Bidla fil-kultura legali ta' llum għandha twassal għal proċeduri tal-Qorti li jkunu aktar sempliċi, effiċjenti u li jieħdu anqas żmien. Irridu ninkoraġġixxu sistema legali aħjar li tħares l-intrapriża privata fil-waqt li tiggarantixxi bilanċ aktar ġust bejn id-drittijiet tal-kredituri u d-dinjità tad-debituri.

L-arranġament alternattiv ta' tilwim, li diġà qed jitħaddem miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta u issa wkoll fiċ-Ċentru għall-Medjazzjoni ta' Malta, għandhom jissaħħu sabiex iwasslu wkoll għal rimedji effettivi li ma jagħmlux ħsara lill-ekonomija.

Is-sistema ġudizzjarja tagħna għandha żżomm dejjem quddiem għajnejha li għandha impatt dirett fuq il-kompetittività tagħna.



# Gvern li jwettaq dak li jiwegħed. Nazzjon li jeċċella

KAPITLU 05

## 5.0 Gvern li jagħti dak li jwiegħed

L-isfidi li għandna quddiemna huma sostanzjali iżda ċertament la jaqtgħulna qalbna u lanqas li ma nistgħux negħlbuhom. Aħna nemmnu bil-qawwa li pajjiżna hu f'qagħda tajba li jilqa' dawn l-isfidi u li jirnexxi. Bħala pajjiż u bħala Gvern aħna ltqajna ma' sfidi simili fl-imgħoddi; u għelibniehom u bnejna minnhom stejjer ta' suċċess. Min-naħa tiegħu l-Gvern ħa u se jibqa' jieħu miżuri attivi biex dan il-pajjiż jirnexxi ħalli ntejbu l-prosperità ġenerali tal-poplu tagħna.

L-orjentament strateġiku u l-attenzjoni ffokata tagħna se jkomplu jenfasizzaw l-azzjoni koordinata u l-produttività mtejba f'kull qasam biex nagħtu spinta lil-livelli ta' servizz tas-settur pubbliku tagħna. Il-Gvern diġà wera li jista' jagħti dak li wiegħed. L-għadd kbir ħafna ta' riformi, inizjattivi u proġetti li daħal għalihom dan il-Gvern mindu kien elett ġabu differenza reali u distintament pożittiva lill-mod ta' għajxien tal-poplu tagħna. Dan jammettih kulħadd. Aħna:

- Qlibna ta' taħt fuq is-sistema ekonomika tagħna kkonċentrata fuqna nfusna u tajna lill-poplu tagħna l-ħelsien ekonomiku neċessarju li bidel mill-qiegħ it-tiswira ekonomika ta' pajjiżna;
- Ħadna azzjoni konkreta biex nassikuraw u niżguraw id-drittijiet soċjo-ekonomiċi u politiċi fundamentali taċ-ċittadini tagħna;
- Ħadna azzjonijiet tanġibbli, viżibbli u pożittivi li żguraw ugwaljanza reali u effettiva bejn is-sessi fis-soċjetà tagħna u li jiżguraw opportunitajiet indaqs lil persuni b'diżabilita` u minoranzi oħra;
- Għarafna l-ħtiġiet tat-tfal u ħdimna biex inħarsu d-drittijiet tagħhom b'mod awtentiku u konkret;
- Iddeċentralizzajna l-proċessi u l-istrutturi tat-teħid ta' deċiżjonijiet billi daħħalna l-Kunsilli Lokali. Wara għaxar snin, dawn mhux biss jikkonstitwixxu storja ta' suċċess, imma integraw ruħhom fit-tessut soċjali Malti;
- Eżaminajna mill-ġdid u fassalna mill-ġdid is-servizzi bażiċi ta' l-infrastruttura tagħna, inklużi l-provvista ta' l-ilma u l-elettriku;
- Introduċejna infrastrutturi ta' telekomunikazzjonijiet u IT l-aktar moderni li qiegħdu lil Malta fuq quddiemnett tas-soċjetà bbażata fuq għarfien. Dan l-iżvilupp kien kruċjali biex seta' jitwieled is-settur ta' ħaddiema mħarrġin fl-għarfien, settur li fiha Malta għandha potenzjal li tassew tipprovdi servizzi ta' kwalità;
- Żviluppajna s-servizzi tas-saħħa tagħna u daħħalna wħud ġodda u aħjar li jagħtu d-dinjità u r-rispett dovuti lill-anzjani tagħna;
- Żviluppajna aktar l-infrastruttura u s-servizzi biex nagħtu għajnuna personalizzata lil dawk li huma tassew fil-bżonn, u b'hekk naqqasna r-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali;
- Investejna bil-kbir fis-sistema edukattiva tagħna, għax nemmnu bis-sħiħ li l-prosperità futura tal-poplu tagħna tiddependi minn livelli ogħla ta' edukazzjoni u ħiliet;
- Investejna u tajna ħajja ġdida lis-sistema ta' amministrazzjoni pubblika tagħna biex nagħmluha twieġeb dejjem aħjar għall-ħtiġiet tal-pajjiż u tal-poplu tiegħu;
- Żviluppajna l-infrastruttura finanzjarja fil-pajjiż u inkoraġġejna t-twaqqif ta' setturi ekonomiċi ġodda li jħallu l-qligħ;
- Kattarna l-opportunitajiet għal taħriġ tul il-ħajja kollha u ħloqna possibilitajiet u kapaċitajiet ta' qligħ ġodda għall-forza tax-xogħol tagħna;
- Inkoraġġejna u appoġġjajna l-intrapriża lokali biex taħtaf u tgawdi l-benefiċċji li jiġu minn ekonomija liberalizzata u biex tikkontribwixxi aktar għall-iżvilupp ekonomiku ta' Malta;

- Żidna l-opportunitajiet għat-tagħlim matul il-ħajja u ħloqna possibilitajiet ġodda ta' taħriġ għall-ħaddiema tagħna;

- Inkoraġġejna u appoġġjajna l-intrapriżi lokali sabiex jaħtfu u jaqsmu mill-benefiċċji ta' ekonomija liberalizzata u b'hekk ikomplu jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku ta' Malta;

- Ħadna passi biex nippreservaw il-wirt storiku tagħna ħalli nkunu kustodji denji tal-wirt għani mgħoddi lilna mill-antenati tagħna. Aħna qegħdin ukoll nutilizzaw il-wirt tagħna b'mod li jħalli frott bil-fehma li jista' jkun għajn ta' dħul li tħalli l-qligħ lil diversi aspetti ta' l-ekonomija tagħna.

Sa llum tajna dak li wegħedna b'mod tanġibbli u viżibbli, u nwiegħdu wkoll li nagħmlu fil-ġejjieni. L-isfidi li għandna quddiemna jħeġġuna biss biex naħdmu aktar iebes u tajjeb ħalli niksbu u nagħtu aktar. Minn hawn tiġi:

- Id-diterminazzjoni tagħna li nieħdu kull pass sabiex ikollna ekonomija li tikber minkejja l-limitazzjonijiet ta' klima mondjali kuntrarja u prezzijiet taż-żejt dejjem telgħin;

- L-azzjoni riżoluta tagħna li nindirizzaw l-iżbilanċi fil-finanzi pubbliċi tagħna. Hhawn qed nagħtu dak li wegħedna, biex niżguraw sostenibilità għat-tul. F'dan il-qasam importanti qed nilħqu l-miri tagħna bla ma ndgħajfu jew innaqqsu l-provvediment ta' servizzi lil pajjiżna;

- Il-kampanja tagħna li relattivament irnexxiet li nattiraw investiment dirett barrani lejn il-pajjiż – investiment li qed jiftaħ opportunitajiet ta' xogħol ġodda għall-poplu tagħna u jtejjeb ukoll dawk eżistenti;

- L-investimenti sostanzjali ħafna tas-settur privat f'lukandi ġodda u aħjar u infrastrutturi oħra ta' l-industrija tat-turiżmu – eżempju hu t-Terminal tal-Passiġġieri li jkunu jagħmlu Kruċiera. Dan hu dimostrazzjoni konkreta tat-twemmin fil-vijabilità ta' l-ekonomija tagħna li għandhom in-nies u l-intrapriża li sawru dawn l-inizjattivi;

- Il-livell ogħla ta' attività fis-setturi tat-turiżmu u l-manifattura tagħna;

- Il-fiduċja mġedda fil-vijabilità tas-settur agrikolu - vijabilità li qed tkun ikkonsolidata b'investimenti sostanzjali fit-teknoloġija li qed tintuża u t-taħlita ta' prodott li qed issir f'dan il-qasam;

- Iż-żieda fin-numru ta' nies jaħdmu bi qligħ u l-livelli baxxi ta' nies qiegħda jirreġistraw li qed ikunu reġistrati – aħna qed jirnexxilna nagħmlu dan fi żmien ta' ristrutturar sostanzjali fis-settur privat u f'dak pubbliku. Fil-fatt, aħna qed jirnexxilna noħolqu impjiegi ġodda produttivi fis-settur privat fil-waqt li qed innaqqsu d-daqs tas-settur pubbliku tagħna;

- L-isforzi kontinwi tagħna li ntejbu l-istat ġenerali ta' l-ambjent tagħna – minbarra x-xogħlijiet infrastrutturali mferrxin ma' ħafna nħawi, aħna solvejna ħafna mill-problemi li kienu qed jinħolqu mill-ħafna miżbliet mhux regolati tagħna. Għall-ewwel darba, aħna daħħalna pjan ta' azzjoni ta' mmaniġġjar u konteniment effettiv ta' l-iskart għal pajjiżna;

- Il-korp konsiderevoli ta' xogħlijiet ta' toroq li għaddej fil-pajjiż – f'dan ir-rigward aħna qegħdin fit-triq it-tajba biex nagħtu lill-poplu tagħna xibka ta' toroq li tixraq lil nazzjon organizzata u li tħares 'il quddiem;

- L-investimenti enormi fl-infrastruttura edukattiva ta' pajjiżna – skejjel ġodda u rranġati qed joħolqu l-ambjent addattat u qed jikkumplementaw l-opportunitajiet dejjem jitwessgħu edukattivi, u wkoll introduzzjoni ta' riformi strateġiċi li jwasslu għal edukazzjoni ta' kwalità għal uliedna;

- L-Isptar mill-aktar modern Mater Dei – sa Lulju 2007 dan ikun jikkostitwixxi qabża ta' kwalità fil-kwalità ta' servizzi tas-saħħa f'pajjiżna;

- Il-programmi li rnexxew ta' ristrutturazzjoni tas-settur pubbliku tagħna – dawn daħħlu għadd kbir ta' effiċjenzji ġodda u taw ħajja ġdida lil intrapriżi bħall-Malta Shipyards, l-Air Malta, il-Gozo Channel Co. Ltd, l-Enemalta, il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma u l-Public Broadcasting Services;

- Il-programmi ta' privatizzazzjoni tagħna – dawn qed iqiegħdu intrapriżi bħall-Port Ħieles fuq sisien aktar sostenibbli u fl-istess proċess qed idaħħlu teknoloġiji aktar ġodda u pratki ta' maniġment aħjar fil-pajjiż;

- Il-parteċipazzjoni assertiva u li rnexxiet tagħna fl-istrutturi ta' l-Unjoni Ewropea – dawn qed jagħtu u se jibqgħu jagħtu opportunitajiet ġodda u benefiċċji għall-pajjiż u għall-poplu tiegħu.

Aħna lħaqna dan kollu u aktar għaliex ħdimna b'mod assidwu f'direzzjoni strateġika, koordinata u ffukata bl-objettiv ċar u distint li nkunu ta' servizz lill-poplu tagħna, u bil-fiduċja u konoxxenza sħaħ li nistgħu nwettqu l-wegħdiet tagħna.

## 5.1 Nazzjon li jeċċella

Li nkunu l-aħjar irid jixtered ma' l-essenza ta' dak li nagħmlu fil-firxa kollha ta' kull attività ekonomika. Aħna rridu nibdlu l-kultura tagħna minn waħda li kollox igħaddi u li biżżejjed kemm niddubaw. Aħna rridu nfittxu li nkunu l-aħjar f'dak li nagħmlu, u nkunu kburin meta nagħmlu dan, dejjem konxji sewwa li din l-attitudni lejn ix-xogħol u l-ħajja hija marbuta sfieq ma' eċċellenza ekonomika.

Din id-determinazzjoni hi materja fundamentali. Li neċċellaw ifisser li rridu ngħollu l-istandards lilhinn minn dawk tal-kompetituri tagħna. Ejja nqiegħdu l-eċċellenza fil-katina tal-valur tat-turiżmu. Il-vantaġġ kompetittiv tagħna jrid jibda lilhinn minn xtutna. Dan ifisser li dawk involuti fl-industrija tat-turiżmu għandhom ifittxu li jippromwovu lil Malta u s-servizzi tagħhom billi jesplojtjaw l-użu ta' l-ICT permezz ta' websajts interattivi ta' kwalità għolja, skambji bl-internet ma' nies fit-turiżmu barranin, u b'mezzi oħra.

Li nkunu l-aħjar jitlob li meta jaslu fuq xtutna t-turisti jintlaqgħu minn fornituri ta' servizz li huma lventi, edukati, dħulin u jafu jilqgħu lin-nies. Għandhom jintlaqgħu minn sewwieqa tat-taksis lebsin pulit, li jafu jitkellmu lsien it-turisti mis-swieq ewlenin tagħna, u li jżommu nollijiet skond it-tariffa; minn pulizija li lesti jgħinu f'ilsien it-turisti; minn sewwieqa tax-xarabanks, wejters, qaddejja fil-lukandi u persuni oħra sa l-inqas wieħed fil-katina tal-valur turistiku li mhux biss jifhmu x'ifisser servizz iżda fihom tidher kultura ta' servizz.

Li nkunu l-aħjar jitlob ambjent nadif – idealment l-indafa għandha toħroġ primarjament mix-xewqa tagħna li nkunu ndaf. Iżda fin-nuqqas ta' din ix-xewqa, regolamenti iebsa u li jistgħu jkunu infurzati għandhom jiżguraw li wieħed jibdel imġibtu. Ix-xarabanks, it-trasport goff, u kull xorta ta' vetturi tat-triq oħra m'għandhomx jitħallew jitfgħu dħaħen velenużi fit-toroq u l-ambjent tagħna.

Li nkunu l-aħjar jitlob li siti ta' kostruzzjoni jkunu mmaniġġjati skond in-normi ta' mmaniġġjar internazzjonali ta' siti b'ambjent regolat tajjeb li jimmaniġġja inkonvenjenzi u forom oħra ta' tinġis relatati mal-kostruzzjoni, u wkoll il-perikli li jkun hemm f'siti ta' kostruzzjoni u madwarhom.

Li nkunu l-aħjar jitlob li x-xtajtiet tagħna jkunu nodfa u miżmuma tajjeb u li dawk li jnaddfu x-xtut jirriflettu d-dehra ta' ndafa – ir-raġuni għaliex għandhom dak l-impjieg. Li nkunu l-aħjar jitlob li t-toroq, l-ibliet, il-fortifikazzjonijiet, u l-monumenti storiċi tagħna jinżammu tajjeb u ndaf.

Li nkunu l-aħjar jitlob li dawk kollha involuti fi-servizzi tas-saħħa u fis-servizzi soċjali iħarsu lejn xogħlhom bħala opportunita` unika li jservu lill-poplu Malti u li jieħdu sehem fil-proġett nazzjonali li nkunu ċentru reġjonali mill-aqwa fil-qasam tas-saħħa u fis-solidarjeta`.

Li nkunu l-aħjar jitlob li nibqgħu nitgħallmu tul ħajjitna kollha, li nseddqu l-għarfien tal-lingwi u li nagħtu valur u ngħaqqdu

l-isforzi tagħna kollha biex nikbru fl-innovazzjoni u l-kreattivita`.

Li nkunu l-aħjar jitlob li aħna, li aħna dawk involuti, ngħaqqdu l-intenzjonijiet u l-aspirazzjonijiet tagħna biex inħabirku ħalli nilħqu standards għoljin u naħdmu bis-sħiħ bla waqfien biex naslu għal standards saħansitra ogħla – ħalli nkunu ma' l-aħjar, jekk ma nkunux l-aħjar, fl-inizjattivi u intrapriżi li nidħlu għalihom.

Li nkunu l-aħjar jagħmel il-ħajja aħjar għalina u għal uliedna.

**NOTI**

1. The General Government sector in Malta is made up of the Budgetary Central Government, Extra Budgetary Units, and Local Councils.
2. The 2003 figures included the restructuring exercise of the shipyard sector which accounted for Lm57.9 million deficit and for Lm41.9 million debt.
3. Final data are consolidated within general government such that transfers within the sector are not taken into account.
4. This category includes the imputed social contributions, which are essentially equal to the 'Treasury Pensions'.
5. So far the Ministry responsible for education has published the following : Chalmers, Roderick et al, (2004), State Higher Education Funding; Spiteri, Lino et al, (2005) Inclusive and Special Education Review; and Ministry of Education, Youth and Employment (2005) , For All Children to Succeed – A new network organisation for quality education in Malta. In the coming months other policy review reports are expected to be published in the fields of Early Childhood Education, School Attendance and Absenteeism, Matriculation and Secondary Education Certificate (MATSEC), Adult Basic Skills, Career Guidance, Higher Education Governance, and Lifelong Learning.
6. Ministry of Education, Youth and Employment, (June, 2005), For All Children to Succeed – A new network organisation for quality education in Malta.
7. Chalmers, Roderick et al, (2004), State Higher Education Funding, Report of the State Higher Education Funding Working group to the Minister of Education, Youth and Employment.
8. See Chalmer's report page 14.